ISSN 1977-074X

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 13

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

17 ta' Jannar 2014

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom** 1

Rettifika

★ *Addendum* 74

Prezz: EUR 7

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2013/59/EURATOM

tal-5 ta' Diċembru 2013

li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikoli 31 u 32 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea, imfassla wara li nkisbet l-opinjoni ta' grupp ta' persuni maħtura mill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku minn fost l-esperti xjentifiċi fl-Istati Membri, u wara konsultazzjoni mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Billi:

(1) Il-punt (b) tal-Artikolu 2 tat-Trattat Euratom jipprevedi l-istabbiliment ta' standards (normi) uniformi ta' sikurezza biex tiġi protetta s-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali. L-Artikolu 30 tat-Trattat Euratom jiddefinixxi "normi bażiċi" għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jinħolqu minn radjazzjoni jonizzanti.

(2) Sabiex twettaq il-kompitu tagħha, il-Komunità stabbilixxiet standards bażiċi għall-ewwel darba fl-1959 permezz tad-Direttivi tat-2 ta' Frar 1959 li jistabbilixxu l-istandards bażiċi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema u tal-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jirriżultaw mir-radjazzjoni jonizzanti ([1]). Id-Direttivi ġew riveduti diversi drabi, l-aktar reċentement bid-Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom ([2]) li ħassret id-Direttivi ta' qabel.

(3) Id-Direttiva 96/29/Euratom tistabbilixxi l-istandards bażiċi ta' sikurezza. Id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva japplikaw għal sitwazzjonijiet normali u ta' emerġenza u ġew supplimentati b'leġiżlazzjoni aktar speċifika.

(4) Id-Direttiva tal-Kunsill 97/43/Euratom ([3]), id-Direttiva tal-Kunsill 89/618/Euratom ([4]), id-Direttiva tal-Kunsill 90/641/Euratom ([5]) u d-Direttiva tal-Kunsill 2003/122/Euratom ([6]) ikopru aspetti speċifiċi differenti kumplimentari għad-Direttiva 96/29/Euratom.

(5) Kif inhu rikonoxxut mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, il-kompiti li l-punt (b) tal-Artikolu 2 tat-Trattat Euratom jimponi fuq il-Komunità biex tistabbilixxi standards ta' sigurtà uniformi għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali ma jipprekludux, ħlief jekk ikun imsemmi espliċitament fl-istandards, li Stat Membru jipprevedi miżuri ta' protezzjoni aktar stretti. Peress li din id-Direttiva tipprevedi regoli minimi, l-Istati Membri għandhom ikunu liberi li jadottaw jew iżommu miżuri aktar stretti fis-suġġett kopert minn din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għal-libertà ta' moviment tal-merkanzija u s-servizzi fis-suq intern kif definita mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

(6) Il-Grupp ta' Esperti maħtur mill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku ta l-parir li l-istandards bażiċi ta' sikurezza, stabbiliti skont l-Artikoli 30 u 31 tat-Trattat Euratom,

([1]) ĠU L 11, 20.2.1959, p. 221.

([2]) Direttiva tal-Kunsill 96/29/Euratom tat-13 ta' Mejju 1996 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sigurtà għall-ħarsien tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti (ĠU L 159, 29.6.1996, p. 1).

([3]) Direttiva tal-Kunsill 97/43/Euratom tat-30 ta' Ġunju 1997 dwar il-protezzjoni tas-saħħa tal-individwi kontra l-perikli tar-radjazzjoni jonizzanti konnessa ma' esponiment għal raġunijiet mediċi, u li tħassar id-Direttiva 84/466/Euratom (ĠU L 180, 9.7.1997, p. 22).

([4]) Direttiva tal-Kunsill 89/618/Euratom tas-27 ta' Novembru 1989 dwar kif il-pubbliku ġenerali jkun informat dwar miżuri għal ħarsien tas-saħħa li għandhom ikunu applikati u dwar passi li għandhom jittieħdu fil-każ ta' emerġenza radjoloġika (ĠU L 357, 7.12.1989, p. 31).

([5]) Direttiva tal-Kunsill 90/641/Euratom tal-4 ta' Diċembru 1990 dwar il-protezzjoni operattiva ta' ħaddiema esterni esposti għar-riskju ta' radjazzjoni jonizzanti matul l-attivitajiet tagħhom f'żoni kkontrollati (ĠU L 349, 13.12.1990, p. 21).

([6]) Direttiva tal-Kunsill 2003/122/Euratom tat-22 ta' Diċembru 2003 dwar il-kontroll ta' sorsi radjuattivi siġillati ta' attività għolja u ta' sorsi orfni (ĠU L 346, 31.12.2003, p. 57).

għandhom iqisu r-rakkomandazzjonijiet il-ġodda tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni Radjoloġika (ICRP), b'mod partikolari dawk fil-Pubblikazzjoni ICRP 103 ([1]), u għandhom jiġu riveduti fid-dawl ta' evidenza xjentifika ġdida u tal-esperjenza operattiva.

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom isegwu l-approċċ abbażi tas-sitwazzjoni introdott mill-Pubblikazzjoni ICRP 103 u jiddistingwu bejn sitwazzjonijiet ta' esponiment eżistenti, ippjanati u ta' emerġenza. Meta jitqies dan il-qafas ġdid, din id-Direttiva għandha tkopri s-sitwazzjonijiet kollha ta' esponiment u l-kategoriji kollha ta' esponiment, jiġifieri l-esponimenti okkupazzjonali, pubbliċi u mediċi.

(8) Id-definizzjoni tat-terminu "impriża" f'din id-Direttiva, u l-użu tagħha fil-kuntest tal-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema kontra r-radjazzjoni jonizzanti, hi mingħajr preġudizzju għas-sistemi legali u l-allokazzjoni ta' responsabbiltajiet lil min jimpjega, introdotta fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva tal-Kunsill 89/291/KEE ([2]).

(9) Il-kalkolu tad-dożi minn kwantitajiet li jistgħu jitkejlu għandu jibbaża fuq valuri u relazzjonijiet stabbiliti xjentifikament. Ir-rakkomandazzjonijiet għal dawk il-koeffiċjenti tad-doża ġew ippubblikati u aġġornati mill-ICRP, b'kont meħud tal-progress xjentifiku. Ġabra ta' koeffiċjenti tad-doża bbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet preċedenti tagħha fil-Pubblikazzjoni ICRP 60 ([3]) tinsab disponibbli bħala l-Pubblikazzjoni ICRP 119 ([4]). Madankollu, fil-Pubblikazzjoni 103 tagħha, l-ICRP introduċiet metodoloġija ġdida għall-kalkolu tad-dożi abbażi tal-aktar tagħrif reċenti dwar ir-riskji tar-radjazzjoni, u fejn ikun possibbli din id-Direttiva għandha tieħu kont ta' dan.

(10) Għall-esponiment estern, il-valuri u r-relazzjonijiet ġew ippubblikati skont il-metodoloġija l-ġdida fil-Pubblikazzjoni ICRP 116 ([5]). Dawn id-data, kif ukoll il-kwantitajiet operattivi li huma stabbiliti sew, għandhom jintużaw għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

(11) Għall-esponiment intern, waqt li l-ICRP ikkonsolidat fil-Pubblikazzjoni ICRP 119 il-pubblikazzjonijiet kollha preċedenti (abbażi tal-Pubblikazzjoni ICRP 60) dwar il-koeffiċjenti tad-doża, ser jiġu pprovduti aġġornamenti ta' din il-pubblikazzjoni, u l-koeffiċjenti elenkati fiha ser ikunu sostitwiti b'valuri bbażati fuq il-fatturi ta' ponderazzjoni tar-radjazzjoni u t-tessut u l-fantażmi mogħtija fil-Pubblikazzjoni ICRP 103. Il-Kummissjoni ser tistieden lill-grupp ta' esperti msemmi fl-Artikolu 31 tat-Trattat Euratom biex ikompli jsegwi l-iżviluppi xjentifiċi u l-Kummissjoni ser tagħti rakkomandazzjonijiet dwar kull valur, relazzjoni jew koeffiċjent aġġornat, inkluż dwar l-esponiment għar-radon, b'kont meħud tal-opinjonijiet rilevanti tal-grupp ta' esperti.

(12) L-Artikolu 30 tat-Trattat Euratom jipprevedi li n-"normi bażiċi" huma intenzjonati li jinkludu "dożi massimi [permissibbli] kompatibbli ma' sigurtà adegwata". Din id-Direttiva għandha tistipula limiti tad-doża uniformi għal dan l-iskop.

(13) Għandhom jinżammu l-limiti attwali ta' doża effettiva annwali għall-esponiment okkupazzjonali u tal-pubbliku. Madankollu, ma għandux ikun hemm aktar ħtieġa li tiġi stabbilita medja fuq ħames snin, ħlief f'ċirkostanzi speċjali speċifikati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

(14) L-informazzjoni xjentifika ġdida dwar reazzjonijiet fuq it-tessuti titlob li l-prinċipju ta' ottimizzazzjoni jiġi applikat ukoll għad-dożi ekwivalenti, sabiex id-dożi jinżammu fl-iżjed livell baxx raġonevolment possibbli. Din id-Direttiva għandha ssegwi wkoll il-gwida l-ġdida tal-ICRP dwar il-limitu tad-doża ekwivalenti għal-lenti tal-għajn fl-esponiment okkupazzjonali.

(15) L-industriji li jipproċessaw materjal radjuattiv naturali estratt mill-qoxra tad-dinja jissoġġettaw lill-ħaddiema u, jekk il-materjal jiġi rilaxxat fl-ambjent, lill-membri tal-pubbliku, għal żieda fl-esponiment.

(16) Il-protezzjoni kontra s-sorsi ta' radjazzjoni naturali, aktar milli tiġi indirizzata separatament f'titolu speċifiku, għandha tkun integrata b'mod sħiħ fir-rekwiżiti ġenerali. B'mod partikolari, l-industriji li jipproċessaw materjali li fihom radjonuklidi naturali għandhom jiġu ttrattati fl-istess qafas regolatorju bħal prattiki oħra.

(17) Huwa xieraq li din id-Direttiva tistabbilixxi livelli ta' referenza għal konċentrazzjonijiet ta' radon fuq ġewwa u għar-radjazzjoni gamma fuq ġewwa emessa mill-materjali tal-bini, u li tintroduċi rekwiżiti dwar ir-riċiklaġġ ta' residwi minn industriji li jipproċessaw materjali radjuattivi naturali f'materjali tal-bini.

(18) Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 ([6]) jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini.

([1]) Ir-Rakkomandazzjonijiet tal-2007 tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni Radjoloġika.
([2]) Direttiva tal-Kunsill 89/291/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).
([3]) Rakkomandazzjonijiet tal-1990 tal-Kummissjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni Radjoloġika.
([4]) Kompendju ta' Koeffiċjenti tad-Doża abbażi tal-Pubblikazzjoni ICRP 60, 2012.
([5]) Koeffiċjenti ta' Konverżjoni għall-Kwantitajiet tal-Protezzjoni Radjoloġika għall-Esponimenti għar-Radjazzjoni Esterna, 2010.
([6]) Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kumerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).

(19) Materjali tal-kostruzzjoni li jitfgħu radjazzjoni gamma għandhom jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva iżda għandhom ukoll jitqiesu bħala prodotti tal-kostruzzjoni kif definit fir-Regolament (UE) Nru 305/2011, fis-sens li dak ir-Regolament japplika għal xogħol ta' kostruzzjoni li jitfa' sustanzi perikolużi jew radjazzjoni perikoluża.

(20) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 dwar id-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni, l-istabbiliment ta' standards armonizzati jew il-mezzi u l-kondizzjonijiet tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tad-dikjarazzjoni tal-prestazzjoni jew fir-rigward tal-marka CE.

(21) Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 jesiġi li ssir disponibbli informazzjoni meta jitqiegħdu prodotti fis-suq. Dan ma jaffettwax id-dritt tal-Istati Membri li jispeċifikaw fil-leġiżlazzjoni nazzjonali rekwiżiti għal aktar informazzjoni li jidhrilhom hija meħtieġa biex jiżguraw il-protezzjoni mir-radjazzjoni.

(22) Sejbiet epidemjoloġiċi reċenti minn studji residenzjali juru żieda statistikament sinifikanti ta' riskju ta' kanċer fil-pulmun minn esponiment fit-tul għar-radon fuq ġewwa f'livelli ta' madwar 100 Bq m^{-3}. Il-kunċett il-ġdid tas-sitwazzjonijiet ta' esponiment jippermetti li d-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 90/143/Euratom ([1]) jiġu inkorporati fir-rekwiżiti vinkolanti tal-Istandards Bażiċi tas-Sikurezza filwaqt li titħalla biżżejjed flessibbiltà għall-implimentazzjoni.

(23) Jinħtieġu pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali biex jindirizzaw ir-riskji fit-tul mill-esponiment għar-radon. Hu rikonoxxut li t-tipjip u l-esponiment għal livell għoli ta' radon ikkombinati flimkien jipproduċu riskju individwali ta' kanċer tal-pulmun sostanzjalment ogħla miż-żewġ fatturi individwalment u li t-tipjip jamplifika r-riskju mill-esponiment għar-radon fuq il-livell tal-popolazzjoni. Huwa importanti li l-Istati Membri jindirizzaw dawn iż-żewġ perikli għas-saħħa.

(24) Fejn, minħabba ċirkostanzi nazzjonali prevalenti, Stat Membru jistabbilixxi livell ta' referenza għall-konċentrazzjoni tar-radon fuq ġewwa fil-postijiet tax-xogħol li hu ogħla minn 300 Bq m^{-3}, l-Istat Membru għandu jippreżenta l-informazzjoni lill-Kummissjoni.

(25) Meta r-radon jitla' mill-art fil-postijiet tax-xogħol fuq ġewwa, dan għandu jitqies bħala sitwazzjoni ta' esponiment eżistenti peress li l-preżenza tar-radon hija fil-biċċa l-kbira indipendenti mill-attivitajiet imwettqa mill-bnedmin fil-post tax-xogħol. Dawk l-esponimenti jistgħu jkunu sinifikanti f'ċerti żoni jew tipi speċifiċi ta' postijiet tax-xogħol li għandhom jiġu identifikati mill-Istati Membri, u jekk il-livell ta' referenza nazzjonali jinqabeż għandhom jittieħdu miżuri xierqa ta' tnaqqis tar-radon u tal-esponiment. Fejn il-livelli jibqgħu ogħla mil-livell ta' referenza nazzjonali, dawn l-attivitajiet li jitwettqu mill-bnedmin fil-post tax-xogħol ma għandhomx jitqiesu bħala prattiki. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-postijiet tax-xogħol jiġu notifikati u li, f'każijiet fejn l-esponiment tal-ħaddiema aktarx ikun iktar minn doża effettiva ta' 6 mSv fis-sena jew valur korrispondenti integrat fuq il-ħin ta' esponiment għar-radon, dawn ikunu ġestiti bħala sitwazzjoni ta' esponiment ippjanat u li japplikaw limiti tad-doża, u jiddeterminaw liema rekwiżiti ta' protezzjoni operattiva jeħtieġu jiġu applikati.

(26) L-esponiment ta' ekwipaġġ tal-ajru għar-radjazzjoni kożmika għandha tiġi ġestita bħala sitwazzjoni ta' esponiment ippjanat. It-tħaddim ta' vetturi spazjali għandu jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva u, jekk jinqabżu l-limiti tad-doża, għandu jkun ġestit bħala esponiment b'awtorizzazzjoni speċjali.

(27) Il- kontaminazzjoni tal-ambjent tista' toħloq theddida għal saħħet il-bniedem. Il-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Komunità sa issa qieset biss din il-kontaminazzjoni bħala mezz ta' esponiment għall-membri tal-pubbliku direttament affettwati mir-rimi ta' materjal radjuattiv fl-ambjent. Peress li l-istat tal-ambjent jista' jkollu impatt fuq is-saħħa dejjiema tal-bniedem, tinħtieġ politika li tipproteġi l-ambjent mill-effetti ħżiena tar-radjazzjoni jonizzanti. Għall-finijiet tal-protezzjoni dejjiema ta' saħħet il-bniedem, għandhom jitqiesu l-kriterji ambjentali bbażati fuq data xjentifika rikonoxxuta internazzjonalment (bħal dik ippubblikata mill-KE, l-ICRP, il-Kumitat Xjentifiku tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti tar-Radjazzjoni Atomika u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA)).

(28) Fil-qasam mediku, żviluppi teknoloġiċi u xjentifiċi importanti wasslu għal żieda notevoli fl-esponiment tal-pazjenti. F'dan ir-rigward, din id-Direttiva għandha tenfasizza l-ħtieġa għal ġustifikazzjoni tal-esponiment mediku, inkluż l-esponiment ta' individwi asintomatiċi, u għandha ssaħħaħ ir-rekwiżiti fir-rigward tal-informazzjoni li għandha tingħata lill-pazjenti, ir-reġistrazzjoni u r-rappurtar tad-dożi mill-proċeduri mediċi, l-użu ta' livelli dijanjostiċi ta' referenza u d-disponibbiltà ta' apparat li jindika d-doża. Għandu jkun innotat li skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa l-kunċett tas-saħħa huwa mifhum bħala li jkopri stat tajjeb fiżiku, mentali u soċjali ta' individwu u mhux sempliċiment in-nuqqas ta' mard jew debolezza.

(29) Livell għoli ta' kompetenza u definizzjoni ċara tar-responsabbiltajiet u l-kompiti fost il-professjonisti kollha involuti fl-esponiment mediku huma fundamentali biex jiżguraw protezzjoni adegwata tal-pazjenti li qed isegwu proċeduri radjodijanjostiċi u radjoterapewtiċi mediċi. Dan japplika għal tobba, dentisti u professjonisti oħra fil-qasam tas-saħħa li huma intitolati jieħdu responsabbiltà klinika għal esponimenti mediċi individwali, għal fiżiċi

([1]) Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 90/143/Euratom tal-21 ta' Frar 1990 dwar il-protezzjoni ta' membri tal-pubbliku kontra l-esponiment fuq ġewwa għar-radon (ĠU L 80, 27.3.1990, p. 26).

tal-mediċina u għal professjonisti oħra li jhaddmu aspetti prattiċi ta' proċeduri radjoloġiċi mediċi, bħar-radjografi u t-tekniċi fil-mediċina radjodijanjostika, il-mediċina nukleari u r-radjoterapija.

(30) L-esponimenti mediċi aċċidentali u mhux intenzjonati huma sors ta' tħassib kontinwu. Filwaqt li għat-tagħmir mediku hija meħtieġa sorveljanza wara l-kummerċjalizzazzjoni skont id-Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE ([1]), huwa r-rwol tal-awtorità kompetenti fil-protezzjoni mir-radjazzjoni li tindirizza l-prevenzjoni ta' esponiment mediku aċċidentali u mhux intenzjonat u s-segwitu f'każ li dan iseħħ. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat ir-rwol tal-programmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità, fosthom l-istudju tar-riskji fir-radjoterapija, biex jiġu evitati inċidenti bħal dawn, u f'tali każijiet għandhom ikunu meħtieġa r-reġistrazzjoni, ir-rappurtar, l-analiżi u l-azzjoni korrettiva.

(31) Fil-prattika veterinarja qed jiżdied l-użu tar-radjazzjoni jonizzanti għat-teħid ta' immaġini, spiss b'tagħmir diġà użat mis-settur mediku. Fil-każ speċjalment ta' annimali kbar, jew fl-għoti ta' radjofarmaċewtiċi lill-annimali, hemm riskju sostanzjali ta' esponimenti okkupazzjonali għolja u ta' esponiment ta' persuni li jakkumpanjaw l-annimal. Dan jitlob li jingħata tagħrif adegwat kif ukoll tagħlim lill-veterinarji u l-persunal tagħhom.

(32) L-hekk imsejħa esponimenti "medikolegali" introdotti fid-Direttiva 97/43/Euratom issa ġew identifikati b'mod ċar bħala esponiment intenzjonat ta' individwi għal finijiet li mhumiex mediċi, jew "esponimenti għat-teħid ta' immaġini mhux mediċi". Prattiki bħal dawn jeħtieġ li jitpoġġew taħt kontroll regolatorju xieraq u għandhom ikunu ġustifikati b'mod simili għall-esponimenti mediċi. Madankollu, jinħtieġ approċċ differenti, fuq naħa waħda, għall-proċeduri li jużaw tagħmir radjoloġiku mediku u, fuq in-naħa l-oħra, għall-proċeduri li ma jużawx dak it-tagħmir. B'mod ġenerali, għandhom japplikaw il-limiti ta' doża annwali u r-restrizzjonijiet korrispondenti għall-esponiment tal-pubbliku.

(33) L-Istati Membri għandhom ikunu meħtieġa jressqu ċerti prattiki li jinvolvu periklu mir-radjazzjoni jonizzanti għal sistema ta' kontroll regolatorju jew li jipprojbixxu ċerti prattiki.

(34) L-applikazzjoni ta' prinċipji ta' protezzjoni mir-radjazzjoni fir-rigward ta' prodotti għall-konsumatur tirrikjedi li l-kontroll regolatorju tal-prattiki jibda fl-istadju tad-disinn u l-manifattura tal-prodotti jew fil-mument tal-importazzjoni ta' dawn il-prodotti. Għalhekk, il-manifattura jew l-importazzjoni ta' prodotti għall-konsumatur għandha tiġi rregolata u għandhom jiġu introdotti proċeduri speċifiċi, sabiex tkun possibbli ġustifikazzjoni f'waqtha tal-użu intenzjonat tal-prodotti għall-konsumatur, kif ukoll biex ikun possibbli li jiġi vverifikat li dan l-użu jista' jkun eżentat minn kontroll regolatorju. Filwaqt li valutazzjoni bħal din għandha tkompli ssir fl-Istat Membru li fih jitwettqu dawk il-prattiki, l-Istati Membri għandhom jinformaw lil xulxin, sabiex huma jkunu jistgħu jitolbu informazzjoni rilevanti mill-impriżi kkonċernati u jagħmlu l-valutazzjoni proprja tagħhom.

(35) Iż-żieda intenzjonali ta' sustanzi radjuattivi għal ċerti kategoriji ta' prodotti għall-konsumatur għandha tibqa' projbita, iżda meħtieġ li jiġi kkjarifikat li dan ukoll japplika għall-attivazzjoni ta' prodotti bħal dawn permezz tal-irradjazzjoni, mingħajr preġudizzju għal leġiżlazzjoni eżistenti bħad-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(36) L-Istati Membri għandhom jibbenefikaw mill-applikazzjoni ta' approċċ gradwali għall-kontroll regolatorju, li għandu jkun proporzjonali għall-kobor u l-probabbiltà tal-esponimenti li jirriżultaw mill-prattiki, u proporzjonali għall-impatt li l-kontroll regolatorju jista' jkollu fit-tnaqqis ta' dawn l-esponimenti jew fit-titjib tas-sikurezza tal-installazzjonijiet.

(37) Huwa ta' benefiċċju li jkun hemm l-istess valuri ta' konċentrazzjoni skont l-attività kemm għall-eżenzjoni ta' prattiki mill-kontroll regolatorju kif ukoll għall-approvazzjoni ta' materjali minn prattiki awtorizzati. Wara rieżami komprensiv, ġie konkluż li l-valuri rakkomandati fil-pubblikazzjoni tal-IAEA "Application of the Concepts of Exclusion, Exemption and Clearance" ([3]) jistgħu jintużaw kemm bħala valuri predefiniti għall-eżenzjoni, li jissostitwixxu l-valuri ta' konċentrazzjoni tal-attività stabbiliti fl-Anness I għad-Direttiva 96/29/Euratom, kif ukoll bħala livelli ġenerali għall-approvazzjoni, li jissostitwixxu l-valuri rakkomandati mill-Kummissjoni fil-Protezzjoni mir-Radjazzjoni Nru 122 ([4]).

(38) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jagħtu eżenzjoni speċifika mill-awtorizzazzjoni għal ċerti prattiki li jinvolvu attivitajiet li jaqbżu l-valuri ta' eżenzjoni.

(39) Il-livelli speċifiċi ta' approvazzjoni, kif ukoll il-gwida Komunitarja korrispondenti ([5]), jibqgħu għodod importanti għall-ġestjoni tal-volumi kbar ta' materjal li jirriżultaw mill-iżmantellar ta' faċilitajiet awtorizzati.

([1]) Direttiva tal-Kunsill 93/42/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993 dwar mezzi mediċi (ĠU L 169, 12.7.1993, p. 1).

([2]) Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw ikel u ingredjenti tal-ikel trattati b'radjazzjoni jonizzanti (ĠU L 66, 13.3.1999, p. 16).

([3]) Is-Serje ta' Standards tas-Sikurezza tal-IAEA 2004, L-applikazzjoni tal-Kunċetti ta' Esklużjoni, Eżenzjoni u Approvazzjoni [traduzzjoni mhux uffiċjali].

([4]) Protezzjoni mir-Radjazzjoni 122: Użu Prattiku tal-Kunċetti ta' Approvazzjoni u Eżenzjoni [traduzzjoni mhux uffiċjali]

([5]) Protezzjoni mir-Radjazzjoni 89: Kriterji rakkomandati għal Protezzjoni Radjoloġika għar-riċiklaġġ ta' metalli mill-iżmantellar ta' installazzjonijiet nukleari [traduzzjoni mhux uffiċjali], Protezzjoni mir-Radjazzjoni 113: Kriterji Rakkomandati għall-Protezzjoni Radjoloġika għall-Approvazzjoni ta' Bini u Skart tal-Bini mill-Iżmantellar ta' Installazzjonijiet Mukleari [traduzzjoni mhux uffiċjali], Protezzjoni mir-Radjazzjoni 122: Użu Prattiku tal-Kunċetti ta' Approvazzjoni u Eżenzjoni traduzzjoni mhux uffiċjali].

(40) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħaddiema esterni jirċievu l-istess protezzjoni bħall-ħaddiema esposti impjegati minn impriża li qed twettaq prattiki b'sorsi ta' radjazzjoni. L-arranġamenti speċifiċi għall-ħaddiema esterni fid-Direttiva 90/641/Euratom għandhom jiġu estiżi biex ikopru wkoll ix-xogħol f'żoni sorveljati.

(41) Fir-rigward tal-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' esponiment f'emerġenza, l-approċċ attwali bbażat fuq livelli ta' intervent għandu jiġi sostitwit b'sistema aktar komprensiva li tinkludi valutazzjoni tas-sitwazzjonijiet potenzjali ta' esponiment f'emerġenza, sistema ġenerali għall-ġestjoni ta' emerġenzi, pjanijiet ta' reazzjoni għal emerġenza, u strateġiji ppjanati minn qabel għall-ġestjoni ta' kull avveniment postulat.

(42) L-introduzzjoni ta' livelli ta' referenza u f'sitwazzjonijiet ta' esponiment f'emerġenza eżistenti tippermetti l-protezzjoni tal-individwu kif ukoll il-kunsiderazzjoni ta' kriterji soċjali oħra bl-istess mod bħal-limiti tad-doża u r-restrizzjonijiet fuq id-doża għal sitwazzjonijiet ta' esponiment ippjanat.

(43) Il-ġestjoni effiċjenti ta' emerġenza b'konsegwenzi transkonfinali titlob kooperazzjoni msaħħa bejn l-Istati Membri fl-ippjanar u fir-reazzjoni għal emerġenzi.

(44) Filwaqt li l-iskambju ta' informazzjoni urġenti bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fil-każ ta' emerġenza huwa stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/600/Euratom ([1]), meħtieġ li jiġu stabbiliti arranġamenti għal skambju ta' informazzjoni lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni sabiex tkun possibbli kooperazzjoni mal-Istati Membri l-oħrajn kollha u ma' pajjiżi terzi li jistgħu jkunu involuti jew aktarx ikunu affettwati.

(45) L-IAEA flimkien mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, l-Aġenzija għall-Enerġija Nukleari tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi, u l-Organizzazzjoni Pan-Amerikana tas-Saħħa rrevedew l-Istandards Internazzjonali Bażiċi tas-Sikurezza fid-dawl tal-Pubblikazzjoni 103 l-ġdida tal-ICRP, u l-Kummissjoni informat lill-IAEA bid-deċiżjoni tagħha tas-6.8.2012 li tikkosponsorizza dan id-dokument f'isem il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

(46) Jeħtieġ li jiġu kkjarifikati r-rwoli u r-responsabbiltajiet tas-servizzi u l-esperti nazzjonali involuti fl-iżgurar tal-aspetti tekniċi u prattiċi tal-protezzjoni mir-radjazzjoni jiġu ġestiti b'livell għoli ta' kompetenza. Din id-Direttiva għandha tiddistingwi b'mod ċar bejn ir-rwoli u r-responsabbiltajiet differenti tas-servizzi u l-esperti mingħajr ma tipprekludi li l-oqfsa nazzjonali jippermettu r-ragruppament tar-responsabbiltajiet jew l-assenjazzjoni ta' responsabbiltajiet għal kompiti tekniċi u prattiċi speċifiċi fil-protezzjoni mir-radjazzjoni lil esperti speċifiċi.

(47) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2004/2/Euratom tat-18 ta' Diċembru 2003 dwar ir-rimi ta' skart radjuattiv f'forma ta' gass jew likwidu fl-ambjent minn reatturi tal-enerġija nukleari u impjanti ta' riproċessar waqt ħidma normali ([2]) introduċiet informazzjoni standardizzata għar-rappurtar ta' data dwar rimi minn impjanti tal-enerġija nukleari u faċilitajiet ta' riproċessar, għat-trażmissjoni ta' data lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 36 tat-Trattat Euratom.

(48) L-Istati Membri għandu jkollhom stabbiliti rekwiżiti preċiżi għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għal rimi u l-monitoraġġ tar-rimi. Ir-rappurtar ta' data lill-awtorità kompetenti dwar ir-rimi minn impjanti tal-enerġija nukleari u faċilitajiet ta' riproċessar għandu jkun ibbażat fuq informazzjoni standardizzata.

(49) Skont l-Artikolu 35 tat-Trattat Euratom l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun stabbilit programm xieraq għall-monitoraġġ tal-livelli ta' radjoattività fl-ambjent. Skont l-Artikolu 36 tat-Trattat Euratom l-Istati Membri għandhom jirrapportaw ir-riżultati ta' dak il-monitoraġġ lill-Kummissjoni. Ir-rekwiżiti ta' rappurtar skont l-Artikolu 36 tat-Trattat Euratom ġew spjegati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2000/473/Euratom ([3]).

(50) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 333/2011 ([4]) jistabbilixxi kriterji li jiddeterminaw meta ċerti tipi ta' ruttam tal-metall ma jibqgħux skart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart ([5]). Jeħtieġ li jittieħdu miżuri biex ikun evitat it-tidwib aċċidentali ta' sorsi orfni kif ukoll biex tkun żgurata l-konformità tal-metalli li joriġinaw minn stallazzjonijiet nukleari, pereżempju waqt l-iżmantellament, mal-kriterji tal-approvazzjoni.

(51) Iridu jsiru bidliet fid-Direttiva 2003/122/Euratom biex jitwessgħu xi whud mir-rekwiżiti sabiex jinkludu kwalunkwe sors radjuattiv. Għad hemm problemi mhux solvuti rigward is-sorsi orfni, u kien hemm każijiet sinifikanti ta' metall ikkontaminat li ġie importat minn pajjiżi terzi. Għalhekk, għandu jiġi introdott rekwiżit għan-notifika ta' inċidenti b'sorsi orfni jew il-kontaminazzjoni ta' metall. Huwa importanti wkoll li jiġu armonizzati l-livelli li jridu jinqabżu sabiex sors jitqies bħala sors issiġillat ta' attività għolja ma' dawk stabbiliti mill-IAEA.

([1]) ĠU L 371, 30.12.1987, p. 76.

([2]) ĠU L 2, 6.1.2004, p. 36.

([3]) ĠU L 191, 27.7.2000, p. 37.

([4]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 333/2011 tal-31 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kriterji li jiddeterminaw meta ċerti tipi ta' metall skreppjat ma jibqgħux jitqiesu bħala skart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 94, 8.4.2011, p. 2).

([5]) ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

(52) Bis-saħħa tal-Artikolu 106a(3) tat-Trattat Euratom, il-leġiżlazzjoni adottata abbażi tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma għandhiex tidderoga mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, u konsegwentement il-prinċipji tal-ġustifikazzjoni u l-ottimizzazzjoni għandhom japplikaw speċjalment għall-apparati mediċi u l-prodotti tal-kostruzzjoni koperti bil-marka CE.

(53) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar dokumenti ta' spjegazzjoni tat-28 ta' Settembru 2011, l-Istati Membri ntrabtu li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, it-trażmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata.

(54) Id-Direttiva 96/29/Euratom u d-Direttivi kumplimentari 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom
għandhom jitħassru,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

SUĠĠETT U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi standards uniformi ta' sikurezza bażika għall-protezzjoni tas-saħħa tal-individwi soġġetti għal esponimenti okkupazzjonali, mediċi u pubbliċi mill-perikli kkawżati mir-radjazzjoni jonizzanti.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tapplika għal kwalunkwe sitwazzjoni ta' esponiment ippjanat, eżistenti jew ta' emerġenza li jinvolvi riskju minn esponiment għar-radjazzjoni jonizzanti li ma jistax jiġi injorat mill-perspettiva tal-protezzjoni mir-radjazzjoni jew fir-rigward tal-ambjent bil-ħsieb tal-protezzjoni fit-tul ta' saħħet il-bniedem.

2. Din id-Direttiva tapplika b'mod partikolari għal:

(a) il-manifattura, il-produzzjoni, l-ipproċessar, it-trattament, ir-rimi, l-użu, il-ħażna, iż-żamma, it-trasportazzjoni, l-importazzjoni u l-esportazzjoni mill-Komunità ta' materjal radjuattiv;

(b) il-manifattura u t-tħaddim ta' tagħmir elettriku li jitfa' radjazzjoni jonizzanti u li fih komponenti li jaħdmu b'differenza ta' potenzjal ta' aktar minn 5 kilovolt (kV);

(c) attivitajiet mill-bniedem li jinvolvu l-preżenza ta' sorsi ta' radjazzjoni naturali li jwasslu għal żieda sinifikanti fl-esponiment tal-ħaddiema jew tal-membri tal-pubbliku, b'mod partikolari:

(i) it-tħaddim ta' inġenji tal-ajru u vetturi spazjali, fir-rigward tal-esponiment tal-ekwipaġġ;

(ii) l-ipproċessar ta' materjali b'radjonuklidi li jinsabu fin-natura;

(d) l-esponiment ta' ħaddiema jew membri tal-pubbliku għar-radon fuq ġewwa, l-esponiment estern minn materjali tal-bini u l-każijiet ta' esponiment li jdum u li jirriżulta mill-effetti ta' wara emerġenza jew ta' attività tal-bniedem fil-passat.

(e) l-istat ta' tħejjija għal sitwazzjonijiet ta' esponiment ta' emerġenza li jitqiesu li jiġġustifikaw miżuri ta' protezzjoni tas-saħħa tal-membri tal-pubbliku jew tal-ħaddiema, l-ippjanar tar-reazzjoni għal dawn is-sitwazzjonijiet u l-ġestjoni tagħhom.

Artikolu 3

Esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni

Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal:

(a) esponiment għal-livell naturali ta' radjazzjoni, bħar-radjonuklidi li jinsabu fil-ġisem tal-bniedem u r-radjazzjoni kożmika prevalenti fuq l-art;

(b) esponiment tal-membri tal-pubbliku jew ta' ħaddiema li mhumiex parti minn ekwipaġġ tal-ajru jew spazjali għar-radjazzjoni kożmika waqt titjira jew fl-ispazju;

(c) esponiment 'il fuq mill-art għar-radjonuklidi li jinsabu fil-qoxra mhux mittiefsa tad-dinja.

KAPITOLU II

DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 4

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Doża assorbita (D)" hija l-enerġija assorbita għal kull unità tal-massa

$$D = \frac{d\bar{\varepsilon}}{dm}$$

fejn

— $d\bar{\varepsilon}$ hija l-enerġija medja mogħtija mir-radjazzjoni jonizzanti lill-materja f'element ta' volum,

— dm hi l-massa tal-materja f'dan l-element ta' volum.

F'din id-Direttiva, id-doża assorbita tfisser id-doża medja fuq tessut jew organu. L-unità għad-doża assorbita hija l-gray (Gy) fejn gray wieħed huwa ugwali għal joule wieħed kull kilogramm: $1\ Gy = 1\ J\ kg^{-1}$;

(2) "aċċeleratur" tfisser tagħmir jew stallazzjoni fejn jiġu aċċellerati partiċelli b'mod li jipproduċi radjazzjoni jonizzanti ta'enerġija ogħla minn 1 mega-electron volt (MeV);

(3) "esponiment aċċidentali" tfisser esponiment ta' individwi, għajr ħaddiema ta' emerġenza, b'riżultat ta' inċident;

(4) "attivazzjoni" tfisser proċess li permezz tiegħu nuklide stabbli jiġi ttrasformat f'radjonuklide permezz tal-irradjazzjoni tal-materjal fejn ikun jinsab b'partiċelli jew b'fotoni ta' enerġija qawwija;

(5) "attività" (A) hija l-attività ta' ammont ta' radjonuklide fi stat ta' enerġija partikolari f'mument partikolari. Hija l-kwozjent ta' dN b'dt, fejn dN hu l-valur mistenni tan-numru ta' tranżizzjonijiet nukleari minn dak l-istat ta' enerġija fl-intervall ta' ħin dt:

$$A = \frac{dN}{dt}$$

l-unità tal-attività hi l-becquerel (Bq);

(6) "apprendist" tfisser persuna li tirċievi taħriġ jew tagħlim f'impriża bil-ħsieb li teżerċita ħila speċifika;

(7) "awtorizzazzjoni" tfisser ir-reġistrazzjoni ta' prattika jew il-ħruġ ta' liċenzja għaliha;

(8) "becquerel" (Bq) hija l-isem speċjali tal-unità ta' attività. Becquerel wieħed hu ekwivalenti għal tranżizzjoni nukleari waħda kull sekonda: $1\ Bq = 1\ s^{-1}$;

(9) "materjal tal-bini" tfisser kwalunkwe prodott tal-kostruzzjoni maħsub biex jiġi inkorporat permanentement f'bini jew f'partijiet minnu u li l-prestazzjoni tiegħu għandha effett fuq il-prestazzjoni tal-bini fir-rigward tal-esponiment għar-radjazzjoni jonizzanti tan-nies li jokkupawh;

(10) "dawk li jagħtu kura u konfort" tfisser individwi li konxjament u għax iridu jirċievu esponiment għal radjazzjoni jonizzanti meta jkunu qed jgħinu, għajr bħala parti mix-xogħol tagħhom, f'appoġġ u konfort għal individwi li jkunu għaddejjin jew li jkunu għaddew minn esponiment mediku;

(11) "livelli ta' approvazzjoni" tfisser il-valuri stabbiliti mill-awtorità kompetenti jew mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, u espressi f'termini ta' konċentrazzjonijiet ta' attività, li fihom jew taħthom il-materjal li jirriżulta minn kwalunkwe prattika soġġetta għal notifika jew awtorizzazzjoni jistgħu jinħelsu mir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva;

(12) "awditu kliniku" tfisser eżami jew reviżjoni sistematika tal-proċeduri mediċi li tfittex li ttejjeb il-kwalità u r-riżultat tal-kura tal-pazjent permezz ta'reviżjoni strutturata fejn prattiki radjoloġiċi, proċeduri u riżultati jiġu eżaminati fid-dawl ta' standards miftehma għal proċeduri mediċi radjoloġiċi tajba, bil-modifika tal-prattiċi fejn indikat u l-applikazzjoni ta' standards ġodda fejn neċessarju;

(13) "responsabbiltà klinika" tfisser ir-responsabbiltà ta' prattikant għal esponimenti mediċi individwali, b'mod partikolari: ġustifikazzjoni; ottimizzazzjoni; evalwazzjoni klinika tar-riżultat; kooperazzjoni ma' speċjalisti oħra u ma' persunal, kif meħtieġ, dwar l-aspetti prattiċi ta' proċeduri radjoloġiċi mediċi; kisba ta' informazzjoni, jekk ikun adatt, dwar eżamijiet preċedenti; l-għoti ta' informazzjoni u/jew rekords radjoloġiċi mediċi eżistenti lil prattikanti oħra u/jew lill-parti li tirreferi, kif meħtieġ; u l-għoti ta' informazzjoni dwar ir-riskju ta' radjazzjoni jonizzanti lil pazjenti u individwi oħra involuti, kif ikun adatt;

(14) "doża effettiva impenjata" (E(τ)) hija s-somma tad-dożi ekwivalenti impenjati fl-organi jew tessuti $H_T(\tau)$ li jirriżultaw minn teħid, kull waħda multiplikata bil-fattur ta' ponderazzjoni tat-tessut w_T. Hi ddefinita bi:

$$E(\tau) = \sum_T w_T H_T(\tau)$$

Meta tiġi speċifikata E(τ) τ tingħata bħala n-numru ta' snin li fuqhom issir l-integrazzjoni. Għall-fini ta' konformità mal-limiti tad-doża speċifikati f'din id-Direttiva, τ hija perjodu ta' 50 sena wara t-teħid għall-adulti u sal-età ta' 70 sena għat-trabi u t-tfal. L-unità għad-doża effettiva impenjata hija sievert (Sv);

(15) "doża ekwivalenti impenjata" ($H_T(\tau)$) hija l-integral fuq iż-żmien (t) tar-rata tad-doża ekwivalenti f'tessut jew organu T li ser tittieħed minn individwu bħala riżultat ta' teħid.

Tasal għaliha permezz ta':

$$H_T(\tau) = \int_{t_0}^{t_0+\tau} \dot{H}_T(t)\, dt$$

għal teħid f'ħin t_0 fejn

— $\dot{H}_T(t)$ hija r-rata tad-doża ekwivalenti rilevanti f'organu jew tessut T fil-ħin *t*,

— τ hu l-ħin li titwettaq fuqu l-integrazzjoni.

Meta tiġi speċifikata $H_T(\tau)$, τ tingħata fin-numru ta' snin li ssir l-integrazzjoni fuqhom. Għall-fini ta' konformità mal-limiti tad-doża speċifikati f'din id-Direttiva, τ hija perjodu ta' 50 sena għall-adulti u sal-età ta' 70 sena għat-trabi u t-tfal. L-unità tad-doża ekwivalenti impenjata hija s-sievert (Sv);

(16) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità jew sistema ta' awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri sabiex ikollhom awtorità legali għall-finijiet ta' din id-Direttiva;

(17) "prodott għall-konsumatur" tfisser apparat jew oġġett immanifatturat li fih ikunu ġew inkorporati jew prodotti apposta radjonuklidi permezz ta' attivazzjoni, jew li jiġġenera radjazzjoni jonizzanti, u li jista' jinbiegħ jew isir disponibbli għal membri tal-pubbliku mingħajr sorveljanza speċjali jew kontroll regolatorju wara l-bejgħ;

(18) "kontaminazzjoni" tfisser il-preżenza mhux intenzjonata jew mixtieqa ta' sustanzi radjuattivi fuq uċuħ jew ġewwa solidi, likwidi jew gassijiet jew fuq il-ġisem tal-bniedem;

(19) "żona kkontrollata" tfisser żona suġġetta għal regoli speċjali għall-iskop ta' protezzjoni kontra radjazzjoni jonizzanti jew għall-impediment tal-firxa ta' kontaminazzjoni radjuattiva u li għaliha l-aċċess huwa kkontrollat;

(20) "livelli dijanjostiċi ta' referenza" tfisser il-livelli tad-doża fil-prattika tar-radjodijanjostika medika jew fil-prattika radjoloġika ta' intervent, jew, fil-każ tar-radjofarmaċewtiċi, il-livelli ta' attività, għal eżamijiet tipiċi għal gruppi ta' pazjenti ta' daqs standard jew fantażmi standard għal tipi ta' tagħmir iddefiniti b'mod ġenerali;

(21) "sors li ma għadux jintuża" tfisser sors issiġilat li ma jkunx għadu jintuża jew ma jkunx hemm intenzjoni li jintuża għall-prattika li għaliha tkun ingħatat awtorizzazzjoni iżda li jibqa' jeħtieġ ġestjoni sikura;

(22) "restrizzjoni fuq id-doża" tfisser restrizzjoni stabbilita bħala l-ogħla limitu prospettiv ta' dożi fuq individwu, użata biex tiddefinixxi l-firxa ta' alternattivi kkunsidrati fil-proċess tal-ottimizzazzjoni għal sors partikolari ta' radjazzjoni f'sitwazzjoni ta' esponiment ippjanat;

(23) "limitu tad-doża" tfisser il-valur tad-doża effettiva (fejn ikun applikabbli, doża effettiva impenjata) jew id-doża ekwivalenti f'perjodu speċifikat, li ma għandux jinqabeż għal individwu;

(24) "servizz ta' dożimetrija" tfisser korp jew individwu li għandhom il-kompetenza biex jikkalibraw, jaqraw jew jinterpretaw tagħmir individwali tal-monitoraġġ, jew biex jikkalkolaw ir-radjuattività fil-ġisem tal-bniedem jew f'kampjuni bijoloġiċi, jew biex jivvalutaw id-dożi, li l-kapaċità tagħhom li jaġixxu f'dan ir-rigward tkun rikonoxxuta mill-awtorità kompetenti;

(25) "doża effettiva" (E) hija s-somma tad-dożi ekwivalenti ponderati fit-tessuti u l-organi kollha tal-ġisem minn esponiment intern u estern. Hija ddefinita bl-espressjoni:

$$E = \sum_T w_T H_T = \sum_T w_T \sum_R w_R D_{T,R}$$

fejn

— $D_{T,R}$ hija d-doża medja assorbita fuq it-tessut jew l-organu T, minħabba r-radjazzjoni R,

— w_R huwa l-fattur ta' ponderazzjoni tar-radjazzjoni u

— w_T huwa l-fattur ta' ponderazzjoni għat-tessut jew l-organu T.

Il-valuri għal w_T u w_R huma speċifikati fl-Anness II. L-unità tad-doża effettiva hija s-sievert (Sv);

(26) "emerġenza" tfisser sitwazzjoni jew avveniment mhux ta' rutina li jinvolvi sors ta' radjazzjoni li jeħtieġ azzjoni immedjata biex jittaffew konsegwenzi avversi serji għas-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem, il-kwalità tal-ħajja, il-proprjetà jew l-ambjent, jew periklu li jista' jwassal għal konsegwenzi avversi serji bħal dawn;

(27) "sitwazzjoni ta' esponiment ta' emerġenza" tfisser sitwazzjoni ta' esponiment minħabba emerġenza;

(28) "sistema ta' ġestjoni ta' emerġenza" tfisser qafas legali jew amministrattiv li jistabbilixxi r-responsabbiltajiet għall-istat ta' tħejjija u r-reazzjoni għal emerġenza, u l-arranġamenti għat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-każ ta' sitwazzjoni ta' esponiment f'emerġenza;

(29) "esponiment okkupazzjonali ta' emerġenza" tfisser esponiment f'sitwazzjoni ta' esponiment f'emerġenza mġarrab minn ħaddiem tal-emerġenza;

(30) "pjan ta' reazzjoni għal emerġenza" tfisser arranġamenti għall-ippjanar ta' reazzjoni adegwata fil-każ ta' sitwazzjoni ta' esponiment f'emerġenza abbażi ta' avvenimenti postulati u xenarji relatati;

(31) "ħaddiem tal-emerġenza" tfisser kwalunkwe persuna li għandha rwol definit waqt emerġenza u li tista' tkun esposta għar-radjazzjoni waqt li tieħu azzjoni b'reazzjoni għall-emerġenza;

(32) "monitoraġġ ambjentali" tfisser il-kejl tar-rati tad-doża esterna minħabba sustanzi radjuattivi fl-ambjent jew ta' konċentrazzjonijiet ta' radjonuklidi fl-ambjent;

(33) "doża ekwivalenti" (H_T) hija d-doża assorbita, f'tessut jew organu T pponderat għat-tip u l-kwalità ta' radjazzjoni R. Tasal għaliha permezz ta':

$$H_{T,R} = w_R D_{T,R},$$

fejn

— $D_{T,R}$ hija d-doża medja assorbita medja fit-tessut jew l-organu T, minħabba r-radjazzjoni R,

— w_R huwa l-fattur ta' ponderazzjoni tar-radjazzjoni.

Meta l-kamp tar-radjazzjoni jkun kompost minn tipi u enerġiji b'valuri differenti ta' w_R, id-doża ekwivalenti totali, H_T, tasal għaliha permezz ta':

$$H_T = \sum_R w_R D_{T,R}$$

Il-valuri għal w_R huma speċifikati fl-Anness II, il-Parti A. L-unità għad-doża ekwivalenti hija s-sievert (Sv);

(34) "livell ta' eżenzjoni" tfisser valur stabbilit minn awtorità kompetenti jew fil-leġiżlazzjoni u espress f'termini ta' konċentrazzjoni ta' attività jew attività totali li jekk sors ta' radjazzjoni jkun daqsu jew aktar baxx minnu dan is-sors ma jkunx soġġett għal notifika jew awtorizzazzjoni;

(35) "sitwazzjoni ta' esponiment eżistenti" tfisser sitwazzjoni ta' esponiment li tkun diġà teżisti meta jkollha tittieħed deċiżjoni dwar il-kontroll tagħha u li ma teħtieġx jew ma teħtieġx aktar li jittieħdu miżuri urġenti;

(36) "ħaddiem espost" tfisser persuna, li taħdem għal rasha jew bħala impjegat li hija soġġetta għal esponiment fuq xogħol imwettaq fi ħdan prattika rregolata minn din id-Direttiva u li possibbilment tirċievi dożi li jaqbżu limitu jew ieħor tad-doża għall-esponiment tal-pubbliku;

(37) "esponiment" tfisser l-att tal-esponiment jew il-kondizzjoni ta' esponiment għal radjazzjoni jonizzanti emessa barra l-ġisem (esponiment estern) jew fil-ġisem (esponiment intern);

(38) "estremitajiet" tfisser l-idejn, id-dirgħajn mill-minkeb 'l isfel, is-saqajn u l-għekiesi tagħhom;

(39) "detriment għas-saħħa" tfisser tnaqqis fit-tul u l-kwalità tal-ħajja li sseħħ f'popolazzjoni wara esponiment, inkluż dak li jirriżulta minn reazzjonijiet tat-tessut, kanċer u problemi ġenetiċi severi;

(40) "skrinjar tas-saħħa" tfisser proċedura li tuża stallazzjonijiet radjoloġiċi mediċi għad-dijanjosi bikrija fi gruppi tal-popolazzjoni f'riskju;

(41) "sors issiġillat ta' attività għolja" tfisser sors issiġillat li l-livell ta' attività tar-radjonuklide li jinsab fih ikun daqs jew iżjed mill-valur ta' attività rilevanti mogħti fl-Anness III;

(42) "detriment individwali" tfisser effetti li juru ħsara osservati klinikament, li huma espressi f'individwi jew id-dixxendenti tagħhom, li jidhru jew immedjatament jew b'dewmien u fil-każ ta' l-aħħar, jimplikaw probabilita' aktar minn ċertezza ta' apparenza;

(43) "spezzjoni" tfisser investigazzjoni minn jew f'isem kwalunkwe awtorità kompetenti biex tivverifika l-konformità mar-rekwiżiti legali nazzjonali;

(44) "teħid" tfisser l-attività totali ta' radjonuklide li jidħol fil-ġisem mill-ambjent estern;

(45) "radjoloġija ta' intervent" tfisser l-użu ta' tekniki ta' teħid ta' immaġini b'raġġi X biex jiġu ffaċilitati l-introduzzjoni u l-gwida ta' apparat fil-ġisem għal finijiet dijanjostiċi jew ta' trattament;

(46) "radjazzjoni jonizzanti" tfisser enerġija trasferita fl-għamla ta' partiċelli jew mewġ elettromanjetiku b'tul tal-mewġa ta' 100 nanometru jew inqas (frekwenza ta' 3×10^{15} hertz jew aktar) li kapaċi tipproduċi joni direttament jew indirettament;

(47) "liċenzja" tfisser permess mogħti f'dokument mill-awtorità kompetenti biex titwettaq prattika f'konformità ma' kondizzjonijiet speċifiċi stabbiliti f'dak id-dokument;

(48) "esponiment mediku" tfisser esponiment li jseħħ f'pazjenti jew f'individwi asintomatiċi bħala parti mid-dijanjosi jew it-trattament mediku jew dentali tagħhom, u huwa intenzjonat biex ikun ta' beneficċju għal saħħithom, kif ukoll l-esponiment imġarrab minn dawk li jagħtu kura u konfort u minn voluntiera fir-riċerka medika jew bijomedika;

(49) "espert tal-fiżika medika" tfisser individwu jew, jekk previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, grupp ta' individwi li għandu l-għarfien, it-taħriġ u l-esperjenza biex jaġixxi jew jagħti parir dwar kwistjonijiet relatati mal-fiżika tar-radjazzjoni applikata għal esponiment mediku, li l-kompetenza tiegħu f'dan ir-rigward tkun rikonoxxuta mill-awtorità kompetenti;

(50) "radjoloġiku mediku" tfisser jagħmel parti minn proċeduri radjodijanjostiċi u radjoterapewtiċi, u radjoloġija ta' intervent jew użi mediċi oħra ta' radjazzjoni jonizzanti għal finijiet ta' ppjanar, gwida u verifika;

(51) "stallazzjoni radjoloġika medika" tfisser faċilità fejn isiru proċeduri radjoloġiċi mediċi;

(52) "proċedura radjoloġika medika" tfisser kwalunkwe proċedura li twassal għal esponiment mediku;

(53) "membri tal-pubbliku" tfisser individwi li jistgħu jkunu soġġetti għal esponiment tal-pubbliku;

(54) "sors ta' radjazzjoni naturali" tfisser sors ta' radjazzjoni jonizzanti ta' oriġini naturali, terrestri jew kożmika;

(55) "esponiment għal teħid ta' immaġini għal fini mhux mediku" tfisser kwalunkwe esponiment intenzjonat ta' bnedmin għal finijiet ta' teħid ta' immaġini fejn l-intenzjoni ewlenija tal-esponiment ma jkunx li jwassal benefiċċju tas-saħħa lill-individwu espost;

(56) "esponiment normali" tfisser l-esponiment li mistenni jseħħ fil-kondizzjonijiet operattivi normali ta' faċilità jew attività (inklużi l-manutenzjoni, l-ispezzjoni, id-dekummissjonar), inklużi inċidenti żgħar li jistgħu jinżammu taħt kontroll, jiġifieri waqt operazzjoni normali u okkorrenzi operattivi mistennija;

(57) "notifika" tfisser il-preżentazzjoni ta' informazzjoni lill-awtorità kompetenti biex tinnotifika l-intenzjoni li titwettaq prattika fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva;

(58) "esponiment okkupazzjonali" tfisser esponiment ta' ħaddiema, apprendisti u studenti li jseħħ waqt xogħolhom;

(59) "servizz tas-saħħa okkupazzjonali" tfisser professjonist jew korp tas-saħħa li għandhom il-kompetenza biex iwettaq sorveljanza medika tal-ħaddiema esposti u li l-kapaċità tagħhom li jaġixxu f'dan ir-rigward hi rikonoxxuta mill-awtorità kompetenti;

(60) "sors orfni" tfisser sors radjuattiv li la hu eżentat u lanqas hu taħt kontroll regolatorju, pereżempju, għaliex qatt ma kien taħt kontroll regolatorju jew għaliex kien abbandunat, mitluf, tqiegħed f'post żbaljat, insteraq jew ġie trasferit mod ieħor mingħajr awtorizzazzjoni adatta;

(61) "ħaddiem estern" tfisser kwalunkwe ħaddiem espost li mhuwiex impjegat mill-impriża responsabbli għaż-żoni ssorveljati u kkontrollati, iżda li jwettaq attivitajiet f'dawk iż-żoni, inklużi apprendisti u studenti;

(62) "sitwazzjoni ta' esponiment ippjanat" tfisser sitwazzjoni ta' esponiment li tirriżulta mill-operazzjoni ppjanata ta' sors ta' radjazzjoni jew minn attività tal-bniedem li tbiddel il-mogħdijiet tal-esponiment, u b'hekk jinħoloq esponiment jew esponiment potenzjali ta' bnedmin jew tal-ambjent. Is-sitwazzjonijiet ta' esponiment ippjanati jistgħu jinkludu kemm l-esponimenti normali kif ukoll l-esponimenti potenzjali.

(63) "esponiment potenzjali" tfisser esponiment li ma jkunx mistenni b'ċertezza iżda li jista' jirriżulta minn avveniment jew sekwenza ta' avvenimenti ta' natura probabilistika, inklużi ħsarat fit-tagħmir u żbalji operattivi;

(64) "aspetti prattiċi tal-proċeduri radjoloġiċi mediċi" tfisser it-twettiq fiżiku ta' esponiment mediku u kwalunkwe aspett ta' sostenn, fosthom it-trattament u l-użu ta' tagħmir radjoloġiku mediku, il-valutazzjoni tal-parametri tekniċi u fiżiċi (inklużi d-dożi tar-radjazzjoni), il-kalibrazzjoni u l-manutenzjoni tat-tagħmir, it-tħejjija u l-amministrazzjoni ta' radjofarmaċewtiċi, u l-ipproċessar tal-immaġini;

(65) "prattika" tfisser attività tal-bniedem li tista' żżid l-esponiment ta' individwi għar-radjazzjoni minn sors ta' radjazzjoni u tkun ġestita bħala sitwazzjoni ta' esponiment ippjanat;

(66) "prattikant" tfisser tabib, dentist jew professjonist ieħor tas-saħħa li jkun intitolat li jieħu responsabbiltà klinika għal esponiment mediku individwali f'konformità mar-rekwiżiti nazzjonali;

(67) "proċessar" tfisser operazzjonijiet kimiċi jew fiżiċi fuq materjal radjuattiv inklużi t-tħaffir, il-konverżjoni, l-arrikiment ta' materjal nukleari fissili jew fertili u r-riproċessar ta' fjuwil użat;

(68) "miżuri protettivi" tfisser miżuri, għajr miżuri ta' rimedju, li għandhom l-għan li jevitaw jew inaqqsu d-dożi li, kieku ma jitteħdux il-miżuri, jiġu riċevuti f'sitwazzjoni ta' esponiment f'emerġenza jew f'sitwazzjoni ta' esponiment eżistenti;

(69) "esponiment tal-pubbliku" tfisser l-esponiment ta' individwi, minbarra kwalunkwe esponiment okkupazzjonali jew mediku;

(70) "assigurazzjoni tal-kwalità" tfisser dawk l-azzjonijiet ippjanati u sistematiċi kollha meħtieġa biex tiġi pprovduta assigurazzjoni adegwata li struttura, sistema, komponent jew proċedura ser taħdem b'mod sodisfaċenti f'konformità ma' standards miftiehma. Il-kontroll tal-kwalità hu parti mill-assigurazzjoni tal-kwalità;

(71) "kontroll tal-kwalità" tfisser is-sett ta' operazzjonijiet (ipprogrammar, koordinazzjoni, implimentazzjoni) maħsubin sabiex tinżamm jew tittejjeb il-kwalità. Dan jinkludi l-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-manutenzjoni fil-livelli meħtieġa tal-karatteristiċi kollha tal-prestazzjoni tat-tagħmir li jistgħu jiġu ddefiniti, imkejla, u kkontrollati;

(72) "ġeneratur tar-radjazzjoni" tfisser apparat li kapaċi jiġġenera radjazzjoni jonizzanti, bħar-raġġi X, in-newtroni, l-elettroni jew partiċelli oħra ċċarġjati;

(73) "espert dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni" tfisser individwu jew, jekk ikun previst fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, grupp ta' individwi li għandu l-għarfien, it-taħriġ u l-esperjenza meħtieġa biex jagħti pariri dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni sabiex tkun żgurata l-protezzjoni effettiva tal-individwi, u li l-kompetenza tiegħu f'dan ir-rigward hija rikonoxxuta mill-awtorità kompetenti;

(74) "uffiċjal għall-protezzjoni mir-radjazzjoni" tfisser individwu li għandu l-kompetenza teknika fi kwistjonijiet ta' protezzjoni mir-radjazzjoni rilevanti għal tip partikolari ta' prattika biex jissorvelja jew iwettaq l-implimentazzjoni tal-arranġamenti għall-protezzjoni mir-radjazzjoni;

(75) "sors ta' radjazzjoni" tfisser entità li tista' tikkawża esponiment, pereżempju billi titfa' radjazzjoni jonizzanti jew billi terħi materjal radjuattiv;

(76) "materjal radjuattiv" tfisser materjal li fih sustanzi radjuattivi;

(77) "sors radjuattiv" tfisser sors ta' radjazzjoni li fih materjal radjuattiv għall-iskop li tintuża r-radjuattività tiegħu;

(78) "sustanza radjuattiva" tfisser kwalunkwe sustanza li fiha radjunuklide wieħed jew aktar li l-attività jew il-konċentrazzjoni tal-attività tagħhom ma tistax tiġi injorata mil-lat tal-protezzjoni mir-radjazzjoni;

(79) "skart radjuattiv" tfisser materjal radjuattiv f'forma ta' gass, likwidu jew solidu li ma għad fadallu previst jew ikkunsidrat ebda użu mill-Istat Membru jew minn persuna ġuridika jew fiżika li d-deċiżjoni tagħha tiġi aċċettata mill-Istat Membru, u li hu rregolat bħala skart radjuattiv minn awtorità regolatorja kompetenti skont il-qafas leġiżlattiv u regolatorju tal-Istat Membru;

(80) "radjodijanjostiku" tfisser dak li huwa marbut mal-mediċina dijanjostika nukleari in vivo, ir-radjoloġija dijanjostika medika bl-użu tar-radjazzjoni jonizzanti, u r-radjoloġija dentali;

(81) "radjoterapewtiku" tfisser dak li huwa marbut mar-radjoterapija, inkluża l-mediċina nukleari għal skopijiet terapewtiċi;

(82) "radon" tfisser ir-radjonuklide Rn-222 u d-dixxendenti tiegħu, kif adatt;

(83) "esponiment" għar-radon tfisser esponiment għad-dixxendenti tar-radon;

(84) "livell ta' referenza" tfisser dak il-livell ta' doża effettiva jew doża ekwivalenti jew konċentrazzjoni ta' attività, f'sitwazzjoni ta' esponiment ta' emerġenza jew f'sitwazzjoni ta' esponiment eżistenti, li jekk jinqabeż ikun meqjus mhux adatt li jitħallew isiru esponimenti b'riżultat ta' dik is-sitwazzjoni ta' esponiment, anke jekk mhuwiex limitu li ma għandux jinqabeż;

(85) "parti li tirreferi" tfisser tabib, dentist jew professjonist ieħor tas-saħħa li hu intitolat li jirreferi individwi għal proċeduri radjoloġiċi mediċi lil prattikant, f'konformità mar-rekwiżiti nazzjonali;

(86) "reġistrazzjoni" tfisser permess mogħti f'dokument mill-awtorità kompetenti, jew mogħti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, permezz ta' proċedura simplifikata, biex titwettaq prattika skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew speċifikati minn awtorità kompetenti għal dan it-tip jew klassi ta' prattika;

(87) "kontroll regolatorju" tfisser kwalunkwe forma ta' kontroll jew regolamentazzjoni applikata għal attivitajiet tal-bniedem li tinforza rekwiżiti ta' protezzjoni mir-radjazzjoni;

(88) "miżuri ta' rimedju" tfisser it-tneħħija ta' sors ta' radjazzjoni jew it-tnaqqis tal-importanza tiegħu (f'termini ta' attività jew ta' kwantità) jew l-interruzzjoni tal-mogħdijiet tal-esponiment jew it-tnaqqis tal-impatt tagħhom għall-fini li jiġu evitati jew jitnaqqsu dożi li, fl-assenza ta' tali miżuri, jistgħu jiġu riċevuti f'sitwazzjoni eżistenti ta' esponiment;

(89) "persuna rappreżentattiva" tfisser individwu li jirċievi doża li tkun rappreżentattiva tal-individwi li għandhom esponiment għoli fil-popolazzjoni, bl-esklużjoni ta' dawk l-individwi li għandhom abitudnijiet estremi jew rari;

(90) "sors issiġillat" tfisser sors radjuattiv fejn il-materjal radjuattiv ikun issiġillat b'mod permanenti f'kapsula jew inkorporat f'forma solida bil-għan tal-prevenzjoni, taħt kondizzjonijiet ta' użu normali, ta' kwalunkwe tixrid ta' sustanzi radjuattivi;

(91) "sievert" (Sv) huwa l-isem speċjali tal-unità ta' doża ekwivalenti jew effettiva. Sievert wieħed huwa ekwivalenti għal joule kull kilogramm: $1 \text{ Sv} = 1 \text{ J kg}^{-1}$;

(92) "ħażna" tfisser iż-żamma ta' materjal radjuattiv, inkluż fjuwil użat, sors radjuattiv jew skart radjuattiv f'faċilità, bl-intenzjoni li jerġa' jitneħħa;

(93) "żona sorveljata" tfisser żona soġġetta għal sorveljanza xierqa għall-iskop ta' ħarsien minn radjazzjoni jonizzanti;

(94) "kontenitur tas-sors" tfisser assemblaġġ ta' komponenti maħsuba biex jiggarantixxu l-konteniment ta' sors issiġillat, fejn hu ma jkunx parti integrali mis-sors iżda li jkun maħsub biex jipproteġi s-sors matul it-trasport u l-manipulazzjoni tiegħu;

(95) "vettura spazjali" tfisser vettura b'ekwipaġġ iddisinjata biex topera f'altitudni ta' aktar minn 100 km 'l fuq mil-livell tal-baħar;

(96) "valuri u relazzjonijiet standard" tfisser valuri u relazzjonijiet irrakkomandati fil-kapitoli 4 u 5 tal-Pubblikazzjoni ICRP 116 għall-istima tad-dożi minn esponiment estern u fil-kapitolu 1 tal-Pubblikazzjoni ICRP 119 għall-istima tad-dożi minn esponiment intern, inkluż l-aġġornamenti approvati mill-Istati Membri. Stat Membru jista' japprova l-użu ta' metodi speċifiċi f'każijiet speċifiċi li jirrigwardaw il-karatteristiċi fiżiċi u kimiċi tar-radjonuklide jew fatturi oħra tas-sitwazzjoni ta' esponiment jew tal-individwu espost;

(97) "toron" tfisser ir-radjonuklide Rn-220 u d-dixxendenti tiegħu, kif adatt;

(98) "impriża" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li għandha r-responsabbiltà legali skont il-liġi nazzjonali għat-twettiq ta' prattika, jew għal sors ta' radjazzjoni (inklużi l-każijiet fejn is-sid jew detentur ta' sors ta' radjazzjoni ma jwettaqx attivitajiet tal-bniedem relatati);

(99) "esponiment mhux intenzjonat" tfisser esponiment mediku li jkun sostanzjalment differenti mill-esponiment mediku intenzjonat għal skop partikolari.

KAPITOLU III

SISTEMA TA' PROTEZZJONI MIR-RADJAZZJONI

Artikolu 5

Prinċipji ġenerali tal-protezzjoni mir-radjazzjoni

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu rekwiżiti legali u sistema adegwata ta' kontroll regolatorju li, għas-sitwazzjonijiet kollha ta' esponiment, jirriflettu sistema ta' protezzjoni mir-radjazzjoni msejsa fuq il-prinċipji ta' ġustifikazzjoni, ottimizzazzjoni u limitazzjoni tad-doża:

(a) Ġustifikazzjoni: Id-deċiżjonijiet li jintroduċu prattika għandhom ikunu ġustifikati fis-sens li dawk id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu bl-intenzjoni li jiżguraw li l-benefiċċju individwali jew tas-soċjetà li jirriżulta mill-prattika jkun ta' skala ikbar mid-detriment għas-saħħa li jista' jikkawża. Id-deċiżjonijiet li jintroduċu jew jibdlu mogħdija ta' esponiment għal sitwazzjonijiet ta' esponiment eżistenti u ta' emerġenza għandhom ikunu ġustifikati fis-sens li għandhom joħolqu aktar ġid milli ħsara.

(b) Ottimizzazzjoni: Il-protezzjoni mir-radjazzjoni tal-individwi soġġetti għal esponiment okkupazzjonali jew tal-pubbliku għandha tkun ottimizzata bil-għan li l-iskala tad-dożi individwali, il-probabbiltà tal-esponiment u n-numru ta' individwi esposti jinżammu fl-iżjed livell baxx li jista' raġonevolment jintlaħaq, b'kont meħud tal-istat attwali tal-għarfien tekniku u tal-fatturi ekonomiċi u tas-soċjetà. L-ottimizzazzjoni tal-protezzjoni ta' individwi soġġetti għal esponiment mediku għandha tapplika għad-daqs tad-dożi individwali u għandha tkun konsistenti mal-finijiet mediċi tal-esponiment, kif deskritt fl-Artikolu 56. Dan il-prinċipju għandu jiġi applikat mhux biss f'termini ta' doża effettiva iżda wkoll, fejn ikun adatt, f'termini ta' dożi ekwivalenti, bħala miżura ta' prekawzjoni biex jittieħed kont tal-inċertezzi dwar detriment għas-saħħa f'livelli inqas mil-limitu massimu għal reazzjonijiet tat-tessut.

(c) Limitazzjoni tad-doża: F'sitwazzjonijiet ta' esponiment ippjanat, is-somma tad-dożi għal individwu ma għandhiex taqbeż il-limiti tad-doża stabbiliti għall-esponiment okkupazzjonali jew għall-esponiment tal-pubbliku. Il-limiti tad-doża ma għandhomx japplikaw għall-esponimenti mediċi.

TAQSIMA 1

Għodod għall-ottimizzazzjoni

Artikolu 6

Restrizzjonijiet fuq id-doża għall-esponiment okkupazzjonali, tal-pubbliku, u dak mediku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn ikun adatt, jiġu stabbiliti restrizzjonijiet fuq id-doża għall-finijiet tal-ottimizzazzjoni prospettiva tal-protezzjoni:

(a) għall-esponiment okkupazzjonali, ir-restrizzjoni fuq id-doża għandha tiġi stabbilita bħala għodda operattiva għall-ottimizzazzjoni mill-impriża taħt is-superviżjoni ġenerali tal-awtorità kompetenti. Fil-każ ta' ħaddiema esterni, ir-restrizzjoni tad-doża għandha tiġi stabbilita b'kooperazzjoni bejn min iħaddem u l-impriża.

(b) għall-esponiment tal-pubbliku, ir-restrizzjoni tad-doża għandha tiġi stabbilita għad-doża individwali li l-membri tal-pubbliku jirċievu mill-operazzjoni ppjanata ta' sors speċifiku ta' radjazzjoni. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li r-restrizzjonijiet ikunu konsistenti mal-limitu tad-doża għas-somma tad-dożi għall-istess individwu mill-prattiki awtorizzati kollha.

(c) għall-esponiment mediku, ir-restrizzjonijiet tad-doża għandhom japplikaw biss fir-rigward tal-protezzjoni ta' dawk li joffru kura u konfort u l-voluntiera li jipparteċipaw f'riċerka medika jew bijomedika.

2. Ir-restrizzjonijiet fuq id-doża għandhom jiġu stabbiliti f'termini ta' dożi effettivi jew ekwivalenti individwali tul perjodu ta' żmien definit xieraq.

Artikolu 7

Livelli ta' referenza

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu stabbiliti livelli ta' referenza għal sitwazzjonijiet ta' esponiment ta' emerġenza u eżistenti. L-ottimizzazzjoni tal-protezzjoni għandha tagħti prijorità lill-esponimenti 'l fuq mil-livell ta' referenza u għandha tkompli tiġi implimentata 'l isfel mil-livell ta' referenza.

2. Il-valuri magħżulin għal-livelli ta' referenza għandhom jiddependu mit-tip ta' sitwazzjoni ta' esponiment. L-għażliet tal-livelli ta' referenza għandhom jikkunsidraw kemm il-ħtiġijiet ta' protezzjoni radjoloġika kif ukoll il-kriterji tas-soċjetà. Għall-esponiment tal-pubbliku, l-istabbiliment tal-livelli ta' referenza għandu jqis il-firxa ta' livelli ta' referenza mogħtija fl-Anness I.

3. Għal sitwazzjonijiet ta' esponiment eżistenti li jinvolvu l-esponiment għar-radon, il-livelli ta' referenza għandhom jiġu stabbiliti f'termini ta' konċentrazzjoni ta' attività tar-radon fl-arja kif speċifikat fl-Artikolu 74 għall-membri tal-pubbliku u fl-Artikolu 54 għall-ħaddiema.

TAQSIMA 2

Limitazzjoni tad-doża

Artikolu 8

Limitu tal-età għall-ħaddiema esposti

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, soġġett għall-Artikolu 11(2), persuni taħt l-età ta' 18-il sena ma jistgħu jiġu assenjati ebda xogħol li jwassal sabiex ipoġġihom fil-kategorija ta' ħaddiema esposti.

Artikolu 9

Limiti tad-doża għall-esponiment okkupazzjonali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-limiti tad-doża għall-esponiment okkupazzjonali japplikaw għas-somma tal-esponimenti okkupazzjonali annwali ta' ħaddiem minn kull prattika awtorizzata, esponiment okkupazzjonali għar-radon f'postijiet tax-xogħol li jeħtieġ notifika skont l-Artikolu 54(3), u esponiment okkupazzjonali ieħor minn sitwazzjonijiet ta' esponiment eżistenti f'konformità mal-Artikolu 100(3). Għall-esponiment okkupazzjonali ta' emerġenza għandu japplika l-Artikolu 53.

2. Il-limitu fuq id-doża effettiva għall-esponiment okkupazzjonali għandu jkun ta' 20 mSv fi kwalunkwe sena partikolari. Madankollu, f'ċirkostanzi speċjali jew għal ċerti sitwazzjonijiet ta' esponiment speċifikati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, tista' tkun awtorizzata doża effettiva ogħla sa 50 mSv f'sena partikolari, bil-kondizzjoni li d-doża medja annwali fuq kwalunkwe ħames snin konsekuttivi, inklużi s-snin li fihom il-limitu jkun inqabeż. ma taqbiżx l-20 mSv.

3. Minbarra l-limiti tad-doża effettiva stabbiliti fil-paragrafu 2, għandhom japplikaw il-limiti li ġejjin fuq id-doża ekwivalenti:

(a) il-limitu fuq id-doża ekwivalenti għal-lenti tal-għajn għandu jkun ta' 20 mSv f'sena waħda jew 100 mSv f'ħames snin konsekuttivi dment li ma tinqabiżx id-doża massima ta' 50 mSv f'sena waħda minnhom, kif speċifikat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

(b) il-limitu fuq id-doża ekwivalenti għall-ġilda għandu jkun ta' 500 mSv f'sena; dan il-limitu għandu japplika għad-doża medja fuq kwalunkwe erja ta' 1 cm^2, irrispettivament mill-erja esposta;

(c) il-limitu fuq id-doża ekwivalenti għall-estremitajiet għandu jkun ta' 500 mSv f'sena.

Artikolu 10

Protezzjoni ta' ħaddiema nisa tqal jew li qed ireddgħu

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-protezzjoni tat-tarbija mhux imwielda tkun komparabbli ma' dik ipprovduta għall-membri tal-pubbliku. Hekk kif ħaddiema tqila tgħarraf lill-impriża jew, fil-każ ta' ħaddiema esterna, lil min iħaddimha, dwar it-tqala, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-impriża u min iħaddem għandhom jiżguraw li l-kondizzjonijiet tal-impjieg għall-ħaddiema tqila jkunu tali li d-doża ekwivalenti għat-tarbija mhux imwielda tkun tal-livell l-aktar baxx li jista' raġonevolment jinkiseb u li ma jkunx probabbli li jaqbeż il-1 mSv matul tal-inqas il-bqija tat-tqala.

2. Hekk kif ħaddiema jinfurmaw lill-impriża, jew fil-każ ta' ħaddiema esterni, lil min iħaddem, dwar il-fatt li qed ireddgħu tarbija, huma ma għandhomx ikunu impjegati f'xogħol li jinvolvi riskju sinifikanti ta' teħid ta' radjonuklidi jew ta' kontaminazzjoni tal-ġisem.

Artikolu 11

Limiti tad-doża għall-apprendisti u l-istudenti

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-limiti tad-doża għall-apprendisti ta' 18-il sena jew aktar u għall-istudenti ta' 18-il sena jew aktar li, matul l-istudji tagħhom, ikunu obbligati jaħdmu b'sorsi ta' radjazzjoni, għandhom ikunu l-istess bħal-limiti tad-doża għall-esponiment okkupazzjonali stipulati fl-Artikolu 9.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-limitu fuq id-doża effettiva għall-apprendisti ta' bejn is-16 u t-18-il sena u għall-istudenti ta' bejn is-16 u t-18-il sena li, waqt l-istudji tagħhom, ikunu obbligati jaħdmu b'sorsi ta' radjazzjoni, għandu jkun ta' 6 mSv f'sena.

3. Minbarra l-limiti fuq id-doża effettiva stabbiliti fil-paragrafu 2, għandhom japplikaw il-limiti li ġejjin fuq id-doża ekwivalenti:

(a) il-limitu fuq id-doża ekwivalenti għal-lenti tal-għajn għandu jkun ta' 15 mSv f'sena;

(b) il-limitu fuq id-doża ekwivalenti għall-ġilda għandu jkun ta' 150 mSv f'sena, meħud bħala medja fuq kwalunkwe erja ta' 1 cm^2, irrispettivament mill-erja esposta;

(c) il-limitu fuq id-doża ekwivalenti għall-estremitajiet għandu jkun ta' 150 mSv f'sena.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-limiti tad-doża għall-apprendisti u l-istudenti li mhumiex soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom ikunu l-istess bħal-limiti tad-doża għall-membri tal-pubbliku kif speċifikat fl-Artikolu 12.

Artikolu 12

Limiti tad-doża għall-esponiment tal-pubbliku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-limiti tad-doża għall-esponiment tal-pubbliku għandhom japplikaw għas-somma tal-esponimenti annwali ta' membru tal-pubbliku li jirriżultaw mill-prattiki awtorizzati kollha.

2. L-Istati Membri għandhom jiffissaw il-limitu fuq id-doża effettiva għall-esponiment tal-pubbliku f'livell ta' 1 mSv f'sena.

3. Minbarra l-limitu fuq id-doża msemmi fil-paragrafu 2, għandhom japplikaw il-limiti li ġejjin fuq id-doża ekwivalenti:

(a) il-limitu fuq id-doża ekwivalenti għal-lenti tal-għajn għandu jkun ta' 15 mSv f'sena;

(b) il-limitu fuq id-doża ekwivalenti għall-ġilda għandu jkun ta' 50 mSv f'sena, meħud bħala medja fuq kwalunkwe erja ta' 1 cm^2 ta' ġilda, irrispettivament mill-erja esposta.

Artikolu 13

Stima tad-doża effettiva u tad-doża ekwivalenti

Għall-istima tad-doża effettiva u tad-doża ekwivalenti, għandhom jintużaw il-valuri u r-relazzjonijiet standard xierqa. Għar-radjazzjoni esterna, għandhom jintużaw il-kwantitajiet operattivi ddefiniti fit-taqsima 2.3 tal-Pubblikazzjoni ICRP116.

KAPITOLU IV

REKWIŻITI GĦALL-EDUKAZZJONI, IT-TAĦRIĠ U L-INFORMAZZJONI DWAR IL-PROTEZZJONI MIR-RADJAZZJONI

Artikolu 14

Responsabbiltajiet ġenerali għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-għoti tal-informazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas leġiżlattiv u amministrattiv adegwat sabiex jiġi żgurat l-għoti ta' edukazzjoni, taħriġ u informazzjoni xierqa dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni lill-individwi kollha li l-kompiti tagħhom jeħtieġu kompetenzi speċifiċi fil-protezzjoni mir-radjazzjoni. L-għoti ta' taħriġ u informazzjoni għandu jiġi ripetut f'intervalli xierqa u jiġi dokumentat.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsiru arranġamenti għall-istabbiliment ta' edukazzjoni, taħriġ u taħriġ mill-ġdid biex jippermettu r-rikonoxximent ta' esperti tal-protezzjoni mir-radjazzjoni u esperti tal-fiżika medika, kif ukoll ta' servizzi tas-saħħa okkupazzjonali u servizzi ta' dożimetrija, fir-rigward tat-tip ta' prattika.

3. L-Istati Membri jistgħu jagħmlu arranġamenti għall-istabbiliment ta' edukazzjoni, taħriġ u taħriġ mill-ġdid biex jippermettu r-rikonoxximent ta' uffiċjali tal-protezzjoni mir-radjazzjoni, jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tkun tipprevedi dak ir-rikonoxximent.

Artikolu 15

Taħriġ tal-ħaddiema esposti u l-informazzjoni mogħtija lilhom

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-impriża tgħarraf lill-ħaddiema esposti dwar:

(a) ir-riskji għas-saħħa mir-radjazzjoni b'rabta ma' xogħolhom;

(b) il-proċeduri u l-prekawzjonijiet ġenerali ta' protezzjoni mir-radjazzjoni li għandhom jittieħdu;

(c) il-proċeduri u l-prekawzjonijiet għall-protezzjoni mir-radjazzjoni marbuta mal-kondizzjonijiet operazzjonali u tax-xogħol kemm tal-prattika inġenerali kif ukoll ta' kull tip ta' post tax-xogħol jew xogħol fejn jistgħu jkunu assenjati;

(d) il-partijiet rilevanti tal-pjanijiet u l-proċeduri ta' reazzjoni għall-emerġenza;

(e) l-importanza tal-konformità mar-rekwiżiti tekniċi, mediċi u amministrattivi.

Fil-każ ta' ħaddiema esterni, min iħaddimhom għandu jiżgura li tkun ipprovduta l-informazzjoni mitluba fil-punti (a), (b) u (e).

2. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-impriża jew, fil-każ ta' ħaddiema esterni, min iħaddimhom, jinfurmaw lill-ħaddiema esposti dwar l-importanza ta' dikjarazzjoni bikrija ta' tqala minħabba r-riskji tal-esponiment għat-tarbija mhux imwielda.

3. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-impriża jew, fil-każ ta' ħaddiema esterni, min iħaddimhom, jinfurmaw lill-ħaddiema esposti dwar l-importanza li jħabbru l-intenzjoni li jreddgħu tarbija minħabba r-riskji tal-esponiment għal trabi mredda' wara t-teħid ta' radjonuklidi jew kontaminazzjoni tal-ġisem.

4. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-impriża jew, fil-każ ta' ħaddiema esterni, min iħaddimhom, jipprovdi programmi xierqa ta' taħriġ u informazzjoni dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni għall-ħaddiema esposti.

5. Minbarra l-informazzjoni u t-taħriġ fil-qasam tal-protezzjoni mir-radjazzjoni kif speċifikat fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4, l-Istati Membri għandhom jesiġu li l-impriża responsabbli għal sorsi ssiġillati ta' attività għolja għandha tiżgura li tali taħriġ jinkludi rekwiżiti speċifiċi għall-ġestjoni sikura u l-kontroll tas-sorsi ssiġillati ta' attività għolja sabiex il-ħaddiema rilevanti jkunu ppreparati b'mod adegwat għal kull avveniment li jaffettwa l-protezzjoni mir-radjazzjoni. L-informazzjoni u t-taħriġ għandhom jagħmlu enfasi partikolari fuq ir-rekwiżiti meħtieġa tas-sikurezza u għandhom jinkludu informazzjoni speċifika dwar il-konsegwenzi possibbli tat-telf tal-kontroll adegwat fuq is-sorsi ssiġillati ta' attività għolja.

Artikolu 16

Informazzjoni u taħriġ lil ħaddiema li jistgħu jkunu esposti għal sorsi orfni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ġesturi tal-istallazzjonijiet fejn l-aktar hu probabbli li jinsabu jew jiġu pproċessati sorsi orfni, inkluż siti kbar fejn jintrema r-ruttam tal-metall u f'impjanti ewlenin tar-riċiklaġġ tar-ruttam tal-metall, u f'punti ta' tranżitu nodali sinifikanti, ikunu mgħarrfa bil-possibbiltà li jsibu ruħhom fil-preżenza ta' sors.

2. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-ġesturi tal-istallazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 biex jiżguraw li fejn il-ħaddiema fl-istallazzjoni tagħhom jistgħu jsibu ruħhom fil-preżenza ta' sors, huma:

(a) jingħataw pariri u taħriġ fl-individwazzjoni viżiva tas-sorsi u l-kontenituri tagħhom;

(b) jiġu infurmati bil-fatti bażiċi dwar ir-radjazzjoni jonizzanti u l-effetti tagħha;

(c) jiġu infurmati u mħarrġa dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu fuq il-post fil-każ ta' individwazzjoni jew is-suspett ta' individwazzjoni ta' sors.

Artikolu 17

Informazzjoni u taħriġ minn qabel għall-ħaddiema tal-emerġenza

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ħaddiema ta' emerġenza identifikati fi pjan ta' reazzjoni jew f'sistema ta' ġestjoni ta' emerġenza jingħataw informazzjoni adegwata u aġġornata b'mod regolari dwar ir-riskji għas-saħħa li jista' jinvolvi l-intervent tagħhom u dwar il-miżuri ta' prekawzjoni li għandhom jittieħdu f'każ bħal dan. Din l-informazzjoni għandha tikkunsidra l-firxa tal-emerġenzi potenzjali u t-tip ta' intervent.

2. Hekk kif isseħħ emerġenza, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ssupplimentata kif meħtieġ, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi speċifiċi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriża jew l-organizzazzjoni responsabbli għall-protezzjoni tal-ħaddiema tal-emerġenza tipprovdi taħriġ xieraq lill-ħaddiema tal-emerġenza msemmija fil-paragrafu 1 kif previst fis-sistema tal-ġestjoni tal-emerġenzi speċifikata fl-Artikolu 97. Fejn ikun xieraq, dan it-taħriġ għandu jinkludi eżerċizzji prattiċi.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, minbarra t-taħriġ ta' reazzjoni għall-emerġenzi msemmi fil-paragrafu 3, l-impriża jew l-organizzazzjoni responsabbli għall-protezzjoni tal-ħaddiema ta' emerġenza tipprovdi lil dawn il-ħaddiema b'taħriġ u informazzjoni adatti dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni.

Artikolu 18

Edukazzjoni, informazzjoni u taħriġ fil-qasam tal-esponiment mediku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prattikanti u l-individwi involuti fl-aspetti prattiċi tal-proċeduri radjoloġiċi mediċi jkollhom edukazzjoni, informazzjoni u taħriġ teoriku u prattiku adegwati għall-fini tal-prattiki radjoloġiċi mediċi, kif ukoll il-kompetenza rilevanti fil-protezzjoni mir-radjazzjoni.

Għal dan il-għan l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu stabbiliti kurrikuli adatti u għandhom jirrikonoxxu d-diplomi, iċ-ċertifikati jew il-kwalifiki formali korrispondenti.

2. L-individwi li jkunu qegħdin jagħmlu programmi rilevanti ta' taħriġ jistgħu jipparteċipaw f'aspetti prattiċi tal-proċeduri radjoloġiċi mediċi kif stabbilit fl-Artikolu 57(2).

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jingħataw edukazzjoni u taħriġ kontinwi wara l-kwalifika u, fil-każ speċjali tal-użu kliniku ta' tekniki ġodda, li jingħata taħriġ dwar dawn it-tekniki u r-rekwiżiti rilevanti dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-introduzzjoni ta' kors fuq il-protezzjoni mir-radjazzjoni fil-kurrikulu bażiku tal-iskejjel tal-mediċina u d-dentistrija.

KAPITOLU V

ĠUSTIFIKAZZJONI U KONTROLL REGOLATORJU TAL-PRATTIKI

TAQSIMA 1

Ġustifikazzjoni u prohibition tal-prattiki

Artikolu 19

Ġustifikazzjoni tal-prattiki

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tipi jew klassijiet ġodda ta' prattiki li jirriżultaw f'esponiment għar-radjazzjoni jonizzanti jiġu ġustifikati qabel ma jkunu adottati.

2. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ir-reviżjoni tal-klassijiet jew it-tipi eżistenti ta' prattika, fir-rigward ta' jekk humiex ġustifikati, kull meta jkun hemm evidenza ġdida u importanti li tittratta l-effikaċja jew il-konsegwenzi potenzjali tagħhom jew informazzjoni ġdida u importanti dwar tekniki u teknoloġiji oħra.

3. Il-prattiki li jinvolvu esponimenti okkupazzjonali u tal-pubbliku għandhom ikunu ġustifikati bħala klassi jew tip ta' prattika, b'kont meħud taż-żewġ kategoriji ta' esponimenti.

4. Il-prattiki li jinvolvu esponiment mediku għandhom ikunu ġustifikati kemm bħala klassi jew tip ta' prattika, b'kont meħud tal-esponimenti mediċi u, fejn ikun rilevanti, dawk okkupazzjonali u tal-pubbliku assoċjati, kif ukoll fuq il-livell ta' kull esponiment mediku individwali kif speċifikat fl-Artikolu 55.

Artikolu 20

Prattiki li jinvolvu prodotti għall-konsumatur

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li kull impriża, li jkollha intenzjoni timmanifattura jew timporta prodott li aktarx ikun intenzjonat biex jintuża għal klassi ġdida jew tip ġdid ta' prattika, għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti l-informazzjoni kollha rilevanti, inkluża dik elenkata fl-Anness IV, Taqsima A, sabiex dan jippermetti l-implimentazzjoni tar-rekwiżit ta' ġustifikazzjoni fl-Artikolu 19(1).

2. Abbażi ta' valutazzjoni ta' din l-informazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti, kif deskritt fl-Anness IV, Taqsima B, jiddeċiedu jekk l-użu intenzjonat tal-prodott għall-konsumatur ikunx ġustifikat.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti li tkun irċeviet informazzjoni f'konformità ma' dak il-paragrafu tgħarraf lill-punt ta' kuntatt għall-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra b'dan, u, fuq talba, bid-deċiżjoni tagħha u l-bażi għal dik id-deċiżjoni.

4 L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-bejgħ ta' prodotti għall-konsumatur jew it-tqegħid tagħhom għad-dispożizzjoni tal-pubbliku jekk l-użu intenzjonat tagħhom ma jkunx ġustifikat jew l-użu tagħhom ma jissodisfax il-kriterji għal eżenzjoni minn notifika skont l-Artikolu 26.

Artikolu 21

Projbizzjoni ta' prattiki

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu ż-żieda intenzjonata ta' sustanzi radjuattivi fil-produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel, għalf għall-annimali, u kożmetiċi, u għandhom jipprojbixxu l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' prodotti bħal dawn.

2. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 1999/2/KE, il-prattiki li jinvolvu l-attivazzjoni ta' materjal li jirriżulta f'żieda f'attività fi prodott għall-konsumatur, li fiż-żmien tat-tqegħid fis-suq ma tistax tiġi injorata mil-lat tal-protezzjoni mir-radjazzjoni, għandhom jitqiesu bħala mhux ġustifikati. Madankollu, l-awtorità kompetenti tista' tevalwa t-tipi speċifiċi ta' prattiki f'din il-klassi fir-rigward tal-ġustifikazzjoni tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu ż-żieda intenzjonata ta' sustanzi radjuattivi fil-produzzjoni ta' oġġetti tal-ikel, għalf għall-annimali, u kożmetiċi, u għandhom jipprojbixxu l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' prodotti bħal dawn.

4. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-prattiki li jinvolvu l-attivazzjoni ta' materjali użati f'ġugarelli u ornamenti personali, li jirriżultaw, fil-mument tat-tqegħid fis-suq jew tal-manifattura tal-prodotti, f'żieda tal-attività li ma tistax tiġi injorata mil-lat ta' protezzjoni mir-radjazzjoni, u għandhom jipprojbixxu l-importazzjoni jew l-esportazzjoni ta' prodotti jew materjali bħal dawn.

Artikolu 22

Prattiki li jinvolvu l-esponiment intenzjonali tal-bnedmin għal finijiet ta' teħid ta' immaġini għal skop mhux mediku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-identifikazzjoni ta' prattiki li jinvolvu esponiment għal teħid ta' immaġini għal skop mhux mediku, b'kont meħud b'mod partikolari tal-prattiki inklużi fl-Anness V.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tingħata attenzjoni speċjali lill-ġustifikazzjoni ta' prattiki li jinvolvu esponiment għal teħid tal-immaġini għal skop mhux mediku, b'mod partikolari:

(a) it-tipi kollha ta' prattiki li jinvolvu l-esponiment għal teħid ta' immaġini għal skop mhux mediku, għandhom jiġu ġustifikati qabel ma jiġu aċċettati b'mod ġenerali;

(b) kull applikazzjoni partikolari ta' tip ta' prattika aċċettata b'mod ġenerali għandha tkun ġustifikata;

(c) il-proċeduri kollha ta' esponiment individwali għal teħid ta' immaġini għal skop mhux mediku li jużaw tagħmir radjoloġiku mediku għandhom jiġu ġġustifikati minnn qabel, waqt li jitqiesu l-għanijiet speċifiċi tal-proċedura u l-karatteristiċi tal-individwu involut;

(d) il-ġustifikazzjoni ġenerali u partikolari tal-prattiki li jinvolvu esponiment għat-teħid ta' immaġini għal skop mhux mediku, kif speċifikat fil-punti (a) u (b), tista' tkun soġġetta għal rieżami;

(e) iċ-ċirkostanzi li jagħtu lok għal esponimenti għal teħid ta' immaġini għal skop mhux mediku, mingħajr ġustifikazzjoni individwali ta' kull esponiment, għandhom ikunu soġġetti għal rieżami regolari.

3. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw prattiki ġustifikati li jinvolvu esponiment għal teħid ta' immaġini għal skop mhux mediku bl-użu ta' tagħmir radjoloġiku mediku mir-rekwiżit għal restrizzjonijiet tad-doża f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 6(1) u mil-limiti tad-doża stabbiliti fl-Artikolu 12.

4. Meta Stat Membru jkun iddeċieda li prattika partikolari li tinvolvi esponiment għal teħid tal-immaġini għal skop mhux mediku tkun ġustifikata, huwa għandu jiżgura li:

(a) il-prattika hija soġġetta għal awtorizzazzjoni;

(b) ir-rekwiżiti għall-prattika, inklużi l-kriterji għall-implimentazzjoni individwali, ikunu stabbiliti mill-awtorità kompetenti, f'kooperazzjoni ma' korpi u soċjetajiet xjentifiċi mediċi oħra rilevanti, kif adatt;

(c) għal proċeduri li jużaw tagħmir radjoloġiku mediku

(i) jiġu applikati rekwiżiti rilevanti identifikati għal esponiment mediku kif stabbilit fil-Kapitolu VII, inklużi dawk għal tagħmir, ottimizzazzjoni, responsabbiltajiet, taħriġ u protezzjoni speċjali matul it-tqala u l-involviment adatt tal-esperti tal-fiżika medika;

(ii) fejn adatt. jitpoġġew fis-seħħ protokolli speċifiċi, konsistenti mal-objettiv tal-esponiment u mal-kwalità tal-immaġini meħtieġa;

(iii) fejn ikun prattikabbli, jitpoġġew fis-seħħ livelli ta' referenza dijanjostiċi speċifiċi;

(d) għal proċeduri li ma jużawx tagħmir radjoloġiku mediku, ir-restrizzjonijiet tad-doża jkunu sostanzjalment 'l isfel mil-limitu tad-doża għall-membri tal-pubbliku;

(e) tiġi pprovduta informazzjoni lill-individwu li se jkun espost u jitfittex kunsens minnu, ħlief għal każijiet fejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jistgħu jipproċedu mingħajr il-kunsens tal-individwu f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali;

TAQSIMA 2

Kontroll regolatorju

Artikolu 23

Identifikazzjoni ta' prattiki li jinvolvu materjal radjuattiv li jinstab fin-natura

L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-identifikazzjoni tal-klassijiet jew it-tipi ta' prattika li jinvolvu materjal radjuattiv naturali u li jwasslu għal esponiment tal-ħaddiema jew ta' membri tal-pubbliku li ma jistax jiġi injorat mil-lat ta' protezzjoni mir-radjazzjoni. Tali identifikazzjoni għandha titwettaq b'mezzi adatti filwaqt li jitqiesu s-setturi industrijali elenkati fl-Anness VI.

Artikolu 24

Approċċ gradat għall-kontroll regolatorju

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-prattiki jkunu soġġetti għal kontroll regolatorju għall-fini tal-protezzjoni mir-radjazzjoni, permezz ta' notifika, awtorizzazzjoni u spezzjonijiet adatti, b'mod proporzjonali mad-daqs u l-probabbiltà ta' esponimenti li jirriżultaw mill-prattika, u b'mod proporzjonali mal-impatt li l-kontroll regolatorju jista' jkollu fit-tnaqqis ta' tali esponimenti jew fit-titjib tas-sikurezza radjoloġika.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 27 u 28, fejn adatt, u f'konformità mal-kriterji tal-eżenzjoni ġenerali li jinsabu fl-Anness VII, il-kontroll regolatorju jista' jkun limitat għal notifika u għal frekwenza adatta ta' spezzjonijiet. Għal dan il-għan, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu eżenzjonijiet ġenerali jew jippermettu lill-awtorità kompetenti tiddeċiedi li teżenta prattiki notifikati mir-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni abbażi tal-kriterji ġenerali speċifikati fl-Anness VII; fil-każ ta' ammonti moderati ta' materjal, kif speċifikat mill-Istati Membri, il-valuri ta' konċentrazzjoni tal-attività mogħtija fl-Anness VII, it-tieni kolonna tat-Tabella B, jistgħu jintużaw għal dan il-għan.

3. Il-prattiki notifikati li ma jkunux eżentati mill-awtorizzazzjoni għandhom ikunu soġġetti għal kontroll regolatorju permezz ta' reġistrazzjoni jew għoti ta' liċenzja.

Artikolu 25

Notifika

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun meħtieġa notifika għall-prattiki ġustifikati kollha, inklużi dawk identifikati skont l-Artikolu 23. In-notifika għandha ssir qabel ma tibda l-prattika jew, għal prattiki eżistenti, malajr kemm jista' jkun ladarba dan ir-rekwiżit ikun applikabbli. Għall-prattiki soġġetti għal notifika, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw l-informazzjoni li trid tingħata flimkien man-notifika. Meta tiġi ppreżentata applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, mhix meħtieġa notifika separata.

Il-prattiki jistgħu jiġu eżentati min-notifika, kif speċifikat fl-Artikolu 26.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun meħtieġa notifika għall-postijiet tax-xogħol speċifikati fl-Artikolu 54(3), u għal sitwazzjonijiet ta' esponiment eżistenti li huma ġestiti bħala sitwazzjoni ta' esponiment ippjanat, kif speċifikat fl-Artikolu 100(3).

3. Minkejja l-kriterji tal-eżenzjoni stabbiliti fl-Artikolu 26, f'sitwazzjonijiet identifikati mill-Istati Membri fejn ikun hemm tħassib li prattika identifikata skont l-Artikolu 23 tista' twassal għall-preżenza ta' radjonuklidi naturali fl-ilma li jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-provvisti tal-ilma għax-xorb jew jaffettwaw kwalunkwe mogħdija oħra ta' esponiment, b'mod li jkunu ta' tħassib mil-lat ta' protezzjoni mir-radjazzjoni, l-awtorità kompetenti tista' tesiġi li l-prattika tkun soġġetta għal notifika.

4. Attivitajiet tal-bniedem li jinvolvu materjali kontaminati b'radjuattività li jirriżultaw minn rilaxxi awtorizzati jew materjali approvati f'konformità mal-Artikolu 30 ma għandhomx jiġu ġestiti bħala sitwazzjoni ta' esponiment ippjanat u, għaldaqstant, ma jeħtieġx li jiġu notifikati.

Artikolu 26

Eżenzjoni min-notifika

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li mhux meħtieġ li jiġu notifikati prattiki ġustifikati li jinvolvu dan li ġej:

(a) materjali radjuattivi fejn il-kwantitajiet tal-attività involuta ma jaqbżux, fit-total, il-valuri ta' eżenzjoni stabbiliti fit-Tabella B, il-kolonna 3, tal-Anness VII, jew valuri ogħla li, għal applikazzjonijiet speċifiċi, jiġu approvati mill-awtorità kompetenti u jissodisfaw l-eżenzjoni ġenerali u l-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness VII; jew

(b) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(4), materjali radjuattivi fejn il-konċentrazzjonijiet tal-attività ma jaqbżux il-valuri ta' eżenzjoni stabbiliti fit-Tabella A tal-Anness VII, jew valuri ogħla li, għal applikazzjonijiet speċifiċi, jiġu approvati mill-awtorità kompetenti u jissodisfaw l-eżenzjoni ġenerali u l-kriterji tal-approvazzjoni stabbiliti fl-Anness VII; jew

(c) apparat li fih sors issiġillat, bil-kondizzjoni li:

(i) l-apparat ikun ta' tip approvat mill-awtorità kompetenti;

(ii) l-apparat, f'kondizzjonijiet normali tat-tħaddim, ma jikkawżax rata ta' doża ta' iżjed minn 1 μSv · h^{-1} f'distanza ta' 0.1 m minn kwalunkwe wiċċ aċċessibbli; u

(iii) l-awtorità kompetenti tkun speċifikat il-kondizzjonijiet għar-riċiklaġġ jew ir-rimi; jew

(d) kwalunkwe apparat elettriku bil-kondizzjoni li:

(i) ikun tubu katodiku maħsub sabiex jintwerew immaġini viżivi, jew apparat elettriku ieħor li jopera b'differenza ta' potenzjal li ma taqbiżx it-30 kilovolt (kV), jew ikun ta' tip approvat mill-awtorità kompetenti; u

(ii) f'kondizzjonijiet normali tat-tħaddim, ma jikkawżax rata ta' doża ta' iżjed minn 1 μSv · h^{-1} f'distanza ta' 0.1 m minn kwalunkwe wiċċ aċċessibbli.

2. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw tipi speċifiċi ta' prattiki mir-rekwiżit tan-notifika soġġett għal konformità mal-kriterji ġenerali għal eżenzjoni stabbiliti fil-punt 3 tal-Anness VII, abbażi ta' valutazzjoni li turi li dik l-eżenzjoni hi l-aħjar għażla.

Artikolu 27

Reġistrazzjoni jew għoti ta' liċenzja

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu r-reġistrazzjoni jew l-għoti ta' liċenzja għall-prattiki li ġejjin:

(a) it-tħaddim ta' ġeneraturi jew aċċeleraturi tar-radjazzjoni jew sorsi radjuattivi għal esponimenti mediċi jew għal finijiet ta' tehid ta' immaġini għal skop mhux mediku;

(b) it-tħaddim ta' ġeneraturi jew aċċeleraturi tar-radjazzjoni, minbarra mikroskopji tal-elettroni, jew sorsi radjuattivi għal finijiet mhux koperti mill-punt (a).

2. L-Istati Membri jistgħu jesiġu reġistrazzjoni jew għoti ta' liċenzja għal tipi ta' prattiki oħra.

3. Id-deċiżjoni regolatorja biex jiġu ppreżentati tipi ta' prattiki għal reġistrazzjoni jew għoti ta' liċenzja tista' tkun ibbażata fuq esperjenza regolatorja, filwaqt li jittieħed kont tad-daqs ta' dożi mistennija jew potenzjali, kif ukoll tal-kumplessità tal-prattika.

Artikolu 28

Għoti ta' liċenzja

L-Istati Membri għandhom jesiġu l-għoti ta' liċenzja għall-prattiki li ġejjin:

(a) l-għoti intenzjonali ta' sustanzi radjuattivi lil persuni u, safejn hi kkonċernata l-protezzjoni tal-bniedem mir-radjazzjoni, lill-annimali għall-fini ta' dijanjosi, trattament jew riċerka mediċi jew veterinarji;

(b) it-tħaddim u d-dekummissjonar ta' kwalunkwe faċilità nukleari u l-esplojtazzjoni u l-għeluq ta' minjieri tal-uranju;

(c) iż-żieda intenzjonali ta' sustanzi radjuattivi fil-produzzjoni jew il-manifattura ta' prodotti għall-konsumatur jew prodotti oħra, inklużi prodotti mediċi, u l-importazzjoni ta' tali prodotti;

(d) kull prattika li tinvolvi sors issiġillat ta' attività għolja;

(e) it-tħaddim, dekummissjonar u għeluq ta' kwalunkwe faċilità għall-ħżin għal perjodu twil jew għar-rimi ta' skart radjuattiv, inkluż faċilitajiet ta' ġestjoni tal-iskart radjuattiv għal dan l-iskop;

(f) prattiki li jarmu fl-ambjent ammonti sinifikanti ta' materjal radjuattiv ma' effluwent li jinġarr fl-arja jew likwidu.

Artikolu 29

Proċedura ta' awtorizzazzjoni

1. Għall-finijiet ta' awtorizzazzjoni, l-Istati Membri għandhom jesiġu l-għoti ta' informazzjoni rilevanti għall-protezzjoni mir-radjazzjoni li jkun proporzjonat għan-natura tal-prattika u r-riskji radjoloġiċi involuti.

2. Fil-każ tal-għoti ta' liċenzja u meta jiddeterminaw liema informazzjoni għandha tingħata f'konformità mal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-lista indikattiva fl-Anness IX.

3. Il-liċenzja għandha tinkludi, kif ikun adatt, kondizzjonijiet speċifiċi u referenza għar-rekwiżiti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali sabiex ikun żgurat li l-elementi tal-liċenzja jkunu jistgħu jiġu infurzati legalment, u jkunu imposti restrizzjonijiet adatti fuq il-limiti operattivi u fuq il-kondizzjonijiet tat-tħaddim. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew il-kondizzjonijiet speċifiċi għandhom jesiġu wkoll, meta jkun adatt, l-implimentazzjoni formali u dokumentata tal-prinċipju tal-ottimizzazzjoni.

4. Fejn ikun applikabbli, il-leġiżlazzjoni nazzjonali jew il-liċenzja għandha tinkludi l-kondizzjonijiet dwar il-ħruġ ta' effluwent radjuattiv, f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu VIII għall-awtorizzazzjoni tar-rilaxx ta' effluwent radjuattiv fl-ambjent.

Artikolu 30

Eżenzjoni mill-kontroll regolatorju

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rimi, ir-riċiklaġġ jew l-użu mill-ġdid ta' materjali radjuattivi li jirriżultaw minn kwalunkwe prattika awtorizzata huma soġġetti għal awtorizzazzjoni.

2. Il-materjali għar-rimi, ir-riċiklaġġ jew l-użu mill-ġdid jistgħu jinħelsu mill-kontroll regolatorju bil-kondizzjoni li l-konċentrazzjonijiet tal-attività:

(a) għall-materjal solidu ma jkunux iżjed mil-livell ta' approvazzjoni mogħtija fit-Tabella A tal-Anness VII; jew

(b) jikkonformaw ma' livelli ta' approvazzjoni speċifiċi u rekwiżiti assoċjati għal materjali speċifiċi jew għal materjali li joriġinaw minn tipi speċifiċi ta' prattika; dawn il-livelli ta' approvazzjoni speċifiċi għandhom jiġu stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew mill-awtorità kompetenti nazzjonali, isegwu l-kriterji ġenerali għall-eżenzjoni u l-approvazzjoni mogħtija fl-Anness VII, u jieħdu kont tal-gwida teknika pprovduta mill-Komunità.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-approvazzjoni ta' materjali li fihom radjonuklidi li jinstabu fin-natura, meta dawn jirriżultaw minn prattiki awtorizzati fejn jiġu pproċessati radjonuklidi naturali għall-proprjetajiet radjuattivi, fissili jew fertili tagħhom, il-livelli ta' awtorizzazzjoni jikkonformaw mal-kriterji tad-doża għall-approvazzjoni ta' materjali li fihom radjonuklidi artifiċjali.

4. L-Istati Membri ma għandhomx jippermettu d-dilwizzjoni intenzjonata ta' materjali radjuattivi bil-għan li jinħelsu mill-kontroll regolatorju. It-taħlit ta' materjali li jsir f'operazzjonijiet normali li ma għandhomx x'jaqsmu mar-radjuattività mhux soġġett għal din il-projbizzjoni. L-Awtorità Kompetenti tista' tawtorizza, f'ċirkostanzi speċifiċi, it-taħlit ta' materjali radjuattivi u mhux radjuattivi għall-finijiet ta' użu mill-ġdid jew riċiklaġġ.

KAPITOLU VI

ESPONIMENTI OKKUPAZZJONALI

Artikolu 31

Responsabbiltajiet

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriża tkun responsabbli għall-valutazzjoni u l-implimentazzjoni tal-arranġamenti għall-protezzjoni tal-ħaddiema esposti mir-radjazzjoni.

2. Fil-każ ta' ħaddiema esterni, ir-responsabbiltajiet tal-impriża u tal-impjegatur ta' ħaddiema esterni huma stipulati fl-Artikolu 51.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb li jkun hemm allokazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet għall-protezzjoni tal-ħaddiema fi kwalunkwe sitwazzjoni ta' esponiment, lil impriża, persuna li tħaddem jew kwalunkwe organizzazzjoni oħra, b'mod partikolari għall-protezzjoni ta':

(a) ħaddiema tal-emerġenza;

(b) ħaddiema involuti fir-rimedju ta' art, bini u kostruzzjonijiet oħrajn ikkontaminati;

(c) ħaddiema esposti għar-radon fuq ix-xogħol, fis-sitwazzjoni speċifikata fl-Artikolu 54(3).

Dan għandu japplika wkoll għall-protezzjoni ta' individwi li jaħdmu għal rashom u individwi li jaħdmu fuq bażi volontarja.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk li jħaddmu jkollhom aċċess għal informazzjoni dwar l-esponiment possibbli tal-impjegati tagħhom li jkunu taħt ir-responsabbiltà ta' impriża oħra jew persuna oħra li tħaddem.

Artikolu 32

Protezzjoni operazzjonali tal-ħaddiema esposti

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-protezzjoni operazzjonali tal-ħaddiema esposti tkun ibbażata, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva, fuq:

(a) evalwazzjoni minn qabel biex ikunu identifikati n-natura u d-daqs tar-riskju radjoloġiku għall-ħaddiema esposti;

(b) ottimizzazzjoni tal-protezzjoni mir-radjazzjoni fil-kondizzjonijiet kollha tax-xogħol, inklużi l-esponimenti okkupazzjonali konsegwenti għal prattiki li jinvolvu esponimenti mediċi;

(c) klassifikazzjoni tal-ħaddiema esposti f'kategoriji differenti;

(d) miżuri ta' kontroll u monitoraġġ relatati mal-oqsma u l-kondizzjonijiet tax-xogħol differenti, inkluż, fejn meħtieġ, il-monitoraġġ individwali;

(e) sorveljanza medika;

(f) edukazzjoni u taħriġ.

Artikolu 33

Protezzjoni operazzjonali ta' apprendisti u studenti

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kondizzjonijiet ta' esponiment u protezzjoni operazzjonali ta' apprendisti u studenti ta' età ta' 18-il sena jew aktar imsemmija fl-Artikolu 11(1) ikunu ekwivalenti għal dawk ta' ħaddiema esposti tal-kategorija A jew B kif ikun adatt.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kondizzjonijiet ta' esponiment u protezzjoni operazzjonali ta' apprendisti u studenti ta' età bejn 16 u 18-il sena msemmija fl-Artikolu 11(2) ikunu ekwivalenti għal dawk ta' ħaddiema esposti tal-kategorija B.

Artikolu 34

Konsultazzjonijiet ma' espert dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni

L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-impriżi jistaqsu għall-parir ta' espert dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni fl-oqsma ta' kompetenza msemmija fl-Artikolu 82, fir-rigward tal-punti li ġejjin li huma rilevanti għall-prattika:

(a) l-eżami u l-ittestjar ta' apparati protettivi u strumenti tal-kejl;

(b) l-eżami kritiku minn qabel tal-pjanijiet għall-installazzjonijiet mill-perspettiva tal-protezzjoni mir-radjazzjoni;

(c) l-aċċettazzjoni fis-servizz ta' sorsi ta' radjazzjoni ġodda jew modifikati mill-perspettiva tal-protezzjoni mir-radjazzjoni;

(d) il-kontroll regolari tal-effikaċja tal-apparat u t-tekniki ta' protezzjoni;

(e) il-kalibrazzjoni regolari tal-istrumenti tal-kejl u kontroll regolari li huma tajbin għas-servizz u li qed jintużaw sewwa.

Artikolu 35

Arranġamenti fuq il-postijiet tax-xogħol

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-finijiet ta' protezzjoni mir-radjazzjoni, isiru arranġamenti fir-rigward tal-postijiet tax-xogħol kollha fejn il-ħaddiema jistgħu jirċievu esponiment ta' iżjed minn doża effettiva ta' 1 mSv kull sena jew doża ekwivalenti ta' 15 mSv kull sena għal-lenti tal-għajn jew ta' 50 mSv kull sena għall-ġilda u l-estremitajiet.

Arranġamenti bħal dawn għandhom ikunu adatti għan-natura tal-installazzjonijiet u s-sorsi u għad-daqs u n-natura tar-riskji.

2. Għall-postijiet tax-xogħol speċifikati fl-Artikolu 54(3), u fejn l-esponiment tal-ħaddiema aktarx ikun iżjed mid-doża effettiva ta' 6 mSv kull sena jew mill-valur korrispondenti ta' esponiment għar-radon integrat fuq iż-żmien iddeterminat mill-Istat Membru, dawn għandhom ikunu ġestiti bħala sitwazzjoni ta' esponiment ippjanat u l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw liema rekwiżiti mogħtija f'dan il-Kapitolu huma adatti. Għall-postijiet tax-xogħol speċifikati fl-Artikolu 54(3), u fejn id-doża effettiva għall-ħaddiema tkun ta' 6 mSv kull sena jew inqas, jew l-esponiment ikun inqas minn valur korrispondenti ta' esponiment għar-radon integrat fuq iż-żmien, l-awtorità kompetenti għandha tesiġi li l-esponimenti jibqgħu taħt sorveljanza.

3. Għal impriża li topera inġenji tal-ajru fejn id-doża effettiva għall-ekwipaġġ mir-radjazzjoni kożmika x'aktarx taqbeż 6 mSv fis-sena, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'dan il-Kapitolu, waqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi għal din is-sitwazzjoni ta' esponiment. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn id-doża effettiva għall-ekwipaġġ aktarx tkun ogħla minn 1 mSv kull sena, l-awtorità kompetenti tesiġi li l-impriża tieħu miżuri xierqa, b'mod partikolari:

(a) biex tivvaluta l-esponiment tal-ekwipaġġ ikkonċernat;

(b) biex jitqies l-esponiment ivvalutat meta jkunu qed jiġu organizzati l-iskedi tax-xogħol bil-għan li jitnaqqsu d-dożi ta' ekwipaġġ li jkun espost ħafna;

(c) biex il-ħaddiema kkonċernati jkunu informati bir-riskji għas-saħħa li jinvolvi xogħolhom u bid-doża individwali tagħhom.

(d) biex jiġi applikat l-Artikolu 10(1) għall-membri nisa tqal tal-ekwipaġġ.

Artikolu 36

Klassifikazzjoni tal-postijiet tax-xogħol

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-arranġamenti fil-postijiet tax-xogħol jinkludu klassifikazzjoni f'żoni differenti, fejn ikun adatt, abbażi ta' valutazzjoni tad-dożi annwali mistennija u l-probabbiltà u d-daqs tal-esponimenti potenzjali.

2. Għandha ssir distinzjoni bejn iż-żoni kkontrollati u ż-żoni sorveljati. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tistabbilixxi gwida dwar il-klassifikazzjoni taż-żoni kkontrollati u taż-żoni sorveljati fir-rigward ta' ċirkostanzi partikolari.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriża żżomm taħt eżami l-kondizzjonijiet tax-xogħol fiż-żoni kkontrollati u f'dawk sorveljati.

Artikolu 37

Żoni kkontrollati

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti minimi għal żona kkontrollata jkunu dawn li ġejjin:

(a) Iż-żona kontrollata għandha tkun iddelinjata u l-aċċess għaliha għandu jkun ristrett għal individwi li jkunu rċevew struzzjonijiet xierqa u għandha tkun ikkontrollata skont il-proċeduri bil-miktub ipprovduti mill-impriża. Fejn ikun hemm riskju sinifikanti tat-tixrid ta' kontaminazzjoni radjuattiva, għandhom isiru arranġamenti speċifiċi, inkluż għall-aċċess u l-ħruġ ta' individwi u ta' oġġetti u għall-monitoraġġ tal-kontaminazzjoni fiż-żona kontrollata u, fejn ikun adatt, fiż-żona li tmiss magħha.

(b) Filwaqt li jitqiesu n-natura u l-firxa tar-riskji radjoloġiċi fiż-żona kkontrollata, għandha tiġi organizzata sorveljanza radjoloġika tal-post tax-xogħol skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 39.

(c) Għandhom jintwerew sinjali li jindikaw it-tip ta' żona, in-natura tas-sorsi u r-riskji inerenti tagħhom.

(d) Għandhom jiġu stabbiliti struzzjonijiet tax-xogħol adatti għar-riskju radjoloġiku assoċjat mas-sorsi u l-operazzjonijiet involuti.

(e) Il-ħaddiem għandu jirċievi taħriġ speċifiku rigward il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol u tal-attivitajiet.

(f) Il-ħaddiem għandu jingħata t-tagħmir protettiv personali xieraq.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriża tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dawn id-dmirijiet waqt li jieħdu kont tal-pariri mogħtija mill-espert dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni.

Artikolu 38

Żoni sorveljati

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti għal żona sorveljata jkunu dawn li ġejjin:

(a) filwaqt li jitqiesu n-natura u l-firxa tar-riskji radjoloġiċi fiż-żona sorveljata, għandha tiġi organizzata sorveljanza radjoloġika tal-post tax-xogħol skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 39;

(b) jekk ikun adatt, għandhom jintwerew sinjali li jindikaw it-tip ta' żona, in-natura tas-sorsi u r-riskji inerenti tagħhom;

(c) jekk ikun adatt, għandhom jiġu stabbiliti struzzjonijiet tax-xogħol adatti għar-riskju radjoloġiku assoċjat mas-sorsi u l-operazzjonijiet involuti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriża tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dawn id-dmirijiet waqt li jieħdu kont tal-pariri mogħtija mill-espert dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni.

Artikolu 39

Sorveljanza radjoloġika tal-post tax-xogħol

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sorveljanza radjoloġika tal-post tax-xogħol imsemmija fil-punt (b) tal-Artikoli 37(1) u l-punt (a) tal-Artikolu 38(1) tkun tinkludi, fejn ikun adatt:

(a) il-kejl tar-rati tad-doża esterna, li jindikaw in-natura u l-kwalità tar-radjazzjoni inkwistjoni;

(b) il-kejl tal-konċentrazzjoni tal-attività fl-arja u d-densità tal-wiċċ tar-radjonuklidi kontaminanti, li jindika n-natura tagħhom u l-istati fiżiċi u kimiċi tagħhom.

2. Ir-riżultati ta' dan il-kejl għandhom jiġu rreġistrati u għandhom jintużaw, jekk meħtieġ, biex ikunu stmati d-dożi individwali, kif previst fl-Artikolu 41.

Artikolu 40

Kategorizzazzjoni tal-ħaddiema esposti

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għall-finijiet ta' monitoraġġ u sorveljanza, issir distinzjoni bejn żewġ kategoriji ta' ħaddiema esposti:

(a) kategorija A: dawk il-ħaddiema esposti li x'aktarx jirċievu doża effettiva akbar minn 6 mSv kull sena jew doża ekwivalenti akbar minn 15 mSv kull sena għal-lenti tal-għajn jew akbar minn 150 mSv kull sena għall-ġilda u l-estremitajiet;

(b) kategorija B: dawk il-ħaddiema esposti li mhumiex klassifikati bħala ħaddiema tal-kategorija A.

2. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-impriża jew, fil-każ ta' ħaddiema esterni, l-impjegatur, jiddeċiedi dwar il-kategorizzazzjoni ta' ħaddiema individwali qabel ma dawn jibdew xogħol li jista' jwassal għal esponiment, u regolarment jirrevedi din il-kategorizzazzjoni abbażi tal-kondizzjonijiet tax-xogħol u s-sorveljanza medika. Id-distinzjoni għandha tieħu kont ukoll ta' esponimenti potenzjali.

Artikolu 41

Monitoraġġ individwali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħaddiema tal-kategorija A jsirilhom monitoraġġ sistematiku bbażat fuq kejl individwali magħmul b'servizz ta' dożimetrija. Fil-każijiet fejn il-ħaddiema tal-kategorija A x'aktarx jirċievu esponiment intern sinifikanti jew esponiment sinifikanti tal-lenti tal-għajn jew fl-estremitajiet, għandha tiġi stabbilita sistema adegwata għall-monitoraġġ.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-monitoraġġ għall-ħaddiema tal-kategorija B jkun tal-inqas suffiċjenti biex juri li dawn il-ħaddiema jkunu ikklassifikati b'mod korrett fil-kategorija B. L-Istati Membri jistgħu jesiġu monitoraġġ individwali u jekk meħtieġ kejl individwali, imwettqa minn servizz tad-dożimetrija, għall-ħaddiema tal-kategorija B.

3. F'każijiet fejn il-kejl individwali sistematiku jkun impossibbli jew inadegwat, il-monitoraġġ individwali għandu jkun imsejjes fuq stima miksuba minn kejl individwali magħmul fuq ħaddiema oħrajn esposti, mir-riżultati tas-sorveljanza tal-post tax-xogħol prevista fl-Artikolu 39 jew abbażi tal-metodi ta' kalkolu approvati mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 42

Valutazzjoni tad-doża fil-każ ta' esponiment aċċidentali

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każ ta' esponiment aċċidentali, l-impriża jkollha l-obbligu tivvaluta d-dożi rilevanti u d-distribuzzjoni tagħhom fil-ġisem.

Artikolu 43

Reġistrazzjoni u rappurtar tar-riżultati

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm rekord bir-riżultati tal-monitoraġġ individwali għal kull ħaddiem tal-kategorija A u għal kull ħaddiem tal-kategorija B, jekk l-Istat Membru jkun jesiġi dak il-monitoraġġ.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, għandha tinżamm l-informazzjoni li ġejja dwar il-ħaddiema esposti:

(a) rekord tal-esponimenti imkejla jew stmati, skont il-każ, tad-dożi individwali skont l-Artikoli 41, 42, 51, 52, 53 u, jekk l-Istat Membru jiddeċiedi hekk skont l-Artikolu 35(2), 54(3);

(b) fil-każ tal-esponimenti msemmija fl-Artikoli 42, 52 u 53, ir-rapporti relatati maċ-ċirkustanzi u l-azzjoni meħuda;

(c) ir-riżultati tal-monitoraġġ tal-post tax-xogħol użat biex ikunu vvalutati d-dożi individwali, fejn meħtieġ.

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinżamm matul il-perjodu tal-ħajja tax-xogħol tagħhom li jinvolvi esponimenti għar-radjazzjoni jonizzanti kif ukoll wara sakemm ikollhom jew ikunu laħqu l-età ta' 75 sena, iżda fi kwalunkwe każ għal mhux inqas minn 30 sena wara t-terminazzjoni tax-xogħol li jinvolvi esponiment.

4. L-esponimenti msemmija fl-Artikoli 42, 52, 53 u, jekk l-Istat Membru jiddeċiedi hekk skont l-Artikolu 35(2), 54(3) għandhom jiġu rreġistrati separatament fir-rekord tad-doża msemmi fil-paragrafu 1.

5. Ir-rekord tad-doża msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi ppreżentat lis-sistema tad-data għall-monitoraġġ radjoloġiku individwali stabbilit mill-Istat Membru f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Anness X.

Artikolu 44

Aċċess għar-riżultati tal-monitoraġġ individwali

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li r-riżultati tal-monitoraġġ individwali stipulat fl-Artikoli 41, 42, 52, 53 u, jekk l-Istat Membru jiddeċiedi skont l-Artikolu 35(2), 54(3) ikunu:

(a) għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti, tal-impriża, u ta' min jimpjega l-ħaddiema esterni;

(b) għad-dispożizzjoni tal-ħaddiem ikkonċernat skont il-paragrafu 2;

(c) ippreżentati lis-servizz tas-saħħa okkupazzjonali sabiex huwa jinterpreta l-implikazzjonijiet tar-riżultati għas-saħħa tal-bniedem, kif previst fl-Artikolu 45(2);

(d) ippreżentati lis-sistema tad-data għall-monitoraġġ radjoloġiku individwali stabbilita mill-Istat Membru skont id-dispożizzjonijiet stipulati fl-Anness X.

2. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-impriża, jew fil-każ ta' ħaddiema esterni, l-impjegatur, jagħti lill-ħaddiema, fuq talba tagħhom, aċċess għar-riżultati tal-monitoraġġ individwali tagħhom, inklużi r-riżultati tal-kejl li setgħu ntużaw biex jiġu stmati dawn ir-riżultati, jew għar-riżultati tal-valutazzjoni tad-dożi tagħhom magħmulin bħala riżultat tas-sorveljanza fuq il-post tax-xogħol.

3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-arranġamenti li bihom għandhom jiġu ppreżentati r-riżultati tal-monitoraġġ individwali.

4. Is-sistema tad-data għall-monitoraġġ radjoloġiku individwali għandha tkopri mill-anqas id-data elenkata fl-Anness X, Taqsima A.

5. Fil-każ ta' esponiment aċċidentali, l-Istati Membri għandhom jesiġu li l-impriża tikkomunika r-riżultati tal-monitoraġġ individwali u l-valutazzjonijiet tad-doża lill-individwu u l-awtorità kompetenti mingħajr dewmien.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu stabbiliti arranġamenti għall-iskambju adatt, fost l-impriża, fil-każ ta' ħaddiem estern, l-impjegatur, l-awtorità kompetenti, is-servizzi tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol, l-esperti tal-protezzjoni mir-radjazzjoni, jew is-servizzi tad-dożimetrija tal-informazzjoni rilevanti kollha dwar id-dożi riċevuti qabel minn ħaddiem sabiex jitwettaq l-eżami mediku qabel l-impjieg jew il-klassifikazzjoni bħala ħaddiem tal-kategorija A skont l-Artikolu 45 u biex ikun ikkontrollat l-esponiment ulterjuri tal-ħaddiema.

Artikolu 45

Sorveljanza medika tal-ħaddiema esposti

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sorveljanza medika tal-ħaddiema esposti tkun imsejsa fuq il-prinċipji li jirregolaw il-mediċina okkupazzjonali b'mod ġenerali.

2. Is-sorveljanza medika tal-ħaddiema tal-kategorija A għandha ssir mis-servizz tas-saħħa okkupazzjonali. Din is-sorveljanza medika għandha tippermetti li jiġi aċċertat l-istat tas-saħħa tal-ħaddiema sorveljati fir-rigward tal-adattabbiltà fiżika tagħhom għall-kompiti assenjati lilhom. Għal dan il-għan, is-servizz tas-saħħa okkupazzjonali għandu jkollu aċċess għal kull informazzjoni rilevanti li jeħtieġ, inklużi l-kondizzjonijiet ambjentali fil-bini fejn isir ix-xogħol.

3. Is-sorveljanza medika għandha tinkludi:

(a) eżami mediku qabel l-impjieg jew il-klassifikazzjoni bħala ħaddiem tal-kategorija A biex jiġi ddeterminat jekk ħaddiem ikunx tajjeb għal post bħala ħaddiem tal-kategorija A li għalih il-ħaddiem qed jiġi kkunsidrat;

(b) eżamijiet perjodiċi tas-saħħa tal-inqas darba fis-sena, sabiex jiġi determinat jekk ħaddiema tal-kategorija A jkunux għadhom tajbin biex iwettqu d-doveri tagħhom. In-natura ta' dawn l-eżamijiet, li jistgħu jitwettqu kemm-il darba dawn jitiqesu bħala meħtieġa min-naħa tas-servizz tas-saħħa okkupazzjonali, għandha tiddependi fuq it-tip ta' xogħol u fuq l-istat tas-saħħa tal-ħaddiem individwali.

4. Is-servizz tas-saħħa okkupazzjonali jista' jindika l-ħtieġa li s-sorveljanza medika tissokta wara l-waqfien mix-xogħol għall-perjodu li huwa jqis meħtieġ biex tkun salvagwardjata s-saħħa tal-persuna kkonċernata.

Artikolu 46

Klassifikazzjoni medika

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi stabbilita l-klassifikazzjoni medika li ġejja dwar jekk persuna tkunx tajba għax-xogħol bħala ħaddiem tal-kategorija A:

(a) tajjeb/tajba;

(b) tajjeb/tajba, soġġett għal ċerti kondizzjonijiet;

(c) mhux tajjeb/tajba.

Artikolu 47

Projbizzjoni li jiġu impjegati jew ikklassifikati ħaddiema mhux tajbin għax-xogħol

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ebda ħaddiem ma jista' jiġi impjegat jew ikklassifikat għal xi perjodu f'post speċifiku bħala ħaddiem tal-kategroija A jekk is-sorveljanza medika tistabbilixxi li l-ħaddiem ma jkunx tajjeb għal dak il-post speċifiku.

Artikolu 48

Rekords mediċi

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jinfetaħ rekord mediku għal kull ħaddiem tal-kategorija A u li r-rekord jinżamm aġġornat sakemm il-ħaddiem jibqa' ħaddiem f'dik il-kategorija. Wara dan, għandu jinżamm sakemm l-individwu jkollu jew ikun laħaq l-età ta' 75 sena, iżda fi kwalunkwe każ għal mhux inqas minn 30 sena wara t-terminazzjoni tax-xogħol li jinvolvi esponiment għar-radjazzjoni jonizzanti.

2. Ir-rekord mediku għandu jinkludi informazzjoni dwar in-natura tal-impjieg, ir-riżultati tal-eżamijiet mediċi qabel l-impjieg jew il-klassifikazzjoni bħala ħaddiem tal-kategorija A, l-eżamijiet perjodiċi tas-saħħa u r-rekord tad-dożi mitlub mill-Artikolu 43.

Artikolu 49

Sorveljanza medika speċjali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li minbarra s-sorveljanza medika tal-ħaddiema esposti prevista fl-Artikolu 45, tittieħed kwalunkwe azzjoni oħra kkunsidrata meħtieġa mis-servizz tas-saħħa okkupazzjonali għall-protezzjoni tas-saħħa tal-individwi esposti, bħal aktar eżamijiet, miżuri ta' dekontaminazzjoni, trattament urġenti ta' rimedju jew azzjonijiet oħra identifikati mis-servizz tas-saħħa okkupazzjonali.

2. F'kull kaz fejn wieħed mill-limiti tad-doża stipulat fl-Artikolu 9 jkun inqabeż, għandha ssir sorveljanza medika speċjali.

3. Il-kondizzjonijiet sussegwenti ta' esponiment għandhom ikunu soġġetti għall-ftehim mas-servizz tas-saħħa okkupazzjonali.

Artikolu 50

Appelli

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-proċedura għal appell kontra s-sejbiet u d-deċiżjonijiet meħuda skont l-Artikoli 46, 47 u 49.

Artikolu 51

Protezzjoni tal-ħaddiema esterni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistema ta' monitoraġġ radjoloġiku individwali toffri lill-ħaddiema esterni protezzjoni ekwivalenti għal dik tal-ħaddiema esposti impjegati fuq bażi permanenti mill-impriża.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriża tkun responsabbli, direttament jew permezz ta' ftehimiet kuntrattwali ma' min jimpjega lill-ħaddiema esterni, għall-aspetti operazzjonali tal-protezzjoni mir-radjazzjoni tal-ħaddiema esterni li huma relatati direttament man-natura tal-attivitajiet tagħhom fl-impriża.

3. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, bħala rekwiżit minimu, l-impriża għandha:

(a) għal ħaddiema tal-kategorija A li jidħlu f'żoni kkontrollati, tivverifika li l-ħaddiem estern ikkonċernat kien ġie ddikjarat medikament tajjeb għall-attivitajiet li ser jiġu assenjati lill-ħaddiem;

(b) tivverifika jekk il-kategorizzazzjoni tal-ħaddiem estern tkunx adatta meta jitqiesu d-dożi li aktarx jirċievi fl-impriża;

(c) għad-dħul f'żoni kkontrollati, tiżgura li, minbarra t-taħriġ bażiku fil-protezzjoni mir-radjazzjoni l-ħaddiem estern ikun irċieva taħriġ u struzzjonijiet speċifiċi b'rabta mal-karatteristiċi tal-post tax-xogħol u l-attivitajiet imwettqa, f'konformità mal-punti (c) u (d) tal-Artikolu 15(1);

(d) għad-dħul f'żoni sorveljati, tiżgura li l-ħaddiem estern ikun irċieva struzzjonijiet ta' xogħol adatti għar-riskju radjoloġiku assoċjat mas-sorsi u l-operazzjonijiet involuti, kif mitlub fil-punt (c) tal-Artikolu 38(1);

(e) tiżgura li l-ħaddiem estern ikun ingħata t-tagħmir ta' protezzjoni personali meħtieġ;

(f) tiżgura li l-ħaddiem estern jirċievi monitoraġġ tal-esponiment individwali adatt għan-natura tal-attivitajiet, u kwalunkwe monitoraġġ dożimetriku operazzjonali li jista' jkun meħtieġ;

(g) tiżgura konformità mas-sistema ta' protezzjoni kif definit fil-Kapitolu III;

(h) għad-dħul f'żoni kkontrollati, tiżgura jew tieħu l-passi kollha adatti biex tiżgura li wara kull attività tiġi rreġistrata d-data radjoloġika mill-monitoraġġ tal-esponiment individwali ta' kull ħaddiem estern ta' kategorija A skont it-tifsira tal-Anness X, Taqsima B, punt 2.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li min jimpjega ħaddiema esterni jiżgura, direttament jew permezz ta' ftehimiet kuntrattwali mal-impriża, li l-protezzjoni tal-ħaddiema tagħhom mir-radjazzjoni tkun skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva, b'mod partikolari billi:

(a) jiżgura konformità mas-sistema ta' protezzjoni kif definita fil-Kapitolu III;

(b) jiżgura li jingħataw l-informazzjoni u t-taħriġ fil-qasam tal-protezzjoni mir-radjazzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (e) tal-Artikolu 15(1), l-Artikolu 15(2), (3) u (4);

(c) jiggarantixxi li l-ħaddiema tiegħu jkunu soġġetti għal valutazzjoni adatta tal-esponiment u għal ħaddiema tal-kategorija A, tas-sorveljanza medika, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 39 u 41 sa 49;

(d) jiżgura li d-data radjoloġika mill-monitoraġġ tal-esponiment individwali ta' kull wieħed mill-ħaddiema tiegħu ta' kategorija A skont it-tifsira tal-Anness X, Taqsima B, punt 1, tinżamm aġġornata fis-sistema tad-data għall-monitoraġġ radjoloġiku individwali msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 44(1).

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħaddiema esterni lkoll jagħtu l-kontribut tagħhom, safejn ikun prattikabbli, għall-protezzjoni li tingħatalhom mis-sistema ta' monitoraġġ radjoloġiku imsemmija fil-paragrafu 1, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tal-impriża jew ta' min jimpjega.

Artikolu 52

Esponimenti speċjali awtorizzati

1. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li f'ċirkustanzi eċċezzjonali evalwati skont il-każ, esklużi l-emerġenzi, l-awtorità kompetenti tista', fejn operazzjoni speċifika titlob dan, tawtorizza esponimenti okkupazzjonali individwali ta' ħaddiema identifikati li jaqbżu l-limiti tad-doża stabbiliti fl-Artikolu 9, bil-kondizzjoni li dawn l-esponimenti ikunu limitati fiż-żmien, ikkonfinati għal ċerti żoni tax-xogħol u fil-livelli massimi ta' esponiment definiti għall-każ partikolari mill-awtorità kompetenti. Għandhom jitqiesu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) huma biss il-ħaddiema tal-kategorija A kif definiti fl-Artikolu 40 jew ekwipaġġi ta' vettura spazjali li jistgħu jkunu soġġetti għal esponimenti bħal dawn;

(b) l-apprendisti, l-istudenti, il-ħaddiema nisa tqal, u, jekk hemm riskju ta' teħid jew ta' kontaminazzjoni tal-ġisem, il-ħaddiema nisa li jreddgħu, ikunu esklużi minn tali esponimenti;

(c) l-impriża tiġġustifika minn qabel dawn l-esponimenti u tiddiskutihom fid-dettal mal-ħaddiema, ir-rappreżentanti tagħhom, is-servizz tas-saħħa okkupazzjonali u l-espert dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni;

(d) l-informazzjoni dwar ir-riskji involuti u l-prekawzjonijiet li jridu jittieħdu waqt l-operazzjoni tingħata lill-ħaddiema rilevanti minn qabel;

(e) il-ħaddiema jkunu taw il-kunsens tagħhom;

(f) id-dożi kollha relatati ma' tali esponimenti jiġu rreġistrati separatament fir-rekord mediku msemmi fl-Artikolu 48 u r-rekord individwali msemmi fl-Artikolu 43.

2. Il-fatt li l-limiti tad-doża jinqabżu bħala riżultat ta' esponimenti awtorizzati speċjali ma għandux neċessarjament jikkostitwixxi raġuni biex il-ħaddiema jkunu esklużi mill-impjieg tagħhom tas-soltu jew biex ikunu ttrasferiti, mingħajr il-qbil tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esponiment ta' ekwipaġġ ta' vettura spazjali għal livell ogħla mil-limiti tad-doża jkun ġestit bħala esponiment b'awtorizzazzjoni speċjali.

Artikolu 53

Esponiment okkupazzjonali ta' emerġenza

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li esponimenti okkupazzjonali ta' emerġenza għandhom jibqgħu, kull meta jkun possibbli, taħt il-valuri tal-limiti tad-doża stipulati fl-Artikolu 9.

2. Għas-sitwazzjonijiet fejn il-kondizzjoni msemmija hawn fuq ma tkunx fattibbli, għandhom japplikaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

a) il-livelli ta' referenza għal esponiment okkupazzjonali ta' emerġenza għandu jkun stabbilit, b'mod ġenerali, għal inqas minn doża effettiva ta' 100 mSv;

b) f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, sabiex tiġi salvata l-ħajja, ikunu evitati effetti severi fuq is-saħħa kkawżati mir-radjazzjoni, jew biex jiġi evitat l-iżvilupp ta' kondizzjonijiet katastrofiċi, jista' jiġi stabbilit livell ta' referenza għal doża effettiva minn radjazzjoni esterna għal ħaddiema ta' emerġenza li jkun 'il fuq minn 100 mSv, iżda mhux aktar minn 500 mSv.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ħaddiema ta' emerġenza li aktarx iwettqu azzjonijiet fejn tista' tinqabeż doża effettiva ta' 100 mSv jiġu informati b'mod ċar u komprensiv minn qabel bir-riskji għas-saħħa assoċjati u l-miżuri protettivi disponibbli u li dawk l-azzjonijiet iwettquhom volontarjament.

4. F'każ ta' esponiment okkupazzjonali ta' emerġenza, l-Istati Membri għandhom jesiġu monitoraġġ radjoloġiku tal-ħaddiema tal-emerġenza. Il-monitoraġġ individwali jew il-valutazzjoni tad-dożi individwali għandhom jitwettqu kif ikun jixraq għaċ-ċirkostanzi.

5. Fil-każ ta' esponiment okkupazzjonali ta' emerġenza, l-Istati Membri għandhom jesiġu li titwettaq sorveljanza medika speċjali tal-ħaddiema ta' emerġenza, kif definit fl-Artikolu 49, kif ikun jixraq għaċ-ċirkostanzi.

Artikolu 54

Radon fuq il-postijiet tax-xogħol

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu livelli ta' referenza nazzjonali għall-konċentrazzjonijiet tar-radon fuq ġewwa fil-postijiet tax-xogħol. Il-livell ta' referenza għall-konċentrazzjoni tal-attività medja fis-sena fl-arja ma għandux ikun ogħla minn 300 Bq m^{-3}, ħlief jekk ikun iġġustifikat miċ-ċirkostanzi nazzjonali prevalenti.

2. L-Istati Membri għandhom jesiġu li jsir kejl tar-radon:

(a) fil-postijiet tax-xogħol fiż-żoni identifikati skont l-Artikolu 103(3), li jinsabu fil-pjan terran jew il-livell sotterran, waqt li jitqiesu l-parametri li jinsabu fil-pjan ta' azzjoni nazzjonali kif imsemmija fil-punt 2 tal-Anness XVIII, kif ukoll

(b) f'tipi speċifiċi ta' postijiet tax-xogħol identifikati fil-pjan ta' azzjoni nazzjonali waqt li jitqies il-punt 3 tal-Anness XVIII.

3. Fiż-żoni fil-postijiet tax-xogħol fejn il-konċentrazzjoni tar-radon (bħala medja annwali), tibqa' ogħla mil-livell ta' referenza nazzjonali, minkejja l-azzjoni meħuda skont il-prinċipju ta' ottimizzazzjoni kif stipulat fil-Kapitolu III, l-Istati Membri għandhom jesiġu li din is-sitwazzjoni tiġi notifikata f'konformità mal-Artikolu 25(2) u l-Artikolu 35(2) għandu japplika.

KAPITOLU VII

ESPONIMENTI MEDIĊI

Artikolu 55

Ġustifikazzjoni

1. L-esponiment mediku għandu juri benefiċċju nett suffiċjenti, li jiżen il-benefiċċji dijanjostiċi jew terapewtiċi potenzjali totali li jipproduċi, inklużi l-benefiċċji diretti għas-saħħa ta' individwu u l-benefiċċji għas-soċjetà, kontra d-detriment lill-individwu li jista' jikkawża l-esponiment, meta jitqiesu l-effikaċja, il-benefiċċji u r-riskji tat-tekniki alternattivi disponibbli li għandhom l-istess għan iżda li ma jinvolvux jew jinvolvu inqas esponiment għar-radjazzjoni jonizzanti.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġi applikat il-prinċipju ddefinit fil-paragrafu 1 u b'mod partikolari li:

(a) it-tipi ġodda ta' prattiki li jinvolvu esponiment mediku jiġu ġġustifikati bil-quddiem qabel ikunu aċċettati b'mod ġenerali;

(b) l-esponimenti mediċi individwali kollha jiġu ġġustifikati minnn qabel billi jitqiesu l-għanijiet speċifiċi tal-esponiment u l-karatteristiċi tal-individwu involut.

(c) jekk tip ta' prattika li tinvolvi esponiment mediku ma tkunx ġustifikata b'mod ġenerali, esponiment individwali speċifiku ta' dan it-tip jista' jkun iġġustifikat, fejn ikun adatt, f'ċirkustanzi speċjali, li għandhom jiġu evalwati skont il-każ u ddokumentati.

(d) il-parti li tirreferi u l-prattikant, kif speċifikati mill-Istati Membri, ifittxu, fejn ikun prattikabli, li jiksbu informazzjoni dijanjostika preċedenti jew rekord mediku rilevanti għall-esponiment ippjanat u jikkunsidraw dawn id-data biex jevitaw esponiment mhux neċessarju.

(e) l-esponiment mediku għar-riċerka medika jew bijomedika jiġi eżaminat minn kumitat tal-etika, stabbilit skont proċeduri nazzjonali u/jew mill-awtorità kompetenti;

(f) l-awtorità kompetenti b'mod konġunt mas-soċjetajiet xjentifiċi mediċi jew ma' korpi rilevanti adatti twettaq ġustifikazzjoni speċifika għall-proċeduri radjoloġiċi mediċi li jkunu ser jitwettqu bħala parti minn programm ta' skrinjar tas-saħħa.

(g) l-esponiment ta' dawk li joffru kura u konfort juri benefiċċju nett suffiċjenti, meta jitqiesu l-benefiċċji diretti għal saħħet il-pazjent, il-benefiċċji possibbli għal min jagħti kura / konfort u d-detriment li tista' jikkawża l-esponiment.

(h) kwalunkwe proċedura radjoloġika medika fuq individwu asintomatiku, li għandha titwettaq għall-individwazzjoni kmieni ta' marda, tkun parti minn programm ta' skrinjar tas-saħħa, jew teħtieġ ġustifikazzjoni dokumentata speċifika għal dak l-individwu mill-prattikant, f'konsultazzjoni mal-parti li tirreferi, billi jiġu segwiti linji gwida mis-soċjetajiet xjentifiċi mediċi rilevanti u mill-awtorità kompetenti. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-għoti ta' informazzjoni lill-individwu soġġett għal esponiment mediku, kif meħtieġ mill-punt (d) tal-Artikolu 57(1).

Artikolu 56

Ottimizzazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dożi kollha dovuti għal esponiment mediku għal finijiet ta' radjoloġija radjodijanjostika ta' intervent, ta' ppjanar, ta' ggwidar u ta' verifika jinżammu fl-iżjed livell baxx raġonevolment possibbli b'konsistenza mal-ksib tal-informazzjoni medika meħtieġa, waqt li jitqiesu l-fatturi ekonomiċi u tas-soċjetà.

Għall-esponimenti mediċi kollha tal-pazjenti għal finijiet radjoterapewtiċi, l-esponimenti tal-volumi fil-mira għandhom jiġu ppjanati individwalment u l-kunsinna tagħhom tiġi vverifikata kif adatt, billi jitqies li d-dożi fuq il-volumi u t-tessuti mhux fil-mira għandhom ikunu baxxi sal-inqas livell raġonevolment possibbli u konsistenti mal-iskop radjoterapewtiku intenzjonat tal-esponiment.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-istabbiliment, l-analiżi regolari u l-użu tal-livelli dijanjostiċi ta' referenza għall-eżamijiet radjodijanjostiċi, waqt li jittieħed kont tal-livelli ta' referenza dijanostiċi Ewropej rakkomandati meta jkunu disponibbli, u fejn adatt, għall-proċeduri ta' radjoloġija ta' intervent, u d-disponibbiltà ta' gwida għal dan il-għan.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għal kull proġett ta' riċerka medika jew bijomedika li jinvolvi esponiment mediku:

(a) l-individwi kkonċernati jipparteċipaw volontarjament;

(b) dawn l-individwi jiġu informati dwar ir-riskji tal-esponiment;

(c) tiġi stabbilita restrizzjoni fuq id-doża għall-individwi li għalihom ma jkun mistenni l-ebda benefiċċju mediku dirett mill-esponiment;

(d) fil-każ tal-pazjenti li jaċċettaw b'mod volontarju li jgħaddu minn prattika medika sperimentali u jkunu mistennija li jirċievu benefiċċju dijanjostiku jew terapewtiku minn din il-prattika, il-livelli tad-doża kkonċernati għandhom jitqiesu fuq bażi individwali mill-prattikant u/jew mill-parti li tirreferi qabel ma jseħħ l-esponiment.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ottimizzazzjoni tinkludi l-għażla tat-tagħmir, il-produzzjoni konsistenti ta' informazzjoni dijanjostika adegwata jew tal-eżitu terapewtiku, l-aspetti prattiċi tal-proċeduri radjoloġiċi mediċi, l-assigurazzjoni tal-kwalità, u l-valutazzjoni u l-evalwazzjoni tad-dożi tal-pazjenti jew il-verifika tal-attivitajiet amministrati, waqt li jitqiesu l-fatturi ekonomiċi u tas-soċjetà.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) ikunu stabbiliti restrizzjonijiet fuq id-doża għall-esponiment ta' dawk li joffru kura u konfort, fejn adatt;

(b) tiġi stabbilita gwida xierqa għall-esponiment ta' dawk li joffru kura u konfort.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-każ ta' pazjent sottopost għal trattament jew dijanjosi bir-radjonuklidi, il-prattikant jew l-impriża, kif speċifikat mill-Istati Membri, jipprovdu lill-pazjent jew lir-rappreżentant tiegħu b'informazzjoni dwar ir-riskji tar-radjazzjoni jonizzanti u struzzjonijiet adatti bil-għan li d-dożi lill-persuni f'kuntatt mal-pazjent jiġu limitati safejn huwa raġonevolment possibbli. Għal proċeduri terapewtiċi dawn għandhom ikunu struzzjonijiet bil-miktub.

Dawn l-istruzzjonijiet għandhom jingħataw qabel il-ħruġ mill-isptar jew klinika jew istituzzjoni simili.

Artikolu 57

Responsabbiltajiet

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) kull esponiment mediku jseħħ taħt ir-responsabbiltà klinika ta' prattikant;

(b) il-prattikant, l-espert fil-fiżika medika u dawk intitolati li jwettqu aspetti prattiċi tal-proċeduri radjoloġiċi mediċi jkunu involuti, kif speċifikat mill-Istati Membri, fil-proċess ta' ottimizzazzjoni;

(c) il-parti li tirreferi u l-prattikant ikunu involuti, kif speċifikat mill-Istati Membri, fil-proċess ta' ġustifikazzjoni tal-esponimenti mediċi individwali;

(d) kull fejn ikun prattikabbli u qabel ma jseħħ l-esponiment, il-prattikant jew il-parti li tirreferi, kif speċifikat mill-Istati Membri, jiżguraw li l-pazjent jew ir-rappreżentant tiegħu jingħata informazzjoni adegwata rigward il-benefiċċji u r-riskji assoċjati mad-doża ta' radjazzjoni mill-esponiment mediku. Għandhom jingħataw informazzjoni simili kif ukoll il-gwida rilevanti lil dawk li joffru kura u konfort, f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 56(5).

2. Aspetti prattiċi tal-proċeduri radjoloġiċi mediċi jistgħu jiġu ddelegati mill-impriża jew mill-prattikant, kif adatt, lil individwu wieħed jew aktar intitolati li jaġixxu f'dan ir-rigward f'qasam rikonoxxut ta' speċjalizzazzjoni.

Artikolu 58

Proċeduri

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) jiġu stabbiliti protokolli bil-miktub għal kull tip ta' proċedura radjoloġika medika standard għal kull tagħmir għal kategoriji rilevanti ta' pazjenti;

(b) ir-rapport dwar il-proċedura radjoloġika medika jinkludi informazzjoni dwar l-esponiment tal-pazjent;

(c) il-partijiet li jirreferu jkollhom disponibbli linji gwida għar-riferiment għal teħid ta' immaġini mediku, b'kont meħud tad-dożi tar-radjazzjoni;

(d) fil-prattiki radjoloġiċi mediċi, ikun involut b'mod adatt espert tal-fiżika medika, li l-livell tal-involviment tiegħu jkun proporzjonali għar-riskju radjoloġiku ppreżentat mill-prattika. B'mod partikolari:

(i) fil-prattiki radjoterapewtiċi għajr il-prattiki standardizzati tal-mediċina nukleari terapewtika, għandu jkun involut mill-qrib espert tal-fiżika medika;

(ii) fil-prattiki tal-mediċina nukleari terapewtika standardizzata kif ukoll fil-prattiki tar-radjoloġija radjodijanjostika u ta' intervent, li jinvolvu dożi qawwijin kif imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 61(1), għandu jkun involut espert tal-fiżika medika;

(iii) għal prattiki radjoloġiċi mediċi oħra mhux koperti bil-punti (a) u (b), għandu jkun involut espert tal-fiżika medika, kif ikun adatt, għal konsultazzjoni u pariri dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni mir-radjazzjoni rigward l-esponiment mediku.

(e) jitwettqu awditi kliniċi skont il-proċeduri nazzjonali;

(f) jitwettqu reviżjonijiet lokali adatti kull meta l-livelli dijanjostiċi ta' referenza jinqabżu b'mod konsistenti u tittieħed azzjoni korrettiva adatta mingħajr dewmien żejjed.

Artikolu 59

Taħriġ u rikonoxximent

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tat-taħriġ u r-rikonoxximent, kif stabbiliti fl-Artikoli 79, 14 u 18, għall-prattikant, l-espert tal-fiżika medika u l-individwi msemmija fl-Artikolu 57(2).

Artikolu 60

Tagħmir

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) it-tagħmir radjoloġiku mediku kollu li qed jintuża jinżamm taħt sorveljanza stretta rigward il-protezzjoni mir-radjazzjoni;

(b) l-awtorità kompetenti jkollha disponibbli inventarju aġġornat tat-tagħmir radjoloġiku mediku għal kull installazzjoni radjoloġika medika;

(c) l-impriża timplimenta programmi xierqa ta' assigurazzjoni tal-kwalità u valutazzjoni tad-doża jew verifika tal-attività amministrata; u

(d) jitwettaq test ta' aċċettazzjoni qabel l-ewwel użu tal-apparat għal għanijiet kliniċi, u minn hemm 'il quddiem isiru testijiet tal-prestazzjoni fuq bażi regolari, u wara kull proċedura ta' manutenzjoni li tista' taffettwa l-prestazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tieħu passi sabiex tiżgura li jittieħdu l-miżuri neċessarji mill-impriża biex ittejjeb prestazzjoni inadegwata jew difettuża tat-tagħmir radjoloġiku mediku li qed jintuża. Huma għandhom jadottaw ukoll kriterji speċifiċi għall-aċċettabbiltà tat-tagħmir sabiex jindikaw, fejn tkun meħtieġa azzjoni korrettiva adatta, inkluż li t-tagħmir ma jibqax jintuża.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) l-użu ta' tagħmir tal-fluworoskopija mingħajr apparat biex jikkontrolla awtomatikament ir-rata tad-doża, jew mingħajr intensifikatur tal-immaġini jew apparat ekwivalenti, ikun ipprojbit.

(b) it-tagħmir użat għar-radjoterapija esterna bir-raġġi bl-enerġija nominali tar-raġġi li tkun iżjed minn 1 MeV ikollha apparat li jivverifika l-parametri prinċipali tat-trattament. It-tagħmir installat qabel 6 ta' Frar 2018 jista' jkun eżentat minn dan ir-rekwiżit.

(c) kull tagħmir li jintuża għal radjoloġija ta' intervent ikollu apparat jew mezz li jgħarraf lill-prattikant u lil min iwettaq aspetti prattiċi tal-proċeduri mediċi bil-kwantità ta' radjazzjoni li t-tagħmir jipproduċi waqt il-proċedura. It-tagħmir installat qabel 6 ta' Frar 2018 jista' jkun eżentat minn dan ir-rekwiżit.

(d) kull tagħmir li jintuża għal radjoloġija ta' intervent u tomografija kompjuterizzata u kull tagħmir li jintuża għal finijiet ta' ppjanar, gwida u verifika jkollu apparat jew mezz li jgħarraf lill-prattikant, fi tmiem il-proċedura, bil-parametri rilevanti għall-valutazzjoni tad-doża lill-pazjent.

(e) it-tagħmir li jintuża għal radjoloġija ta' intervent u tomografija kompjuterizzata jkollu l-kapaċità li jittrasferixxi l-informazzjoni mitluba taħt 3(d) lir-rekord tal-eżami. It-tagħmir installat qabel 6 ta' Frar 2018 jista' jkun eżentat minn dan ir-rekwiżit.

(f) mingħajr preġudizzju għall-punti (c), (d) u (e) tal-paragrafu 3, tagħmir radjodijanjostiku mediku ġdid li jipproduċi radjazzjoni jonizzanti jkollu apparat, jew mezz ekwivalenti, li jgħarraf lill-prattikant bil-parametri rilevanti għall-valutazzjoni tad-doża lill-pazjent. Fejn ikun adatt, it-tagħmir għandu jkollu l-kapaċità li jittrasferixxi din l-informazzjoni lir-rekord tal-eżami.

Artikolu 61

Prattiki speċjali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jintuża tagħmir radjoloġiku mediku, tekniki prattiċi u tagħmir anċillari xieraq għall-esponiment mediku:

(a) tat-tfal;

(b) bħala parti minn programm ta' skrinjar tas-saħħa;

(c) li jinvolvi dożi għoljin għall-pazjent, li jista' jkun il-każ fir-radjoloġija ta' intervent, il-mediċina nukleari, it-tomografija kompjuterizzata jew ir-radjoterapija.

Għal dawn il-prattiki għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-programmi tal-assigurazzjoni tal-kwalità u l-valutazzjoni tad-doża jew il-verifika tal-attività amministrata.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prattikanti u dawk l-individwi msemmija fl-Artikolu 57(2) li jwettqu l-esponimenti msemmija fil-paragrafu 1 jiksbu t-taħriġ xieraq dwar dawn il-prattiki radjoloġiċi mediċi kif mitlub mill-Artikolu 18.

Artikolu 62

Protezzjoni speċjali waqt it-tqala u t-treddigħ

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-parti li tirreferi jew il-prattikant, kif ikun adatt, jistaqsi, kif speċifikat mill-Istati Membri, jekk il-persuna soġġetta għal esponiment mediku tinsabx fi tqala jew qed tredda', ħlief jekk dan jista' jiġi eskluż għal raġunijiet ovvji jew ma jkunx rilevanti għall-proċedura radjoloġika.

2. Jekk it-tqala ma tkunx tista' tiġi eskluża u skont il-proċedura radjoloġika medika, b'mod partikolari jekk ikunu involuti r-reġjuni addominali jew pelviċi, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-ġustifikazzjoni, b'mod partikolari l-urġenza, u lill-ottimizzazzjoni, waqt li jitqiesu kemm il-persuna li qed tistenna tarbija kif ukoll it-tarbija mhux imwielda.

3. Fil-każ ta' persuna li qed tredda', fil-mediċina nukleari, skont il-proċedura radjoloġika medika, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-ġustifikazzjoni, b'mod partikolari l-urġenza, u lill-ottimizzazzjoni, waqt li jitqiesu kemm il-persuna li qed tredda' kif ukoll it-tarbija.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1, 2 u 3, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex iżidu s-sensibilizzazzjoni tal-persuni li għalihom japplika dan l-Artikolu, permezz ta' miżuri bħal avviżi pubbliċi f'postijiet xierqa.

Artikolu 63

Esponimenti aċċidentali u mhux intenzjonati

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) jittieħdu l-miżuri kollha raġonevoli biex jimminimizzaw il-probabbiltà u l-qawwa tal-esponimenti aċċidentali jew mhux intenzjonati tal-individwi soġġetti għal esponiment mediku;

(b) għall-prattiki radjoterapewtiċi l-programm ta' assigurazzjoni tal-kwalità jinkludi studju tar-riskju ta' esponimenti aċċidentali jew mhux intenzjonati;

(c) għall-esponimenti mediċi kollha l-impriża timplimenta sistema adatta għaż-żamma tar-rekord u l-analiżi tal-avvenimenti li jinvolvu jew potenzjalment jinvolvu esponimenti mediċi aċċidentali jew mhux intenzjonati, proporzjonali għar-riskju radjoloġiku kkawżat mill-prattika;

(d) isiru arranġamenti biex il-parti li tirreferi u l-prattikant, u l-pazjent, jew ir-rappreżentant tiegħu, jiġu informati dwar esponimenti klinikament sinifikanti mhux intenzjonati jew aċċidentali u r-riżultati tal-analiżi;

(e) (i) l-impriża tiddikjara kemm jista' jkun malajr lill-awtorità kompetenti l-okkorrenza ta' avvenimenti sinifikanti kif definiti mill-awtorità kompetenti;

(ii) ir-riżultati tal-investigazzjoni u l-miżuri korrettivi biex jiġu evitati avvenimenti bħal dawn jiġu rrapportati lill-awtorità kompetenti fil-perjodu speċifikat mill-Istat Membru;

(f) ikun hemm fis-seħħ mekkaniżmi għad-disseminazzjoni f'waqtha ta' informazzjoni, rilevanti għall-protezzjoni mir-radjazzjoni waqt esponiment mediku, fir-rigward ta' tagħlimiet miksuba minn avvenimenti sinifikanti.

Artikolu 64

Stimi tad-dożi tal-popolazzjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi ddeterminata d-distribuzzjoni tal-istimi tad-doża individwali minn esponiment mediku għal skopijiet radjodijanjostiċi u ta' radjoloġija ta' intervent, waqt li titqies, kif ikun adatt, id-distribuzzjoni tal-etajiet u s-sess tal-popolazzjoni esposta.

KAPITOLU VIII

ESPONIMENTI TAL-PUBBLIKU

TAQSIMA 1

Protezzjoni tal-membri tal-pubbliku u protezzjoni tas-saħħa għal perjodu twil f'ċirkostanzi normali

Artikolu 65

Protezzjoni operazzjonali tal-membri tal-pubbliku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-protezzjoni operazzjonali tal-membri tal-pubbliku f'ċirkostanzi normali minn prattiki soġġetti għal għoti ta' liċenzja għandha tinkludi, għall-faċilitajiet rilevanti, dan li ġej:

(a) eżami u approvazzjoni tas-sit propost tal-faċilità mil-lat tal-protezzjoni mir-radjazzjoni, b'kont meħud tal-kondizzjonijiet demografiċi, meteoroloġiċi, ġeoloġiċi, idroloġiċi u ekoloġiċi rilevanti;

(b) l-aċċettazzjoni fis-servizz tal-faċilità jkun bil-kondizzjoni li tingħata protezzjoni adegwata kontra kull esponiment jew kontaminazzjoni radjuattiva li tista' testendi lil hinn mill-konfini tal-faċilità jew kontaminazzjoni radjuattiva li tista' testendi sal-art ta' taħt il-faċilità;

(c) eżami u approvazzjoni tal-pjanijiet għar-rimi ta' effluwenti radjuattivi;

(d) miżuri biex jiġi kkontrollat l-aċċess tal-membri tal-pubbliku għall-faċilità.

2. L-awtorità kompetenti għandha fejn ikun xieraq tistabbilixxi limiti awtorizzati bħala parti minn awtorizzazzjoni għar-rimi kif ukoll kondizzjonijiet għar-rimi ta' effluwenti radjuattivi li għandhom:

(a) iqisu r-riżultati tal-ottimizzazzjoni tal-protezzjoni mir-radjazzjoni;

(b) jirriflettu l-prattika tajba fit-tħaddim ta' faċilitajiet simili.

Minbarra dan, dawn l-awtorizzazzjonijiet għal rimi għandhom jieħdu kont, fejn ikun xieraq, tar-riżultati ta' valutazzjoni ta' skrinjar ġeneriku abbażi ta' gwida xjentifika rikonoxxuta internazzjonalment, fejn dik il-valutazzjoni tkun intalbet mill-Istat Membru, biex jintwera li l-kriterji ambjentali għall-protezzjoni fit-tul tas-saħħa tal-bniedem ikunu ssodisfati.

3. Għal prattiki soġġetti għal reġistrazzjoni, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-protezzjoni tal-membri tal-pubbliku f'ċirkostanzi normali permezz ta' regolamenti u gwida nazzjonali adegwati.

Artikolu 66

Stima tad-dożi għall-membri tal-pubbliku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsiru arranġamenti għall-istima tad-dożi lill-membri tal-pubbliku minn prattiki awtorizzati. Il-livell ta' arranġamenti bħal dawn għandu jkun proporzjonat għar-riskju ta' esponiment involut.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-identifikazzjoni tal-prattiki li għalihom għandha ssir valutazzjoni tad-dożi lill-membri tal-pubbliku. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw dawk il-prattiki li l-valutazzjoni għalihom jeħtieġ issir b'mod realistiku u dawk li għalihom ikun biżżejjed li ssir valutazzjoni tal-iskrinjar.

3. Għall-valutazzjoni realistika tad-dożi għall-membri tal-pubbliku, l-awtorità kompetenti għandha:

(a) tiddeċiedi dwar firxa raġonevoli ta' stħarriġiet li għandhom isiru u informazzjoni li għandha tiġi kkunsidrata sabiex tiġi identifikata l-persuna rappreżentattiva, billi tqis il-mogħdijiet effettivi għat-trażmissjoni tas-sustanzi radjuattivi;

(b) tiddeċiedi dwar frekwenza raġonevoli ta' monitoraġġ tal-parametri rilevanti kif determinati fil-punt (a);

(c) tiżgura li l-istimi tad-dożi fuq il-persuna rappreżentattiva jinkludu:

i) valutazzjoni tad-dożi minħabba radjazzjoni esterna, li tindika, fejn xieraq, it-tip tar-radjazzjoni inkwistjoni;

ii) valutazzjoni tat-teħid tar-radjonuklidi, li tindika n-natura tar-radjonuklidi u, fejn meħtieġ, l-istati fiżiċi u kimiċi tagħhom, u l-istabbiliment tal-konċentrazzjonijiet tal-attività ta' dawn ir-radjonuklidi fl-ikel u fl-ilma għax-xorb jew f'mezzi ambjentali oħra rilevanti;

iii) valutazzjoni tad-dożi li l-persuna rappreżentattiva, kif identifikata fil-punt (a), tista' tirċievi;

(d) tesiġi li jinżammu rekords u li dawn ikunu disponibbli għall-partijiet interessati kollha, fuq talba, fir-rigward tal-kejl tal-esponiment estern u l-kontaminazzjoni, l-istimi tat-teħid tar-radjonuklidi, u r-riżultati tal-valutazzjoni tad-dożi li l-persuna rappreżentattiva tirċievi.

Artikolu 67

Monitoraġġ tar-rimi radjuattiv

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-impriża responsabbli għal prattiki fejn tingħata awtorizzazzjoni għar-rimi timmonitorja sewwa jew fejn ikun xieraq tevalwa r-rimi radjuattiv li jsir fl-arja jew dak likwidu fl-ambjent waqt l-operat normali u li tirrapporta r-riżultati lill-awtorità kompetenti.

2. L-Istati Membri għandhom jesiġu li kull impriża li tkun responsabbli għal reattur tal-enerġija nukleari jew impjant ta' riproċessar timmonitora r-rimi radjuattiv u tirrapportah f'konformità mal-informazzjoni standardizzata.

Artikolu 68

Kompiti għall-impriża

L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-impriża twettaq il-kompiti li ġejjin:

(a) tikseb u żżomm l-aħjar livell ta' protezzjoni tal-membri tal-pubbliku;

(b) taċċetta fis-servizz tagħmir u proċeduri adegwati għall-kejl u l-valutazzjoni tal-esponiment tal-membri tal-pubbliku u l-kontaminazzjoni radjuattiva tal-ambjent;

(c) tivverifika l-effettività u l-manutenzjoni tat-tagħmir kif imsemmi fil-punt (b) u tiżgura l-kalibrazzjoni regolari tal-istrumenti tal-kejl;

(d) tfittex il-parir ta' espert fil-protezzjoni mir-radjazzjoni għat-twettiq tal-kompiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c).

TAQSIMA 2

Sitwazzjonijiet ta' esponiment ta' emerġenza

Artikolu 69

Reazzjoni ta' emerġenza

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-impriża tinnotifika immedjatament lill-awtorità kompetenti b'kull emerġenza li tirrigwarda l-prattiki li hija responsabbli għalihom u tieħu l-azzjoni kollha xierqa biex tnaqqas il-konsegwenzi.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'każ ta' emerġenza fit-territorju tagħhom, l-impriża kkonċernata tagħmel valutazzjoni proviżorja inizjali taċ-ċirkustanzi u l-konsegwenzi tal-emerġenza u tassisti b'miżuri protettivi.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu previsti miżuri protettivi fir-rigward ta':

(a) is-sors tar-radjazzjoni, sabiex ir-radjazzjoni, inkluż ir-rilaxx ta' radjonuklidi, tonqos jew tieqaf;

(b) l-ambjent, sabiex jonqos l-esponiment għall-individwi li jirriżulta minn sustanzi radjuattivi permezz ta' mogħdijiet rilevanti;

(c) l-individwi, sabiex jitnaqqas l-esponiment tagħhom.

4. Fil-każ ta' emerġenza fit-territorju tiegħu jew barra minnu, Stat Membru għandu jesiġi:

(a) l-organizzazzjoni ta' miżuri protettivi xierqa, billi jitqiesu l-karatteristiċi reali tal-emerġenza u skont l-istrateġija ottimizzata għall-protezzjoni bħala parti minn pjan ta' reazzjoni għall-emerġenzi, fejn l-elementi li għandhom jiġu inklużi fil-pjan ta' reazzjoni għall-emerġenzi huma indikati fit-Taqsima B tal-Anness XI;

(b) il-valutazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-konsegwenzi tal-emerġenza u tal-effikaċja tal-miżuri protettivi.

5. L-Istat Membru għandu, jekk is-sitwazzjoni titlob dan, jiżgura li tkun prevista l-organizzazzjoni tat-trattament mediku ta' dawk affettwati.

Artikolu 70

Informazzjoni lill-membri tal-pubbliku li x'aktarx jiġu affettwati f'każ ta' emerġenza

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li membri tal-pubbliku li x'aktarx jiġu affettwati f'każ ta' emerġenza jingħataw informazzjoni dwar il-miżuri ta' protezzjoni tas-saħħa applikabbli għalihom u dwar l-azzjoni li għandhom jieħdu f'każ ta' emerġenza bħal din.

2. L-informazzjoni mogħtija għandha tinkludi tal-inqas l-elementi stabbiliti fit-Taqsima A tal-Anness XII.

3. L-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata lill-membri tal-pubbliku msemmija fil-paragrafu 1 mingħajr ma ssir l-ebda talba.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni tkun aġġornata u ċċirkolata f'intervalli regolari u kull meta jkun hemm tibdil sinifikanti. Din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli b'mod permanenti għall-pubbliku.

Artikolu 71

Informazzjoni lill-membri tal-pubbliku li fil-fatt jiġu affettwati f'każ ta' emerġenza

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta sseħħ emerġenza, il-membri tal-pubbliku li fil-fatt ikunu affettwati jiġu infurmati mingħajr dewmien dwar il-fatti tal-emerġenza, il-passi li għandhom jittieħdu u, kif ikun xieraq, il-miżuri għall-protezzjoni tas-saħħa applikabbli għal dawn il-membri tal-pubbliku.

2. L-informazzjoni mogħtija għandha tkopri dawk il-punti elenkati fit-Taqsima B tal-Anness XII li jkunu rilevanti għat-tip ta' emerġenza.

TAQSIMA 3

Sitwazzjoni ta' esponiment eżistenti

Artikolu 72

Programm ta' monitoraġġ ambjentali

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun stabbilit programm ta' monitoraġġ ambjentali xieraq.

Artikolu 73

Żoni kontaminati

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istrateġiji ottimizzati ta' protezzjoni għall-ġestjoni ta' żoni kontaminati għandhom jinkludu, fejn ikun applikabbli, dawn li ġejjin:

(a) l-għanijiet, li jinkludu l-miri fit-tul li qed issegwi l-istrateġija u l-livelli ta' referenza korrispondenti, f'konformità mal-Artikolu 7;

(b) delinjazzjoni taż-żoni affettwati u identifikazzjoni tal-membri tal-pubbliku affettwati;

(c) konsiderazzjoni tal-ħtieġa għal u l-firxa tal-miżuri protettivi li għandhom jiġu applikati għaż-żoni affettwati u l-membri tal-pubbliku;

(d) konsiderazzjoni tal-ħtieġa li jiġi evitat jew ikkontrollat l-aċċess għaż-żoni affettwati, jew li jkunu imposti restrizzjonijiet fuq il-kondizzjonijiet tal-għajxien f'dawn iż-żoni;

(e) valutazzjoni tal-esponiment ta' gruppi differenti fil-popolazzjoni u valutazzjoni tal-mezzi disponibbli għall-individwi biex jikkontrollaw l-esponiment personali tagħhom.

2. Fil-każ ta' żoni b'kontaminazzjoni residwa fuq perjodu fit-tul li fihom l-Istat Membru jkun iddeċieda li jippermetti l-abitazzjoni u t-tkomplija tal-attivitajiet soċjali u ekonomiċi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati, li jkun hemm arranġamenti, kif meħtieġa, għall-kontroll kontinwu tal-esponiment bil-għan li jkunu stabbiliti kondizzjonijiet tal-għajxien li jistgħu jitqiesu bħala normali, fosthom:

(a) l-istabbiliment tal-livelli ta' referenza xierqa;

(b) l-istabbiliment ta' infrastruttura biex ikunu appoġġjati miżuri protettivi ta' għajnuna mill-persuna nnifisha fiż-żoni affettwati, bħal għoti ta' informazzjoni, pariri u monitoraġġ;

(c) jekk ikun xieraq, miżuri ta' rimedju;

(d) jekk ikun xieraq, iż-żoni delinjati.

Artikolu 74

Esponiment għar-radon ġewwa bini

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu livelli ta' referenza nazzjonali għall-konċentrazzjonijiet tar-radon ġewwa bini. Il-livell ta' referenza għall-konċentrazzjoni tal-attività medja fis-sena fl-arja ma għandux ikun ogħla minn 300 Bq m^{-3}.

2. Skont il-pjan ta' azzjoni nazzjonali msemmi fl-Artikolu 103, l-Istati Membri għandhom jippromwovu azzjoni biex jidentifikaw abitazzjonijiet b'konċentrazzjonijiet ta' radon (bħala medja annwali) li jaqbżu l-livell ta' referenza u jinkoraġġixxu, fejn xieraq, b'mezzi tekniċi jew b'mezzi oħra, miżuri għat-tnaqqis tal-konċentrazzjoni tar-radon f'dawn l-abitazzjonijiet.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun disponibbli informazzjoni lokali u nazzjonali dwar l-esponiment fuq ġewwa għar-radon u r-riskji tas-saħħa assoċjati, dwar l-importanza li jitwettaq kejl tar-radon u dwar il-mezzi tekniċi disponibbli għat-tnaqqis ta' konċentrazzjonijiet eżistenti tar-radon.

Artikolu 75

Radjazzjoni gamma minn materjali tal-bini

1. Il-livell ta' referenza li japplika għall-esponiment estern għar-radjazzjoni gamma ġewwa bini emessa mill-materjali tal-bini, miżjud mal-esponiment estern fil-beraħ, għandu jkun ta' 1 mSv kull sena.

2. Għall-materjali tal-bini identifikati mill-Istat Membru bħala sors ta' tħassib mil-lat ta' protezzjoni mir-radjazzjoni, meta titqies il-lista indikattiva ta' materjali mogħtija fl-Anness XIII fir-rigward tar-radjazzjoni gamma mitfugħa minnhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, qabel ma dawk il-materjali jitqiegħdu fis-suq:

(a) ikunu determinati l-konċentrazzjonijiet ta' attività tar-radjonuklidi speċifikati fl-Anness VIII, u li,

(b) ekk jintalbu, jingħataw lill-awtorità kompetenti l-informazzjoni dwar ir-riżultati tal-kejl u l-indiċi korrispondenti tal-konċentrazzjoni tal-attività, kif ukoll fatturi rilevanti oħra kif definit fl-Anness VIII.

3. Għat-tipi ta' materjal tal-bini identifikati f'konformità mal-paragrafu 2 li jistgħu jagħtu dożi ogħla mil-livell ta' referenza, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar miżuri xierqa li jistgħu jinkludu rekwiżiti speċifiċi fil-kodiċi rilevanti tal-bini jew restrizzjonijiet dwar l-użu previst ta' dawk il-materjali.

KAPITOLU IX

RESPONSABBILTAJIET ĠENERALI TAL-ISTATI MEMBRI U L-AWTORITAJIET KOMPETENTI U REKWIŻITI OĦRA GĦALL-KONTROL REGOLATORJU

TAQSIMA 1

Infrastruttura istituzzjonali

Artikolu 76

Awtorità kompetenti

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw awtorità kompetenti li għandha twettaq xogħlijiet skont din id-Direttiva. Huma għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti:

(a) tkun funzjonalment separata minn kwalunkwe korp jew organizzazzjoni oħra kkonċernata mill-promozzjoni jew l-użu ta' prattiki skont din id-Direttiva, sabiex tiġi żgurata indipendenza effettiva minn influwenza mhux dovuta fil-funzjoni regolatorja tagħha;

(b) tingħata s-setgħat legali u riżorsi umani u finanzjarji neċessarji biex jiġu ssodisfati l-obbligi tagħha.

2. Meta Stat Membru jkollu aktar minn awtorità kompetenti waħda għal qasam ta' kompetenza partikolari, huwa għandu jaħtar punt ta' kuntatt wieħed għall-komunikazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra. Fejn ma jkunx raġonevolment prattiku li jiġu elenkati l-punti kollha ta' kuntatt għal oqsma ta' kompetenza differenti, l-Istati Membri jistgħu jaħtru punt ta' kuntatt wieħed.

3. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni l-isem u l-indirizz tal-punti ta' kuntatt u l-oqsma ta' kompetenza rispettivi tagħhom sabiex jippermettu komunikazzjoni rapida, fejn ikun adatt, mal-awtoritajiet tagħhom.

4. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni kull bidla fl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3.

5. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 3 u 4 lill-punti ta' kuntatt kollha fi Stat Membru u għandha tippubblikaha perjodikament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, f'intervalli ta' mhux aktar minn sentejn.

Artikolu 77

Trasparenza

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun disponibbli informazzjoni fir-rigward tal-ġustifikazzjoni tal-klassijiet jew it-tipi ta' prattika, ir-regolazzjoni ta' sorsi ta' radjazzjoni u tal-protezzjoni mir-radjazzjoni għall-impriżi, ħaddiema, membri tal-pubbliku, kif ukoll pazjenti u individwi oħra soġġetti għal esponiment mediku. Dan l-obbligu jinkludi l-iżgurar li l-awtorità kompetenti tipprovdi informazzjoni fl-oqsma ta' kompetenza tagħha. L-informazzjoni għandha tkun disponibbli f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-obbligi internazzjonali, dment li dan ma jipperikolax interessi oħra bħal, fost oħrajn, is-sigurtà, rikonoxxuti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali jew f'obbligi internazzjonali.

Artikolu 78

Informazzjoni dwar it-tagħmir

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull impriża li takkwista tagħmir li fih sorsi radjuattivi jew ġeneratur tar-radjazzjoni tingħatalha informazzjoni adegwata dwar il-perikli radjoloġiċi potenzjali tiegħu u l-użu korrett tiegħu, l-ittestjar u l-manutenzjoni, u tingħatalha prova li d-disinn jippermetti r-restrizzjoni tal-esponimenti għal-livell l-aktar baxx li jista' raġonevolment jintlaħaq.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull impriża li takkwista tagħmir radjoloġiku mediku tingħatalha informazzjoni adegwata dwar il-valutazzjoni tar-riskju għall-pazjenti, u dwar l-elementi disponibbli tal-evalwazzjoni klinika.

Artikolu 79

Rikonoxximent tas-servizzi u l-esperti

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu stabbiliti arranġamenti għar-rikonoxximent ta':

(a) is-servizzi tas-saħħa okkupazzjonali;

(b) is-servizzi tad-dożimetrija;

(c) l-esperti dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni;

(d) l-esperti tal-fiżika medika.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu stabbiliti l-arranġamenti meħtieġa biex tkun żgurata l-kontinwità tal-għarfien espert ta' dawn is-servizzi u l-esperti.

Jekk ikun adatt, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-arranġamenti għar-rikonoxximent tal-uffiċjali għall-protezzjoni mir-radjazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw ir-rekwiżiti għar-rikonoxximent u jikkomunikawhom lill-Kummissjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-informazzjoni li waslet skont il-paragrafu 2 disponibbli għall-Istati Membri.

Artikolu 80

Servizzi tas-saħħa okkupazzjonali

L-Istat Membru għandu jiżgura li s-servizzi tas-saħħa okkupazzjonali għandhom iwettqu sorveljanza medika tal-ħaddiema esposti, f'konformità mal-Kapitolu VI, fir-rigward tal-esponiment tagħhom għar-radjazzjoni jonizzanti u fir-rigward ta' jekk ikunux tajbin għall-kompiti assenjati lilhom li jinvolvu l-ħidma bir-radjazzjoni jonizzanti.

Artikolu 81

Servizzi ta' dożimetrija

L-Istat Membru għandu jiżgura li s-servizzi tad-dożimetrija jiddeterminaw id-dożi interni jew esterni lill-ħaddiema esposti soġġetti għal monitoraġġ individwali, sabiex jinżamm rekord tad-doża f'kooperazzjoni mal-impriża u, fil-każ ta' ħaddiema esterni, l-impjegatur, u fejn ikun rilevanti s-servizz tas-saħħa okkupazzjonali.

Artikolu 82

Espert dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni

1. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-espert dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni jagħti pariri kompetenti lill-impriża f'materji marbuta mal-konformità mar-rekwiżiti legali applikabbli, fir-rigward tal-esponiment okkupazzjonali u tal-pubbliku.

2. Il-pariri tal-espert dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni għandhom ikopru, fejn rilevanti, iżda ma jkunux limitati għal, dan li ġej:

(a) ottimizzazzjoni u stabbiliment ta' restrizzjonijiet xierqa fuq id-doża;

(b) pjanijiet għal installazzjonijiet ġodda u l-aċċettazzjoni fis-servizz ta' sorsi ta' radjazzjoni ġodda jew modifikati fir-rigward ta' xi kontroll tal-inġinerija, elementi tad-disinn, elementi tas-sikurezza u apparat ta' twissija rilevanti għall-protezzjoni mir-radjazzjoni;

(c) kategorizzazzjoni taż-żoni kontrollati u sorveljati;

(d) klassifikazzjoni tal-ħaddiema;

(e) programmi ta' monitoraġġ tal-post tax-xogħol u individwali u dożimetrija personali relatata;

(f) strumenti adatti għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni;

(g) assigurazzjoni tal-kwalità;

(h) programm ta' monitoraġġ ambjentali;

(i) arranġamenti għall-ġestjoni ta' skart radjuattiv;

(j) arranġamenti għall-prevenzjoni tal-aċċidenti u l-inċidenti;

(k) stat ta' tħejjija u reazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' esponiment ta' emerġenza;

(l) programmi ta' taħriġ u taħriġ mill-ġdid għall-ħaddiema esposti;

(m) investigazzjoni u analiżi ta' aċċidenti u inċidenti u azzjonijiet ta' rimedju xierqa;

(n) kondizzjonijiet tal-impjieg għal ħaddiema nisa tqal u dawk li qed ireddgħu;

(o) tħejjija ta' dokumentazzjoni xierqa bħal valutazzjonijiet tar-riskju u proċeduri bil-miktub;

3. L-espert dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni għandu jżomm kuntatt, fejn ikun adatt, mal-espert dwar il-fiżika medika.

4. L-espert dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni jista' jiġi inkarigat, jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi dan, bil-protezzjoni tal-ħaddiema u l-membri tal-pubbliku mir-radjazzjoni.

Artikolu 83

Espert tal-fiżika medika

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-espert tal-fiżika medika jaġixxi jew jagħti pariri speċjalizzati, kif ikun adatt, dwar materji marbuta mal-fiżika tar-radjazzjoni sabiex jiġu implimentati r-rekwiżiti mogħtija fil-Kapitolu VII u fil-punt (c) tal-Artikolu 22(4) ta' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, skont il-prattika radjoloġika medika, l-espert tal-fiżika medika jieħu r-responsabbiltà għad-dożimetrija, inkluż il-kejl fiżiku għall-evalwazzjoni tad-doża mogħtija lill-pazjent u individwi oħra soġġetti għal esponiment mediku, jagħti pariri dwar it-tagħmir radjoloġiku mediku, u jikkontribwixxi b'mod partikolari għal dan li ġej:

(a) l-ottimizzazzjoni tal-protezzjoni mir-radjazzjoni għall-pazjenti u individwi oħra soġġetti għal esponiment mediku, inkluż l-applikazzjoni u l-użu ta' livelli ta' referenza dijanjostiċi;

(b) id-definizzjoni u t-twettiq tal-assigurazzjoni tal-kwalità tat-tagħmir radjoloġiku mediku;

(c) l-ittestjar tal-aċċettazzjoni ta' tagħmir radjoloġiku mediku;

(d) it-tħejjija tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għal tagħmir radjoloġiku mediku u d-disinn tal-installazzjoni;

(e) is-sorveljanza tal-istallazzjonijiet radjoloġiċi mediċi;

(f) l-analiżi tal-avvenimenti li jinvolvu, jew potenzjalment jinvolvu, esponimenti aċċidentali jew mhux intenzjonati;

(g) l-għażla tat-tagħmir meħtieġ biex jitwettaq il-kejl għall-protezzjoni mir-radjazzjoni;

(h) it-taħriġ tal-prattikanti u persunal ieħor f'aspetti rilevanti tal-protezzjoni mir-radjazzjoni;

3. L-espert tal-fiżika medika għandu jżomm kuntatt, fejn ikun adatt, mal-espert dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni.

Artikolu 84

Uffiċjal għall-protezzjoni mir-radjazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu f'liema prattiki tkun meħtieġa l-ħatra ta' uffiċjal għall-protezzjoni mir-radjazzjoni sabiex jissorvelja jew iwettaq kompiti ta' protezzjoni mir-radjazzjoni f' impriża partikolari. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-impriżi jipprovdu lill-uffiċjali għall-protezzjoni mir-radjazzjoni bil-mezzi meħtieġa biex huma jwettqu l-kompiti tagħhom. L-uffiċjal għall-protezzjoni mir-radjazzjoni għandu jirrapporta direttament lill-impriża. L-Istati Membri jistgħu jesiġu li min jimpjega ħaddiema esterni jaħtar uffiċjal għall-protezzjoni mir-radjazzjoni kif meħtieġ biex jissorvelja jew iwettaq kompiti rilevanti ta' protezzjoni mir-radjazzjoni marbuta mal-protezzjoni tal-ħaddiema tiegħu.

2. Skont in-natura tal-prattika, il-kompiti tal-uffiċjal għall-protezzjoni mir-radjazzjoni hu u jgħin lill-impriża, jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

(a) li jiżgura li l-ħidma bir-radjazzjoni titwettaq skont ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe proċedura speċifikata jew regola lokali;

(b) li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-programm għall-monitoraġġ tal-post tax-xogħol;

(c) li jżomm rekords adegwati tas-sorsi kollha ta' radjazzjoni;

(d) li jwettaq valutazzjonijiet perjodiċi tal-kondizzjoni tas-sistemi tas-sikurezza u ta' twissija rilevanti;

(e) li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-programm ta' monitoraġġ persunali;

(f) li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-programm ta' sorveljanza tas-saħħa;

(g) li jipprovdi lil ħaddiema ġodda introduzzjoni adatta għar-regoli u l-proċeduri lokali;

(h) li jagħti parir u kummenti dwar il-pjanijiet ta' ħidma;

(i) li jistabbilixxi pjanijiet ta' ħidma;

(j) li jipprovdi rapporti lill-ġestjoni lokali;

(k) li jipparteċipa fl-arranġamenti għall-prevenzjoni, l-istat ta' tħejjija u r-reazzjoni għas-sitwazzjonijiet ta' esponiment ta' emerġenza;

(l) li jinforma u jħarreġ lill-ħaddiema esposti;

(m) li jżomm f'kuntatt mal-espert dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni.

3. Il-kompitu tal-uffiċjal għall-protezzjoni mir-radjazzjoni jista' jitwettaq minn unità għall-protezzjoni mir-radjazzjoni stabbilita f'impriża jew minn espert dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni.

TAQSIMA 2

Kontroll ta' sorsi radjuattivi

Artikolu 85

Rekwiżiti ġenerali għal sorsi mhux issiġillati

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsiru arranġamenti biex jinżamm kontroll ta' sorsi mhux issiġillati rigward il-post, l-użu u, meta ma jibqgħux meħtieġa, ir-riċiklaġġ jew ir-rimi tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-impriża żżomm rekords ta' sorsi mhux issiġillati taħt ir-responsabbiltà tagħha, inkluż il-post, it-trasferiment u r-rimi jew ir-rilaxx.

3. L-Istati Membri għandhom jesiġu li kull impriża li jkollha sors mhux issiġillat ta' radjuattività tinnotifika mill-ewwel lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe telf, serq, tixrid sinifikanti, jew użu jew rilaxx mhux awtorizzat.

Artikolu 86

Rekwiżiti ġenerali għal sorsi ssiġillati

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsiru arranġamenti biex jinżamm kontroll ta' sorsi ssiġillati rigward il-post, l-użu u, meta ma jibqgħux meħtieġa, ir-riċiklaġġ jew ir-rimi tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-impriża żżomm rekords tas-sorsi ssiġillati kollha taħt ir-responsabbiltà tagħha, li jinkludu l-post, it-trasferiment u r-rimi tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema li tippermettilhom ikunu infurmati b'mod adegwat bi kwalunkwe trasferiment ta' sorsi ssiġillati ta' attività għolja u fejn meħtieġ trasferimenti individwali ta' sorsi ssiġillati.

4. L-Istati Membri għandhom jesiġu li kull impriża li jkollha sors issiġillat tinnotifika mill-ewwel lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe telf, tnixxija sinifikanti, serq jew użu mhux awtorizzat ta' sors issiġillat.

Artikolu 87

Rekwiżiti għall-kontroll ta' sorsi ssiġillati ta' attività għolja

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, qabel joħorġu awtorizzazzjoni għal prattiki li jinvolvu sors siġillat ta' attività għolja:

(a) ikunu saru l-arranġamenti adegwati għall-ġestjoni sikura u l-kontroll tas-sorsi, inkluż meta jsiru sorsi li ma għadhomx jintużaw. Tali arranġamenti jistgħu jipprevedu t-trasferiment tas-sorsi li ma għadhomx jintużaw lill-fornitur jew it-tqegħid tagħhom f'faċilità għar-rimi jew ta' ħżin jew obbligu lill-manifattur jew lill-fornitur biex jirċevihom;

(b) ikun sar provediment adegwat, permezz ta' sigurtà finanzjarja jew kwalunkwe mezz ieħor ekwivalenti adegwat għas-sors inkwistjoni, għall-ġestjoni sikura tas-sorsi meta dawn isiru sorsi li ma għadhomx jintużaw, fosthom il-każ meta impriża ssir insolventi jew twaqqaf l-attivitajiet tagħha.

Artikolu 88

Rekwiżiti speċifiċi għall-għoti ta' liċenzja lil sorsi ssiġillati ta' attività għolja

Minbarra r-rekwiżiti ġenerali għall-għoti ta' liċenzja stabbiliti fil-Kapitolu V, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-liċenzja għal prattika li tinvolvi sors issiġillat ta' attività għolja tinkludi, iżda ma jkollhiex tkun limitata għal:

(a) responsabbiltajiet;

(b) kompetenzi minimi ta' persunal, inklużi informazzjoni u taħriġ;

(c) kriterji minimi ta' prestazzjoni għas-sors, il-kontenitur tas-sors u t-tagħmir addizzjonali;

(d) ħtiġijiet ta' proċeduri ta' emerġenza u ħoloq ta' komunikazzjoni;

(e) il-proċeduri ta' ħidma li jridu jiġu segwiti;

(f) manutenzjoni ta' tagħmir, sorsi u kontenituri;

(g) il-ġestjoni adegwata tas-sorsi li ma għadhomx jintużaw, inklużi arranġamenti dwar it-trasferiment, jekk ikun xieraq, tas-sorsi li ma għadhomx jintużaw lil manifattur, fornitur, impriża awtorizzata oħra jew faċilità għar-rimi jew ħażna tal-iskart.

Artikolu 89

Żamma ta' rekords mill-impriża

L-Istati Membri għandhom jesiġu li r-rekords għas-sorsi ssiġillati ta' attività għolja jinkludu l-informazzjoni stipulata fl-Anness XIV u li l-impriża tipprovdi lill-awtorità kompetenti kopja elettronika jew bil-miktub ta' dawn ir-rekords kollha jew parti minnhom meta jiġu mitluba u tal-inqas bil-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) mingħajr dewmien żejjed, fil-ħin tal-istabbiliment ta' dawn ir-rekords, li għandu jkun malajr kemm jista' jkun raġonevolment prattikabbli wara li jinkiseb is-sors;

(b) f'intervalli li għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri;

(c) jekk is-sitwazzjoni indikata fuq id-dokument tal-informazzjoni tkun inbidlet;

(d) mingħajr dewmien żejjed wara l-għeluq tar-rekords għal sors speċifiku meta l-impriża ma jkunx għad għandha dan is-sors, fejn għandhom ikunu inklużi l-isem tal-impriża jew tal-faċilità tar-rimi jew ta' ħażna li fiha jkun ġie trasferit is-sors;

(e) mingħajr dewmien żejjed wara l-għeluq ta' dawn ir-rekords meta l-impriża ma jkun għad baqgħalha l-ebda sorsi.

Ir-rekords tal-impriża għandhom ikunu disponibbli għal spezzjoni mill-awtorità kompetenti.

Artikolu 90

Żamma ta' rekords mill-awtorità kompetenti

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti żżomm rekord ta' kwalunkwe impriża awtorizzata biex twettaq prattiki b'sorsi ssiġillati ta' attività għolja u tas-sorsi ssiġillati ta' attività għolja miżmuma. Dawn ir-rekords għandhom jinkludu r-radjonuklide involut, l-attività fil-ħin tal-manifattura jew, jekk din l-attività ma tkunx magħrufa, l-attività fil-ħin tal-ewwel tqegħid fis-suq jew fil-ħin li l-impriża akkwistat is-sors, u t-tip ta' sors. L-awtorità kompetenti għandha żżomm ir-rekords aġġornati, billi tqis it-trasferimenti tas-sorsi u fatturi oħrajn.

Artikolu 91

Kontroll tas-sorsi ssiġillati ta' attività għolja

1. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-impriża li twettaq attivitajiet li jinvolvu sorsi ssiġillati ta' attività għolja tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness XV.

2. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-manifattur, il-fornitur, u kull impriża jiżguraw li s-sorsi ssiġillati ta' attività għolja u l-kontenituri jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-identifikazzjoni u l-immarkar kif stabbiliti fl-Anness XVI.

TAQSIMA 3

Sorsi orfni

Artikolu 92

Individwazzjoni ta' sorsi orfni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsiru arranġamenti sabiex:

(a) titqajjem kuxjenza ġenerali dwar il-possibbiltà tal-okkorrenza ta' sorsi orfni u l-perikli assoċjati; u

(b) tinħareġ gwida għall-persuni li jissuspettaw jew jafu bil-preżenza ta' sors orfni dwar kif jgħarrfu lill-awtorità kompetenti u dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu.

2. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-istabbiliment ta' sistemi mmirati biex jiġu individwati sorsi orfni f'postijiet bħal impjanti kbar ta' ruttam tal-metall u tar-riċiklaġġ tar-ruttam tal-metall fejn ġeneralment jistgħu jinstabu sorsi orfni, jew f'postijiet sinifikanti nevralġiċi ta' tranżitu, kull fejn ikun adatt.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu disponibbli pariri u assistenza teknika speċjalizzata malajr għall-persuni li jkollhom suspett tal-preżenza ta' sors orfni u li normalment ma jkunux involuti f'operazzjonijiet soġġetti għal rekwiżiti ta' protezzjoni mir-radjazzjoni. L-għan primarju tal-pariri u l-assistenza għandu jkun il-protezzjoni tal-ħaddiema u tal-membri tal-pubbliku mir-radjazzjoni u s-sikurezza tas-sors.

Artikolu 93

Kontaminazzjoni tal-metalli

1. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-istabbiliment ta' sistemi li jindividwaw l-preżenza ta' kontaminazzjoni radjuattiva fi prodotti tal-metall kompluti importati minn pajjiżi terzi, f'postijiet bħal f'installazzjonijiet kbar ta' importazzjoni tal-metall jew f'postijiet sinifikanti nevralġiċi ta' tranżitu.

2. L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-ġesturi ta' stallazzjoni ta' riċiklaġġ ta' ruttam tal-metall jgħarrfu minnufih lill-awtorità kompetenti jekk jissuspettaw jew ikunu jafu bi kwalunkwe tidwib ta' sors orfni jew operazzjoni metallurġika oħra fuqu, u għandhom jesiġu li l-materjali kontaminati ma jintużawx, ma jitqegħdux fis-suq u ma jintremewx mingħajr l-involviment tal-awtorità kompetenti.

Artikolu 94

Irkupru, ġestjoni, kontroll u rimi ta' sorsi orfni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tkun ippreparata, jew tkun ipprovvediet, inkluż bl-assenjazzjoni tar-responsabbiltajiet, biex tikkontrolla u tirkupra sorsi orfni u biex tittratta l-emerġenzi dovuti għas-sorsi orfni u li tkun fasslet pjanijiet u miżuri ta' reazzjoni adegwati.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu organizzati kampanji, kif xieraq, sabiex jiġu rkuprati s-sorsi orfni li tħallew minn prattiki fl-imgħoddi.

Il-kampanji jistgħu jinkludu l-parteċipazzjoni finanzjarja tal-Istati Membri fl-ispejjeż tal-irkupru, il-ġestjoni, il-kontroll u r-rimi tas-sorsi u jistgħu jinkludu wkoll stħarriġ tar-rekords storiċi tal-awtoritajiet u ta' impriżi, bħal istituti tar-riċerka, istituti għall-ittestjar tal-materjali jew sptarijiet.

Artikolu 95

Sigurtà finanzjarja għas-sorsi orfni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi stabbilita sistema ta' sigurtà finanzjarja jew mezzi ekwivalenti oħra biex tkopri l-ispejjeż tal-interventi relatati mal-irkupru tas-sorsi orfni u li jistgħu jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-Artikolu 94.

TAQSIMA 4

Avvenimenti sinifikanti

Artikolu 96

Notifika u reġistrazzjoni ta' avvenimenti sinifikanti

L-Istati Membri għandhom jesiġu li l-impriża:

(a) timplimenta, kif ikun adatt, sistema ta' reġistrazzjoni u analiżi ta' avvenimenti sinifikanti li jinvolvu jew potenzjalment jinvolvu esponimenti aċċidentali jew mhux intenzjonati;

(b) tinnotifika minnufih lill-awtorità kompetenti bl-okkorrenza ta' kwalunkwe avveniment sinifikanti li jirriżulta jew jista' jirriżulta fl-esponiment ta' individwu lil hinn mil-limiti operazzjonali jew kondizzjonijiet ta' operazzjoni speċifikati f'rekwiżiti li jawtorizzaw fir-rigward ta' esponiment okkupazzjonali jew pubbliku jew kif definit mill-awtorità kompetenti għal esponiment mediku, inklużi r-riżultati tal-investigazzjoni u l-miżuri korrettivi biex jiġu evitati tali avvenimenti.

TAQSIMA 5

Sitwazzjonijiet ta' esponiment ta' emerġenza

Artikolu 97

Sistema ta' ġestjoni għall-emerġenza

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitqies il-fatt li jistgħu jseħħu emerġenzi fit-territorju tagħhom u li huma jistgħu jkunu affettwati minn emerġenzi li jseħħu barra t-territorju tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema ta' ġestjoni tal-emerġenzi u dispożizzjonijiet amministrattivi adegwati biex tinżamm din is-sistema. Is-sistema ta' ġestjoni għall-emerġenza għandha tinkludi l-elementi elenkati fit-Taqsima A tal-Anness XI.

2. Is-sistema ta' ġestjoni għall-emerġenza għandha titfassal b'mod li tkun proporzjonali mar-riżultati ta' valutazzjoni ta' sitwazzjonijiet potenzjali ta' esponiment ta' emerġenza u tkun tista' twieġeb b'mod effettiv għal sitwazzjonijiet ta' esponiment ta' emerġenza b'rabta ma' prattiki jew ma' avvenimenti mhux previsti.

3. Is-sistema ta' ġestjoni tal-emerġenzi għandha tipprevedi l-istabbiliment ta' pjanijiet ta' reazzjoni għall-emerġenzi bil-għan li jkunu evitati reazzjonijiet tat-tessut li jwasslu għal effetti deterministiċi severi fi kwalunkwe individwu mill-popolazzjoni affettwata u li jitnaqqas ir-riskju ta' effetti stokastiċi, waqt li jitqiesu l-prinċipji ġenerali ta' protezzjoni mir-radjazzjoni u l-livelli ta' referenza msemmija fil-Kapitolu III.

Artikolu 98

Livell ta' preparazzjoni għall-emerġenza

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu stabbiliti minn qabel pjanijiet ta' reazzjoni għall-emerġenzi għad-diversi tipi ta' emerġenzi identifikati minn valutazzjoni ta' sitwazzjonijiet potenzjali ta' esponiment ta' emerġenza.

2. Il-pjanijiet ta' reazzjoni għall-emerġenza għandhom jinkludu l-elementi ddefiniti fit-Taqsima B tal-Anness XI.

3. Il-pjanijiet ta' reazzjoni għall-emerġenza għandhom jinkludu wkoll provvediment għat-tranżizzjoni minn sitwazzjoni ta' esponiment ta' emerġenza għal sitwazzjoni ta' esponiment eżistenti.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pjanijiet ta' reazzjoni għall-emerġenza jkunu ttestjati, evalwati u, kif ikun adatt, riveduti f'intervalli regolari, b'kont meħud tal-esperjenza miksuba minn sitwazzjonijiet ta' esponiment ta' emerġenza fl-imgħoddi u tar-riżultati tal-parteċipazzjoni f'eżerċizzji ta' emerġenza fil-livell nazzjonali u internazzjonali.

5. Il-pjanijiet ta' reazzjoni għall-emerġenzi għandhom, fejn ikun xieraq, jinkorporaw elementi rilevanti tas-sistema ta' ġestjoni tal-emerġenzi msemmija fl-Artikolu 97.

Artikolu 99

Kooperazzjoni internazzjonali

1. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' Stati Membri oħrajn u ma' pajjiżi terzi biex jiġu indirizzati l-emerġenzi possibbli fuq it-territorju tagħhom li jistgħu jaffettwaw Stati Membri oħrajn jew pajjiżi terzi, bil-għan li tiġi ffaċilitata l-organizzazzjoni tal-protezzjoni radjoloġika f'dawk l-Istati Membri jew pajjiżi terzi.

2. Kull Stat Membru għandu, fil-każ ta' emerġenza li sseħħ fuq it-territorju tiegħu jew li aktarx ikollha konsegwenzi radjoloġiċi fuq it-territorju tiegħu, għandu minnufih jistabbilixxi kuntatt mal-Istati Membri l-oħrajn kollha u mal-pajjiżi terzi li jistgħu jkunu involuti jew aktarx jiġu affettwati bil-għan li jikkondividi l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ta' esponiment u li jikkoordina l-miżuri protettivi u l-informazzjoni lill-pubbliku bl-użu, kif ikun adatt, ta' sistemi bilaterali jew internazzjonali ta' skambju u koordinazzjoni tal-informazzjoni. Dawn l-attivitajiet ta' koordinazzjoni ma għandhomx jimpedixxu jew idewmu l-azzjonijiet meħtieġa li jkollhom jittieħdu fuq livell nazzjonali.

3. Kull Stat Membru għandu minnufih jikkondividi informazzjoni u jikkoopera mal-Istati Membri rilevanti l-oħrajn, pajjiżi terzi rilevanti u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti rigward it-telf, is-serq jew l-iskoperta ta' sorsi ssiġillati ta' attività għolja, sorsi radjuattivi oħra u materjal radjuattiv ta' tħassib u rigward is-segwitu jew l-investigazzjonijiet relatati, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti rilevanti ta' kunfidenzjalità u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

4. Kull Stat Membru għandu jikkoopera, fejn ikun il-każ, ma' Stati Membri oħrajn u ma' pajjiżi terzi fit-tranżizzjoni minn sitwazzjoni ta' esponiment ta' emerġenza għal sitwazzjoni ta' esponiment eżistenti.

TAQSIMA 6

Sitwazzjonijiet ta' esponiment eżistenti

Artikolu 100

Programmi dwar sitwazzjonijiet ta' esponiment eżistenti

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jkun hemm indikazzjoni jew xhieda ta' esponimenti li ma jistgħux jiġu injorati mil-lat ta' protezzjoni mir-radjazzjoni, jittieħdu miżuri biex jidentifikaw u jevalwaw sitwazzjonijiet ta' esponiment eżistenti b'kont meħud tat-tipi ta' sitwazzjoni ta' esponiment eżistenti elenkati fl-Anness XVII, u biex jiddeterminaw l-esponimenti korrispondenti okkupazzjonali u tal-pubbliku.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu, wara li jikkunsidraw il-prinċipju ġenerali tal-ġustifikazzjoni, li sitwazzjoni ta' esponiment eżistenti ma titlob l-ebda konsiderazzjoni ta' miżuri protettivi jew ta' rimedju.

3. Sitwazzjonijiet ta' esponiment eżistenti li huma ta' tħassib mil-lat ta' protezzjoni mir-radjazzjoni u li tista' tiġi assenjata responsabbiltà legali għalihom għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti rilevanti għal sitwazzjonijiet ta' esponiment ippjanat u għaldaqstant tali sitwazzjonijiet ta' esponiment għandhom ikollhom jiġu notifikati kif speċifikat fl-Artikolu 25(2).

Artikolu 101

Stabbiliment ta' strateġiji

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu ħsieb l-istabbiliment ta' strateġiji biex jiżguraw il-ġestjoni xierqa ta' sitwazzjonijiet ta' esponiment eżistenti paragunabbli mar-riskji u mal-effettività tal-miżuri protettivi.

2. Kull strateġija għandu jkun fiha

(a) l-għanijiet segwiti;

(b) livelli ta' referenza xierqa, billi jitqiesu l-livelli ta' referenza stipulati fl-Anness I.

Artikolu 102

Implimentazzjoni tal-istrateġiji

1. L-Istati Membri għandhom jassenjaw ir-responsabbiltajiet għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji għall-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' esponiment eżistenti, u jiżguraw koordinazzjoni xierqa bejn il-partijiet rilevanti fl-implimentazzjoni tal-miżuri protettivi u ta' rimedju. L-Istati Membri għandhom jipprevedu, kif ikun adatt, l-involviment tal-partijiet interessati fid-deċiżjonijiet dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji għall-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' esponiment.

2. Il-forma, l-iskala u t-tul taż-żmien tal-miżuri protettivi kollha meqjusa għall-implimentazzjoni ta' strateġija għandhom ikunu ottimizzati.

3. Għandha tiġi valutata d-distribuzzjoni tad-dożi li jkunu rriżultaw mill-implimentazzjoni ta' strateġija. Għandhom jiġu kkunsidrati aktar sforzi bil-għan tal-ottimizzazzjoni tal-protezzjoni u tat-tnaqqis ta' kwalunkwe esponiment li jkun għadu qed jaqbeż il-livell ta' referenza.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk responsabbli għall-implimentazzjoni ta' strateġija għandhom, fuq bażi regolari:

(a) jevalwaw il-miżuri ta' rimedju u protettivi disponibbli biex jintlaħqu l-għanijiet u l-effiċjenza tal-miżuri ppjanati u implimentati;

(b) jipprovdu informazzjoni lill-popolazzjonijiet esposti dwar ir-riskji potenzjali għas-saħħa u dwar il-mezzi disponibbli biex inaqqsu l-esponiment tagħhom;

(c) jipprovdu gwida għall-ġestjoni tal-esponimenti fuq livell individwali jew lokali;

(d) rigward l-attivitajiet li jinvolvu materjal radjuattiv li jinsab fin-natura u mhumiex ġestiti bħala sitwazzjonijiet ta' esponiment ippjanat, jipprovdu informazzjoni dwar il-mezzi adatti għall-monitoraġġ tal-konċentrazzjonijiet u l-esponimenti u jieħdu miżuri ta' protezzjoni.

Artikolu 103

Pjan ta' azzjoni għar-radon

1. B'applikazzjoni tal-Artikolu 100(1), l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjan ta' azzjoni nazzjonali li jindirizza r-riskji fuq perjodu fit-tul mill-esponimenti għar-radon fl-abitazzjonijiet, bini b'aċċess pubbliku u postijiet tax-xogħol għal kwalunkwe sors ta' dħul tar-radon, kemm jekk mill-ħamrija, mill-materjali tal-bini jew l-ilma. Il-pjan ta' azzjoni għandu jieħu kont tal-punti mniżżlin fl-Anness XVIII u jiġi aġġornat regolarment.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkunu fis-seħħ miżuri xierqa biex jimpedixxu d-dħul ta' radon f'bini ġdid. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu rekwiżiti speċifiċi fil-kodiċijiet nazzjonali tal-bini.

3. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw iż-żoni fejn il-konċentrazzjoni tar-radon (bħala medja annwali) f'għadd sostanzjali ta' binjiet mistennija taqbeż il-livell ta' referenza nazzjonali rilevanti.

TAQSIMA 7

Sistema ta' infurzar

Artikolu 104

Spezzjonijiet

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistema jew sistemi ta' spezzjoni biex jinfurzaw id-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva u biex jibdew is-sorveljanza u l-azzjoni korrettiva fejn neċessarju.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti tistabbilixxi programm ta' spezzjoni li jqis id-daqs u n-natura potenzjali tal-periklu assoċjat mal-prattiki, valutazzjoni ġenerali tal-kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni mir-radjazzjoni fil-prattiki, u l-istat tal-konformità mad-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sejbiet minn kull spezzjoni jiġu rreġistrati u kkomunikati lill-impriża kkonċernata. Jekk is-sejbiet ikunu relatati ma' ħaddiem jew ħaddiema esterni, fejn ikun adatt, is-sejbiet għandhom jiġu kkomunikati wkoll lil min jimpjegahom.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sintesi tal-programmi ta' spezzjoni u s-sejbiet prinċipali mill-implimentazzjoni tagħhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm stabbiliti mekkaniżmi għad-disseminazzjoni f'waqtha lill-partijiet rilevanti, inklużi l-manifatturi u l-fornituri tas-sorsi ta' radjazzjoni u, fejn ikun xieraq, lil organizzazzjonijiet internazzjonali, ta' informazzjoni dwar il-protezzjoni u s-sikurezza rigward it-tagħlimiet sinifikanti miksuba mill-ispezzjonijiet u mill-aċċidenti u l-inċidenti rrapportati u minn sejbiet relatati.

Artikolu 105

Infurzar

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti jkollha s-setgħa li tesiġi li kwalunkwe individwu jew persuna ġuridika tieħu azzjoni biex issewwi d-defiċjenzi u biex tevita li jerġgħu jseħħu jew li tirtira, fejn ikun xieraq, l-awtorizzazzjoni meta r-riżultati ta' spezzjoni regolatorja jew valutazzjoni regolatorja oħra jindikaw li s-sitwazzjoni ta' esponiment ma tkunx konformi mad-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva.

KAPITOLU X

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 106

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolament u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa 6 ta' Frar 2018.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif issir din ir-referenza.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 107

Tħassir

Id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom, u 2003/122/Euratom huma mħassra b'effett minn 6 ta' Frar 2018.

Ir-referenzi għad-Direttivi mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness XIX.

Artikolu 108

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 109

Destinatarji

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2013.

Għall-Kunsill

Il-President

R. SINKEVIČIUS

ANNESS I

Livelli ta' referenza għall-esponiment tal-pubbliku kif imsemmi fl-Artikoli 7 u 101

1. Mingħajr preġudizzju għal-livelli ta' referenza stabbiliti għal dożi ekwivalenti, il-livelli ta' referenza espressi f'dożi effettivi għandhom jiġu stabbiliti f'medda ta' 1 sa 20 mSv kull sena għas-sitwazzjonijiet ta' esponiment eżistenti u minn 20 sa 100 mSv (akut jew annwali) għas-sitwazzjonijiet ta' esponiment ta' emerġenza.

2. F'sitwazzjonijiet speċifiċi, jista' jitqies livell ta' referenza inqas mill-meded imsemmija fil-punt 1, b'mod partikolari:

   (a) jista' jiġi stabbilit livell ta' referenza ta' inqas minn 20 mSv f'sitwazzjoni ta' esponiment ta' emerġenza meta tkun tista' tingħata l-protezzjoni xierqa mingħajr ma jkun ikkawżat detriment sproporzjonat mill-kontromiżuri korrispondenti jew spiża eċċessiva;

   (b) jista' jiġi stabbilit livell ta' referenza ta' inqas minn 1 mSv kull sena, fejn xieraq, f'sitwazzjoni ta' esponiment eżistenti għal esponimenti speċifiċi relatati mas-sors jew mogħdijiet ta' esponiment.

3. Għat-tranżizzjoni minn sitwazzjoni ta' esponiment ta' emerġenza għal sitwazzjoni ta' esponiment eżistenti, għandhom jiġu stabbiliti livelli ta' referenza adegwati, b'mod partikolari mat-terminazzjoni ta' kontromiżuri fuq perjodu fit-tul bħar-rilokalizzazzjoni.

4. Il-livelli ta' referenza stabbiliti għandhom iqisu il-karatteristiċi tas-sitwazzjonijiet prevalenti kif ukoll il-kriterji tas-soċjetà, li jistgħu jinkludu dawn li ġejjin:

   (a) fil-każ ta' esponimenti ta' inqas minn jew ugwali għal 1 mSv fis-sena, informazzjoni ġenerali dwar il-livell tal-esponiment, mingħajr konsiderazzjoni speċifika tal-esponimenti individwali;

   (b) fil-medda ta' inqas minn jew ugwali għal 20 mSv fis-sena, informazzjoni speċifika biex tippermetti lill-individwi jimmaniġġjaw l-esponiment tagħhom, jekk ikun possibbli;

   (c) fil-medda ta' inqas minn jew ugwali għal 100 mSv kull sena, valutazzjoni tad-dożi individwali u informazzjoni speċifika dwar ir-riskji mir-radjazzjoni u dwar l-azzjonijiet disponibbli biex jitnaqqsu l-esponimenti.

ANNESS II

Fatturi ta' ponderazzjoni għar-radjazzjoni u t-tessuti kif imsemmija fil-punti (25) u (33) tal-Artikolu 4

A. *Fatturi ta' ponderazzjoni għar-radjazzjoni*

Tip ta' radjazzjoni	w_R
Fotoni	1
Elettroni u muwoni	1
Protoni u pijoni ċċarġjati	2
Partiċelli alfa, frammenti tal-fissjoni, joni tqal	20
Newtroni, $E_n < 1$ MeV	$2{,}5 + 18{,}2\ e^{-[\ln(E_n)]^2/6}$
Newtroni, 1 MeV $\leq E_n \leq$ 50 MeV	$5{,}0 + 17{,}0\ e^{-[\ln(2\ E_n)]^2/6}$
Newtroni, $E_n > 50$ MeV	$2{,}5 + 3{,}25\ e^{-[\ln(0{,}04\ E_n)]^2/6}$

Nota: Il-valuri jirreferu kollha għar-radjazzjoni inċidenti fuq il-ġisem jew, għal sorsi ta' radjazzjoni interni, mitfugħa mir-radjonuklide/i inkorporat(i).

B. *Fatturi ta' ponderazzjoni għat-tessut*

Tessut	w_T
Mudullun tal-għadam (aħmar)	0,12
Kolon	0,12
Pulmun	0,12
Stonku	0,12
Sider	0,12
It-tessuti l-oħra (*)	0,12
Gonadi	0,08
Bużżieqa tal-awrina	0,04
Esofagu	0,04
Fwied	0,04
Tirojde	0,04
Wiċċ l-għadam	0,01
Moħħ	0,01
Glandoli tal-bżieq	0,01
Ġilda	0,01

(*) Il-w_T għat-tessuti l-oħra (0.12) japplika għad-doża medja aritmetika tat-13-il organu u tessut għal kull sess kif elenkati hawn taħt. It-tessuti l-oħra: adrenali, reġjun estratoraċiku (ET), marrara, qalb, kliewi, nodi linfatiċi, muskolu, mukuża tal-ħalq, frixa, prostata (maskili), musrana rqiqa, milsa, timu, uteru/ċerviċi (femminili).

ANNESS III

Valuri ta' attività li jiddefinixxu s-sorsi ssiġillati ta' attività għolja kif imsemmija fil-punt (43) tal-Artikolu 4

Għar-radjonuklidi mhux elenkati fit-tabella ta' hawn taħt, l-attività rilevanti hi identika għall-valur D iddefinit fil-pubblikazzjoni tal-IAEA 'Dangerous quantities of radioactive material (D-values)' ('Kwantitajiet perikolużi ta' materjal radjuattiv'), (EPR-D-VALUES 2006).

Radjonuklide	Attività (TBq)
Am-241	6×10^{-2}
Am-241/Be-9 (1)	6×10^{-2}
Cf-252	2×10^{-2}
Cm-244	5×10^{-2}
Co-60	3×10^{-2}
Cs-137	1×10^{-1}
Gd-153	1×10^{0}
Ir-192	8×10^{-2}
Pm-147	4×10^{1}
Pu-238	6×10^{-2}
Pu-239/Be-9 (1)	6×10^{-2}
Ra-226	4×10^{-2}
Se-75	2×10^{-1}
Sr-90 (Y-90)	1×10^{0}
Tm-170	2×10^{1}
Yb-169	3×10^{-1}

(1) L-attività mogħtija hija dik tar-radjonuklide li jemetti l-partiċelli alfa

ANNESS IV

Ġustifikazzjoni ta' klassijiet jew tipi ġodda ta' prattika li jinvolvu prodotti tal-konsumatur kif imsemmija fl-Artikolu 20

A. Kwalunkwe impriża li biħsiebha timmanifattura jew timporta fi Stat Membru prodotti għall-konsumatur li l-użu li hu intenzjonat għalih x'aktarx iwassal għal klassi jew tip ġdid ta' prattika, għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti ta' dan l-Istat Membru l-informazzjoni kollha rilevanti, fir-rigward ta':

(1) l-użu intenzjonat tal-prodott;

(2) il-karatteristiċi tekniċi tal-prodott;

(3) fil-każ ta' prodotti li fihom sustanzi radjuattivi, informazzjoni dwar il-mod kif jitwaħħlu;

(4) ir-rati tad-doża f'distanzi rilevanti għall-użu tal-prodott, inklużi r-rati tad-doża f'distanza ta' 0.1 m minn kwalunkwe wiċċ aċċessibbli;

(5) id-dożi mistennija għall-utenti regolari tal-prodott.

B. L-awtorità kompetenti għandha teżamina dik l-informazzjoni u b'mod partikolari tivvaluta jekk:

(1) il-prestazzjoni tal-prodott għall-konsumatur jiġġustifikax l-użu intenzjonat tiegħu;

(2) id-disinn hux adegwat biex inaqqas għall-minimu l-esponimenti waqt l-użu normali u l-probabbiltà u l-konsegwenzi ta' użu ħażin jew esponimenti aċċidentali jew jekk għandhomx ikunu imposti kondizzjonijiet fuq il-karatteristiċi tekniċi u fiżiċi tal-prodott;

(3) il-prodott hux imfassal adegwatament biex jissodisfa l-kriterji tal-eżenzjoni, u, fejn japplika, jekk hux ta' tip approvat u ma jeħtieġx prekawzjonijiet speċifiċi għar-rimi meta ma jkunx għadu jintuża;

(4) il-prodott ikunx ittikkettat sewwa u jekk tkunx ipprovduta dokumentazzjoni adatta lill-konsumatur bi struzzjonijiet għall-użu u r-rimi kif suppost.

ANNESS V

Lista indikattiva ta' prattiki li jinvolvu esponiment għal teħid ta' immaġini għal skop mhux mediku kif imsemmi fl-Artikolu 22

Prattiki li jużaw tagħmir radjoloġiku mediku:

1. Valutazzjoni radjoloġika tas-saħħa għal finijiet ta' impjieg;

2. Valutazzjoni radjoloġika tas-saħħa għal finijiet ta' immigrazzjoni;

3. Valutazzjoni radjoloġika tas-saħħa għal finijiet ta' assigurazzjoni;

4. Valutazzjoni radjoloġika tal-iżvilupp fiżiku tat-tfal u l-adoloxxenti bl-għan ta' karriera fl-isport, iż-żfin, eċċ.;

5. Valutazzjoni radjoloġika tal-età;

6. L-użu ta' radjazzjoni jonizzanti għall-identifikazzjoni ta' oġġetti moħbijin f'ġisem il-bniedem.

Prattiki li ma jużawx tagħmir radjoloġiku mediku:

1. L-użu ta' radjazzjoni jonizzanti għall-individwazzjoni ta' oġġetti moħbija fuq jew imqabbda ma' ġisem il-bniedem;

2. L-użu ta' radjazzjoni jonizzanti għall-individwazzjoni ta' bnedmin moħbija bħala parti mill-iskrinjar tal-merkanzija;

3. Prattiki li jinvolvu l-użu tar-radjazzjoni jonizzanti għal finijiet legali jew ta' sigurtà.

ANNESS VI

Lista ta' setturi industrijali li jinvolvu materjal radjuattiv li jinsab fin-natura kif imsemmi fl-Artikolu 23

Meta jiġi applikat l-Artikolu 23 għandha tiġi kkunsidrata l-lista li ġejja ta' setturi industrijali li jinvolvu materjal radjuattiv li jinsab fin-natura, inklużi r-riċerka u l-proċessi sekondarji rilevanti:

— L-estrazzjoni ta' elementi terrestri rari mill-monażit

— Il-produzzjoni ta' komposti tat-torju u l-manifattura ta' prodotti li fihom it-torju

— L-ipproċessar ta' minerali tan-nijobju/tantalju

— Il-produzzjoni taż-żejt u l-gass

— Il-produzzjoni tal-enerġija ġeotermika

— Il-produzzjoni ta' pigment minn TiO_2

— Il-produzzjoni tal-fosforu termiku

— L-industrija taż-żirkun u ż-żirkonju

— Il-produzzjoni ta' fertilizzanti tal-fosfat

— Il-produzzjoni tas-siment, manutenzjoni tal-fran tal-gagazza

— Impjanti tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam, manutenzjoni tal-bojlers

— Il-produzzjoni tal-aċidu fosforiku,

— Il-produzzjoni tal-ħadid primarju,

— It-tidwib għall-produzzjoni ta' landa/ċomb/ram,

— Faċilitajiet għall-filtrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art,

— It-tħaffir għal minerali għajr il-minerali tal-uranju.

ANNESS VII

Kriterji għall-eżenzjoni u l-approvazzjoni kif imsemmija fl-Artikoli 24, 26c u 30

1. **Eżenzjoni**

Prattiki jistgħu jkunu eżentati minn notifika kemm direttament, abbażi ta' konformità mal-livelli tal-eżenzjoni (valuri tal-attività (f'Bq) jew valuri ta' konċentrazzjoni tal-attività (f'kBq kg^{-1})) stipulati fit-taqsima 2, jew abbażi ta' valuri ogħla li, għal applikazzjonijiet speċifiċi, jiġu stabbiliti mill-awtorità kompetenti, li jissodisfaw il-kriterji ġenerali għall-eżenzjoni u l-approvazzjoni mogħtija fit-taqsima 3. Prattiki soġġetti għal notifika jistgħu jkunu eżentati mill-awtorizzazzjoni b'liġi jew att amministrattiv ġenerali, jew permezz ta' deċiżjoni regolatorja ad-hoc, abbażi tal-informazzjoni pprovduta flimkien man-notifika tal-prattika u f'konformità mal-kriterji ġenerali għall-eżenzjoni mogħtija fit-taqsima 3.

2. **Livelli għall-eżenzjoni u l-approvazzjoni**

(a) Il-valuri tal-attività totali (f'Bq) għall-eżenzjoni japplikaw għall-attività totali involuta fi prattika u huma stipulati fil-kolonna 3 tat-Tabella B għar-radjonuklidi artifiċjali u għal xi radjonuklidi li jinsabu fin-natura użati fi prodotti għall-konsumatur. Għal prattiki oħrajn li jinvolvu radjonuklidi li jinsabu fin-natura, dawn il-valuri ġeneralment ma japplikawx.

(b) Il-valuri tal-konċentrazzjoni tal-attività eżentata (f'kBq kg^{-1}) għall-materjali involuti fil-prattika huma stipulati fit-Tabella A, Parti 1, għar-radjonuklidi artifiċjali, u fit-Tabella A, Parti 2, għar-radjonuklidi li jinsabu fin-natura. Il-valuri fit-Tabella A, Parti 1, huma mogħtija għar-radjonuklidi individwali, fejn applikabbli, inklużi r-radjonuklidi b'ħajja qasira f'ekwilibriju man-nuklide prekursur, kif indikat. Il-valuri fit-Tabella A, Parti 2 japplikaw għar-radjonuklidi kollha fil-katina tad-diżintegrazzjoni tal-U-238 jew Th-232, iżda għas-segmenti tal-katina tad-diżintegrazzjoni, li mhumiex f'ekwilibriju mar-radjonuklide prekursur, jistgħu jiġu applikati valuri ogħla.

(c) Il-valuri tal-konċentrazzjoni fit-Tabella A, Parti 1, jew fit-Tabella A, Parti 2, japplikaw ukoll għall-approvazzjoni ta' materjali solidi għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ, ir-rimi konvenzjonali jew l-inċinerazzjoni. Jistgħu jkunu ddefiniti valuri ogħla għal materjali speċifiċi jew għal mogħdijiet speċifiċi, billi titqies il-gwida Komunitarja, inklużi, fejn xieraq, rekwiżiti addizzjonali f'termini ta' rekwiżiti għall-attività fil-wiċċ jew ta' monitoraġġ.

(d) Għal taħlitiet ta' radjonuklidi artifiċjali, is-somma ppeżata tal-attivitajiet jew konċentrazzjonijiet speċifiċi għan-nuklide (għad-diversi radjonuklidi kontenuti fl-istess matriċi) diviża bil-valur ta' eżenzjoni korrispondenti, għandha tkun inqas minn unità. Fejn xieraq, din il-kondizzjoni tista' tiġi vverifikata abbażi tal-aħjar stimi tal-kompożizzjoni tat-taħlita tar-radjonuklidi. Il-valuri fit-Tabella A, Parti 2, japplikaw individwalment għal kull nuklide prekursur. Xi elementi fil-katina tad-diżintegrazzjoni, eż. Po-210 jew Pb-210, jistgħu jiġġustifikaw l-użu ta' valuri ogħla li jieħdu kont tal-gwida Komunitarja.

Artikolu 84(2) u (3)					
Artikolu 85					
Artikolu 86(1)					
Artikolu 86(2)					Artikolu 5(1)
Artikolu 86(3)					Artikolu 4
Artikolu 86(4)					Artikolu 6, punt (d)
Artikolu 87					Artikolu 3(2)
Artikolu 88					Artikolu 3(3)
Artikolu 89					Artikolu 5(2)
Artikolu 90					Artikolu 5(3) u (4)
Artikolu 91(1)					Artikolu 6
Artikolu 91(2)					Artikolu 7
Artikolu 92(1)					
Artikolu 92(2)					Artikolu 9 (3)
Artikolu 92(3)					Artikolu 9 (2)
Artikolu 93					
Artikolu 94 (1)					Artikolu 9 (1)
Artikolu 94 (2)					Artikolu 9 (4)
Artikolu 95					Artikolu 10
Artikolu 96					
Artikolu 97			Artikolu 50 (1), Artikolu 49		
Artikolu 98			Artikolu 50 (2)		
Artikolu 99 (1)			Artikolu 50 (4)		
Artikolu 99 (2)			Artikolu 51 (5)		
Artikolu 99 (3)					Artikolu 11
Artikolu 100					
Artikolu 101					
Artikolu 102					
Artikolu 103					
Artikolu 104			Artikolu 38 (1) Artikolu 46	Artikolu 13	Artikolu 12
Artikolu 105					

Din id-Direttiva	89/618/ Euratom	90/641/ Euratom	96/29/ Euratom	97/43/ Euratom	2003/122/ Euratom
Artikolu 106	Artikolu 12	Artikolu 8	Artikolu 55	Artikolu 14	Artikolu 16
Artikolu 107			Artikolu 56	Artikolu 15	
Artikolu 108					Artikolu 18
Artikolu 109	Artikolu 13	Artikolu 9	Artikolu 57	Artikolu 16	Artikolu 19
Annex I					
Annex II			Annex II		
Annex III					Annex I
Annex IV					
Annex V					
Annex VI					
Annex VII			Annex I		
Annex VIII					
Annex IX					
Annex X		Annexes I and II			
Annex XI					
Annex XII	Annexes I and II				
Annex XIII					
Annex XIV					Annex II
Annex XV					Artikolu 6
Annex XVI					Artikolu 7
Annex XVII					
Annex XVIII					
Annex XIX					
	Artikoli 8, 9, 10, 11				
			Artikolu 14		
				Artikolu 8 (1)	
					Artikoli 5(5), 5(6), 14, 15, 17

RETTIFIKA

Addendum

Id-Deċiżjoni Nru 1/95 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni KE-Turkija għanda tiġi kkunsidrata bħala parti mill-Edizzjoni Speċjali bil-Malti ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,* (Kapitolu 11, volum 23)

DEĊIŻJONI Nru 1/95 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI KE-TURKIJA

tat-22 ta' Diċembru 1995

dwar l-implimentazzjoni tal-fażi finali tal-Unjoni Doganali

(96/142/KE)

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI KE-TURKIJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim ta' Ankara",

Billi l-objettivi stabbiliti fil-Ftehim ta' Ankara, u b'mod partikolari fl-Artikolu 28 tiegħu, li stabbilixxa l-Assoċjazzjoni bejn it-Turkija u l-Komunità jżommu s-sinifikat tagħhom f'dan iż-żmien ta' trasformazzjoni politika u ekonomika kbira fix-xena Ewropea;

Filwaqt li jfakkar ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Novembru 1993 li fiha kkonferma mill-ġdid ir-rieda tal-Partijiet biex jidħlu fl-Unjoni Doganali skont il-kalendarju u l-modalitajiet stabbiliti fil-Ftehim ta' Ankara u l-Protokoll Addizzjonali tiegħu;

Billi r-relazzjonijiet tal-Assoċjazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Ankara qed jidħlu fil-fażi finali tagħhom abbażi tal-Unjoni Doganali, li se tlesti l-fażi tranżitorja permezz tat-twettiq miż-żewġ partijiet tal-obbligi reċiproċi tagħhom u li twassal għall-elaborazzjoni tal-modalitajiet għall-funzjonament effettiv tal-Unjoni Doganali fil-qafas tal-Ftehim ta' Ankara u l-Protokoll Addizzjonali;

Billi l-Unjoni Doganali tirrappreżenta pass kwalitattiv importanti, f'termini politiċi u ekonomiċi, fir-relazzjonijiet tal-Assoċjazzjoni bejn il-Partijiet;

Wara li ltaqa' fi Brussell fis-6 ta' Marzu 1995,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Ankara, il-Protokolli Addizzjonali u Supplimentari tiegħu, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni hawnhekk jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tal-fażi finali tal-Unjoni Doganali, stabbiliti fl-Artikoli 2 u 5 tal-Ftehim imsemmi hawn fuq.

KAPITOLU I

MOVIMENT LIBERU TA' OĠĠETTI U L-POLITIKA KUMMERĊJALI

Artikolu 2

Dan il-Kapitolu għandu japplika għal prodotti differenti minn prodotti agrikoli kif definiti fl-Artikolu 11 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Id-dispożizzjonijiet speċjali relatati mal-prodotti agrikoli huma stipulati fil-Kapitolu II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

1. Dan il-Kapitolu għandu japplika għal oġġetti:

— prodotti fil-Komunità jew fit-Turkija, inklużi dawk akkwistati jew prodotti kompletament jew parzjalment minn prodotti li ġejjin minn pajjiżi terzi li huma f'ċirkolazzjoni libera fil-Komunità jew fit-Turkija,

— li ġejjin minn pajjiżi terzi u huma f'ċirkolazzjoni libera fil-Komunità jew fit-Turkija.

2. Il-prodotti minn pajjiżi terzi għandhom jitqiesu li huma f'ċirkolazzjoni libera fil-Komunità jew fit-Turkija jekk il-formalitajiet tal-importazzjoni jkunu twettqu b'konformità u kwalunkwe dazju doganali jew imposta li jkollhom effett ekwivalenti li jkunu pagabbli jkunu ġew miġbura fil-Komunità jew fit-Turkija, u jekk dawn ikunux ibbenefikaw minn rimborż totali jew parzjali ta' tali dazji jew imposti.

3. It-territorju doganali tal-Unjoni Doganali għandu jinkludi:

— it-territorju doganali tal-Komunità kif definit fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([1]),

— it-territorju doganali tat-Turkija.

([1]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Ir-Regolament kif emendat bl-Att ta' Adeżjoni 1994.

4. Dan il-Kapitolu għandu japplika wkoll għal oġġetti akkwistati jew prodotti fil-Komunità jew fit-Turkija, li fil-manifattura tagħhom intużaw prodotti ġejjin minn pajjiżi terzi u li mhumiex f'ċirkolazzjoni libera fil-Komunità jew fit-Turkija.

Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom, madankollu, japplikaw għal dawk l-oġġetti biss jekk il-formalitajiet ta' importazzjoni jkunu twettqu b'konformità u jekk kwalunkwe dazju doganali jew imposta li jkollhom effett ekwivalenti pagabbli fuq prodotti ta' pajjiżi terzi użati fil-manifattura tagħhom ikunu ġew miġbura fl-Istat esportatur.

5 Jekk l-Istat esportatur ma japplikax id-dispożizzjonijiet tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4, l-oġġetti msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4 m'għandhomx jitqiesu li huma f'ċirkolazzjoni libera u l-Istat importatur għandu għalhekk japplika l-leġiżlazzjoni doganali li tapplika għal oġġetti minn pajjiżi terzi.

6. Il-Kumitat ta' Kooperazzjoni Doganali stabbilit bid-Deċiżjoni Nru 2/69 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jiddetermina l-metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva li għandhom jintużaw fil-paragrafi ta' implimentazzjoni 1, 2 u 4.

TAQSIMA I

Eliminazzjoni ta' dazji doganali u imposti li għandhom effett ekwivalenti

Artikolu 4

Dazji doganali u imposti ta' importazzjoni jew esportazzjoni li għandhom effett ekwivalenti għandhom jiġu kompletament aboliti bejn il-Komunità u t-Turkija fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Il-Komunità u t-Turkija għandhom iżommu lura milli jintroduċu kwalunkwe dazju doganali ġdid fuq l-importazzjoni jew l-esportazzjoni jew kwalunkwe imposta li jkollha effett ekwivalenti minn dikid-data. Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw ukoll għal dazji doganali ta' natura fiskali.

TAQSIMA II

Eliminazzjoni ta' restrizzjonijiet kwantitattivi jew miżuri li għandhom effett ekwivalenti

Artikolu 5

Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjonijiet u l-miżuri li jkollhom effett ekwivalenti għandhom ikunu pprojbiti bejn il-Partijiet.

Artikolu 6

Ir-restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-esportazzjonijiet u l-miżuri kollha li jkollhom effett ekwivalenti għandhom ikunu pprojbiti bejn il-Partijiet.

Artikolu 7

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 u 6 m'għandhomx jipprekludu projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet, l-esportazzjonijiet jew l-oġġetti fi transitu ġustifikati għal raġunijiet ta' moralità pubblika, politika pubblika jew sigurtà pubblika; il-protezzjoni tas-saħħa u l-ħajja tal-bnedmin, annimali jew pjanti; il-protezzjoni ta' teżori nazzjonali li għandhom valur artistiku, storiku jew arkeoloġiku; jew il-protezzjoni tal-proprjetà industrijali u kummerċjali. Tali projbizzjonijiet jew restrizzjonijiet m'għandhomx, madankollu, jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn il-Partijiet.

Artikolu 8

1. Fi żmien ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, it-Turkija għandha tinkorpora fl-ordni legali interna tagħha l-istrumenti Komunitarji relatati mat-tneħħija ta' ostakoli tekniċi għall-kummerċ.

2. Il-lista ta' dawn l-istrumenti u l-kondizzjonijiet u l-arranġamenti dettaljati li jirregolaw l-implimentazzjoni tagħhom mit-Turkija għandhom jiġu stabbiliti b'deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fi żmien sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

3 Din id-dispożizzjoni m'għandhiex tipprekludi l-applikazzjoni mit-Turkija, b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, tal-istrumenti Komunitarji meqjusa li għandhom importanza partikolari.

4. Il-Partijiet jenfasizzaw l-importanza ta' kooperazzjoni effettiva bejniethom fl-oqsma tal-istandardizzazzjoni, il-metroloġija u l-kalibrazzjoni, il-kwalità, l-akkreditazzjoni, l-ittestjar u ċ-ċertifikazzjoni.

Artikolu 9

Meta t-Turkija tkun daħħlet fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-istrument jew strumenti Komunitarji meħtieġa għall-eliminazzjoni ta' ostakoli tekniċi għall-kummerċ fi prodott partikolari, il-kummerċ ta' dak il-prodott bejn il-Partijiet għandu jseħħ skont il-kondizzjonijiet stipulati minn dawk l-istrumenti, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 10

1. B'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, u matul il-perjodu meħtieġ għall-applikazzjoni mit-Turkija tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 9, it-Turkija għandha żżomm lura milli xxekkel it-tqegħid fis-suq jew id-dħul fis-servizz fit-territorju tagħha ta' prodotti mill-Komunità li jkun hemm prova tal-konformità tagħhom mad-Direttivi Komunitarji li jiddefinixxu r-rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti minn tali prodotti, skont il-kondizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti f'dawk id-Direttivi.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, jekk it-Turkija ssib li prodott, li tkun ingħatat prova tal-konformità tiegħu mid-Direttivi Komunitarji skont il-paragrafu 1, u li jkun użat skont l-għan maħsub tiegħu, ma jissodisfax wieħed mir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 7, hija tista' tieħu l-miżuri xierqa kollha, skont il-kondizzjonijiet u l-proċeduri previsti fil-paragrafu 3, biex tirtira l-prodott inkwistjoni mis-suq, jew biex tipprojbixxi jew tirrestrinġi t-tqegħid fis-suq jew dħul fis-servizz tiegħu.

3. (a) Jekk it-Turkija qed tikkunsidra li tieħu miżura skont il-paragrafu 2, hija għandha, minnufih, tgħarraf lill-Komunità permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali u għandha tipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha.

(b) Il-Partijiet għandhom minnufih jikkonsultaw lill-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali biex isibu soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku.

(c) It-Turkija ma tistax tieħu miżura msemmija fil-paragrafu 2 qabel ma jgħaddi xahar mid-data tan-notifika prevista fil-paragrafu 3(a) sakemm il-proċedura ta' konsultazzjoni skont il-paragrafu 3(b) ma tkunx ġiet konkluża qabel l-iskadenza tal-limitu ta' żmien. Meta ċirkostanzi eċċezzjonali li jeħtieġu azzjoni immedjata jagħmlu l-eżaminazzjoni minn qabel impossibbli, it-Turkija tista' tapplika minnufih il-miżura strettament meħtieġa biex tirrimedja s-sitwazzjoni.

(d) It-Turkija għandha minnufih tinforma lill-Kumitat Konġunt tal-Azzjoni Doganali dwar il-miżura li tkun ħadet u għandha tipprovdi kull informazzjoni rilevanti.

(e) Il-Komunità tista' fi kwalunkwe ħin titlob lill-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali biex jirrevedi din il-miżura.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għal oġġetti tal-ikel.

Artikolu 11

Matul il-perjodu meħtieġ għall-applikazzjoni mit-Turkija tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 9, il-Komunità se taċċetta r-riżultati tal-proċeduri applikati fit-Turkija għall-valutazzjoni tal-konformità tal-prodotti industrijali mal-ħtiġijiet tal-liġi Komunitarja, sakemm dawk il-proċeduri jkunu konformi mar-rekwiżiti fis-seħħ fil-Komunità, u bi fehim li, fis-settur tal-vetturi bil-mutur, id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom [1] għandha tapplika fit-Turkija.

TAQSIMA III

Politika kummerċjali

Artikolu 12

1. Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, it-Turkija għandha, fir-rigward tal-pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità, tapplika d-dispożizzjonijiet u miżuri ta' implimentazzjoni li huma sostanzjalment simili għal dawk tal-politika kummerċjali tal-Komunità stabbilita fir-Regolamenti li ġejjin:

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3285/94 [2] regoli komuni għall-importazzjonijiet),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 519/94 [3] (regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 520/94 [4] (proċedura tal-Komunità għall-amministrazzjoni tal-kwoti kwantitattivi (dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 738/94 [5],

— Ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 3283/94 [6] u (KE) Nru 3284/94 [7] (il-protezzjoni kontra l-importazzjoni li tkun l-oġġett ta' dumping u ta' sussidju),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3286/94 [8] (proċeduri tal-Komunità fil-qasam ta' politika kummerċjali komuni),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2603/69 [9] (li jistabbilixxi regoli komuni għall-esportazzjonijiet),

— Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/112/KEE [10] (krediti ta' esport appoġġjati uffiċjalment),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3036/94 [11] (arranġamenti ekonomiċi dwar ipproċessar għal prodotti tat-tessuti u drapp),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3030/93 [12] (regoli komuni għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tat-tessuti),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 517/94 [13] (importazzjonijiet tat-tessuti skont arranġamenti awtonomi),

— Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3951/92 [14] (importazzjonijiet ta' tessuti mit-Tajwan).

2. F'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu XXIV tal-GATT it-Turkija se tapplika mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, sostanzjalment l-istess politika kummerċjali bħall-Komunità fis-settur tat-tessuti inklużi l-ftehimiet jew arranġamenti fuq il-kummerċ ta' tessuti u ħwejjeġ. Il-Komunità se tagħmel disponibbli lit-Turkija l-kooperazzjoni meħtieġa biex jintlaħaq dan l-objettiv.

3. Sakemm it-Turkija tkun ikkonkludiet dawn l-arranġamenti, is-sistema preżenti ta' ċertifikati ta' oriġini għall-esportazzjonijiet ta' tessuti u ħwejjeġ mit-Turkija fil-Komunità se tibqa' fis-seħħ u dawk il-prodotti li ma joriġinawx mit-Turkija għandhom jibqgħu soġġetti għall-applikazzjoni tal-politika kummerċjali tal-Komunitajiet fir-rigward tal-pajjiżi terzi inkwistjoni.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni m'għandhomx jikkostitwixxu tfixkil għall-implimentazzjoni mill-Komunità u l-Ġappun tal-Arranġament tagħhom rigward il-kummerċ f'vetturi bil-mutur, imsemmi fl-Anness għall-Ftehim dwar is-salvagwardji mehmuż mal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

Qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, it-Turkija u l-Komunità se jiddefinixxu l-modalitajiet ta' kooperazzjoni sabiex jipprevjenu l-evażjoni tal-Arranġament imsemmi.

(1) ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 92/53/KEE (ĠU L 225, 18.8.1992, p. 1).
(2) ĠU L 349, 31. 12. 1994, p. 53.
(3) ĠU L 67, 10.3.1994, p. 89. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 839/95 (ĠU L 85, 19.4.1995, p. 9).
(4) ĠU L 66, 10.3.1994, p. 1
(5) ĠU L 87, 31.3.1994, p. 47. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1150/95 (ĠU L 116, 23.5.1995, p. 3).
(6) ĠU L 349, 31.12.1994, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1251/95 (ĠU L 122, 2.6.1995, p. 1).
(7) ĠU L 349, 31.12.1994, p. 22. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1252/95 (ĠU L 122, 2.6.1995, p. 2).
(8) ĠU L 349, 31.12.1994, p. 71. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 356/95 (ĠU L 41, 23.2.1995, p. 3).
(9) ĠU L 324, 27.12.1969, p. 25. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 3918/91 (ĠU L 372, 31.12.1991, p. 31).
(10) ĠU L 44, 22.2.1993, p. 1.
(11) ĠU L 322, 15.12.1994, p. 1.
(12) ĠU L 275, 8.11.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1616/95 (ĠU L 154, 5.7.1995, p. 3).
(13) ĠU L 67, 10.3.1994, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1325/95 (ĠU L 128, 13.6.1995,p. 1).
(14) ĠU L 405, 31.12.1992, p. 6. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 3312/94 (ĠU L 350, 31.12.1994, p. 3).

Fin-nuqqas ta' tali modalitajiet, il-Komunità tirriserva d-dritt li tieħu, fir-rigward tal-importazzjonijiet fit-territorju tagħha, kull miżura li ssir meħtieġa bl-applikazzjoni tal-Arranġament imsemmi.

TAQSIMA IV

Politiki tat-Tariffa Doganali Komuni u tat-tariffi preferenzjali

Artikolu 13

1. Mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, it-Turkija għandha, fir-rigward ta' pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità, tallinja lilha nnifisha mat-Tariffa Doganali Komuni.

2. It-Turkija għandha taġġusta t-tariffa doganali tagħha kull meta jkun meħtieġ biex jittieħed kont tal-bidliet fit-Tariffa Doganali Komuni.

3. Il-Kumitat ta' Kooperazzjoni Doganali għandu jiddetermina liema miżuri huma xierqa biex jiġu implimentati l-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 14

1. It-Turkija għandha tiġi infurmata bi kwalunkwe deċiżjoni meħuda mill-Komunità biex temenda it-Tariffa Doganali Komuni, biex tissospendi jew tintroduċi mill-ġdid id-dazji u kwalunkwe deċiżjoni dwar kwoti jew limiti tat-tariffi fi żmien suffiċjenti biex din tallinja t-tariffa doganali Torka mat-Tariffa Doganali Komuni. Għandhom isiru konsultazzjonijiet minn qabel fi ħdan il-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali għal dan il-għan.

2. Meta t-tariffa doganali Torka ma tistax tiġi allinjata simultanjament mat-Tariffa Doganali Komuni, il-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali jista' jiddeċiedi li jagħti perjodu ta' żmien biex dan isir. Taħt l-ebda ċirkostanza ma jista' l-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali jawtorizza lit-Turkija biex tapplika tariffa doganali li hija inqas mit-Tariffa Doganali Komuni għal kwalunkwe prodott.

3. Jekk it-Turkija tixtieq tissospendi d-dazji fuq bażi temporanja jew terġa' tkomplihom għall-kuntrarju ta' dak stabbilit fil-paragrafu 1, it-Turkija se tagħmel notifika minnufih lill-Komunità. Se jsiru konsultazzjonijiet dwar id-deċiżjonijiet msemmija hawn fuq fil-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali.

Artikolu 15

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 13 u skont l-Artikolu 19 tal-Protokoll Addizzjonali, it-Turkija tista', sal-1 ta' Jannar 2001, iżżomm dazji doganali ogħla mit-Tariffa Doganali Komuni rigward pajjiżi terzi għall-prodotti miftiehma mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

Artikolu 16

1. Bil-għan li tarmonizza l-politika kummerċjali tagħha ma' dik tal-Komunità, it-Turkija għandha tallinja ruħha progressivament mar-reġim doganali preferenzjali tal-Komunità fi żmien ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Dan l-allinjament se jikkonċerna kemm ir-reġimi awtonomi kif ukoll il-ftehimiet preferenzjali ma' pajjiżi terzi. Għal dan il-għan, it-Turkija se tieħu l-miżuri meħtieġa u tinnegozja ftehimiet dwar bażi vantaġġjuża b'mod reċiproku mal-pajjiżi kkonċernati. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jirrevedi perjodikament il-progress magħmul.

2. F'kull wieħed mill-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1 l-għoti ta' dawn il-preferenzi tariffarji għandu jkun bil-kundizzjoni tal-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar l-oriġini ta' prodotti identiċi għal dawk li jirregolaw l-għoti ta' preferenzi bħal dawn mill-Komunità.

3. (a) Meta, matul il-perjodu msemmi fil- Paragrafu 1, it-Turkija żżomm politika tariffarja differenti minn dik tal-Komunità, l-oġġetti importati minn pajjiżi terzi fil-Komunità u rrilaxxjati għal ċirkolazzjoni libera bi trattament preferenzjali minħabba l-pajjiż ta' oriġini jew ta' esportazzjoni tagħhom għandhom ikunu soġġetti għall-ħlas ta' imposta ta' kumpens jekk dawn jiġu importati fit-Turkija, fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

— ikunu ġew importati minn pajjiżi li ma jingħatalhomx l-istess trattament tariffarju preferenzjali mit-Turkija, u

— jistgħu jiġu identifikati bħala importati minn dawn il-pajjiżi, u

— id-dazju li għandu jitħallas mit-Turkija jkun mill-inqas ħames punti perċentwali ogħla minn dak applikabbli fil-Komunità, u

— tiġi osservata distorsjoni serja ta' traffiku relatata ma' dawn l-oġġetti.

(b) Il-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali għandu jistabbilixxi l-lista tal-oġġetti li tapplika għalihom l-imposta ta' kumpens, kif ukoll l-ammont ta' din l-imposta.

TAQSIMA V

Prodotti agrikoli pproċessati mhux koperti mill-Anness II tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea

Artikolu 17

Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima japplikaw għal oġġetti elenkati fl-Anness 1.

Artikolu 18

Minkejja l-Artikolu 13, it-Turkija tista' tapplika komponent agrikolu fuq l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ta' oġġetti elenkati fl-Anness 1. Il-komponent agrikolu għandu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 19.

Artikolu 19

1. Il-komponent agrikolu applikabbli għall-oġġetti importati fit-Turkija għandu jinkiseb billi jingħaddu flimkien il-kwantitajiet ta' prodotti agrikoli bażiċi kkunsidrati bħala li ġew użati għall-manifattura tal-oġġetti inkwistjoni mmultiplikati bl-ammont bażiku li jikkorrispondi għal kull wieħed minn dawn il-prodotti agrikoli bażiċi kif definit fil-paragrafu 3.

2. (a) Il-prodotti agrikoli bażiċi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni huma elenkati fl-Anness 2.

(b) Il-kwantitajiet tal-prodotti agrikoli bażiċi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni huma stabbiliti fl-Anness 3.

(c) Fil-każ ta' oġġetti kklassifikati skont il-kodiċi tan-nomenklatura li ssir referenza għalihom fl-Anness 3 sal-Anness 4, l-ammonti tal-komponent agrikolu li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni huma stabbiliti fl-Anness 4.

3. L-ammont bażiku li jikkorrispondi ma' kull prodott agrikolu bażiku huwa l-ammont tal-imposta applikabbli fuq l-importazzjoni fit-Turkija tal-prodott agrikolu li joriġina f'pajjiż terz mhux preferenzjali matul il-perjodu ta' referenza applikabbli għall-prodotti agrikoli. L-ammonti bażiċi huma stabbiliti fl-Anness 5.

Artikolu 20

1. Minkejja l-Artikolu 4, it-Turkija u l-Komunità jistgħu japplikaw komponenti agrikoli stabbiliti skont id-dispożizzjonijiet hawn taħt fil-kummerċ ma' xulxin.

2. Tali komponenti agrikoli, imnaqqsa skont l-Artikolu 22 fejn applikabbli, għandhom japplikaw biss għal oġġetti elenkati fl-Anness 1.

3. Il-Komunità għandha tapplika għat-Turkija l-istess dazji speċifiċi li jirrappreżentaw il-komponent agrikolu applikabbli għall-pajjiżi terzi.

4. It-Turkija għandha tapplika l-komponent agrikolu għall-importazzjonijiet mill-Komunità applikat skont l-Artikolu 19.

Artikolu 21

Minkejja l-modalitajiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huwa previst reġim ta' deroga għall-oġġetti elenkati fl-Anness 6/Tabella 1 u l-Anness 6/Tabella 2 fejn l-imposti tal-importazzjoni fit-Turkija se jitnaqqsu fi tliet stadji

fuq perjodu ta' tliet snin għal dawk tal-ewwel u sena għal dawk tal-aħħar. Il-livell ta' dawk l-imposti fuq l-importazzjonijiet huwa stabbilit fl-Anness 6/Tabella 1 u Anness 6/Tabella 2. Fl-aħħar tal-perjodi rilevanti għandhom japplikaw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima.

Artikolu 22

1. Meta, fil-kummerċ bejn il-Komunità u t-Turkija, id-dazju applikabbli għal prodott agrikolu bażiku jiġi mnaqqas, il-komponent agrikolu determinat skont l-Artikolu 20(4) għall-importazzjonijiet fit-Turkija jew dak imsemmi fl-Artikolu 20(3), għall-importazzjonijiet fil-Komunità, għandu jiġi mnaqqas proporzjonalment.

2. Meta t-tnaqqis imsemmi fil-paragrafu 1 isir fil-limiti ta' kwota, għandha tiġi mfassla lista ta' oġġetti u kwantitajiet li għalihom ikun applikabbli l-komponent agrikolu mnaqqas mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 hawn fuq japplikaw għall-imposti fuq l-importazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 21.

Artikolu 23

Jekk importazzjonijiet ta' wieħed jew aktar mill-prodotti koperti bir-reġim ta' deroga jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw disturbi serji fit-Turkija li jistgħu jipperikolaw l-objettivi tal-Unjoni Doganali għal prodotti agrikoli pproċessati, għandhom isiru konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet fil-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali, bil-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku.

Jekk tali soluzzjoni ma tkunx tista' tinstab, il-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali jista' jirrakomanda modi xierqa ta' kif jinżamm il-funzjonament tajjeb tal-Unjoni Doganali mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 63.

KAPITOLU II

PRODOTTI AGRIKOLI

Artikolu 24

1. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni hawnhekk jafferma mill-ġdid l-objettiv komuni tal-Partijiet li jiċċaqalqu lejn il-moviment liberu tal-prodotti agrikoli bejniethom kif stipulat fl-Artikoli 32 sa 35 tal-Protokoll Addizzjonali.

2. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jinnota li huwa meħtieġ perjodu addizzjonali sabiex jiddaħħlu fis-seħħ il-kondizzjonijiet meħtieġa sabiex jinkiseb moviment liberu ta' dawn il-prodotti.

Artikolu 25

1. It-Turkija għandha taġġusta l-politika tagħha b'tali mod li tadotta l-miżuri tal-politika agrikola komuni meħtieġa biex jiġi stabbilit il-moviment liberu tal-prodotti agrikoli. Hija għandha tikkomunika lill-Komunità d-deċiżjonijiet meħuda f'dan ir-rigward.

2. Il-Komunità għandha tqis kemm jista' jkun l-interessi tal-agrikoltura Torka meta tiżviluppa l-politika agrikola tagħha u għandha tinnotifika lit-Turkija bil-proposti rilevanti tal-Kummissjoni u d-deċiżjonijiet meħuda abbażi ta' dawn il-proposti.

3. Jistgħu jsiru konsultazzjonijiet fi ħdan il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar il-proposti u d-deċiżjonijiet msemmija fil-paragrafu 2 u l-miżuri li beħsiebha tieħu t-Turkija fil-qasam agrikolu skont il-paragrafu 1.

Artikolu 26

Il-Komunità u t-Turkija għandhom itejbu progressivament, fuq bażi reċiprokament vantaġġjuża, l-arranġamenti preferenzjali li jagħtu lil xulxin għall-kummerċ tagħhom fi prodotti agrikoli. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jeżamina regolarment it-titjib li jsir lil dawn l-arranġamenti preferenzjali.

Artikolu 27

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jadotta d-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jinkiseb il-moviment liberu tal-prodotti agrikoli bejn il-Komunità u t-Turkija ladarba jkun stabbilixxa li t-Turkija adottat il-miżuri tal-politika agrikola komuni msemmija fl-Artikolu 25(1).

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET DOGANALI

Artikolu 28

1. Fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, it-Turkija għandha tadotta dispożizzjonijiet fl-oqsma li ġejjin, ibbażati fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 [1] li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet implimentattivi tagħhom:

(a) l-oriġini tal-oġġetti;

(b) il-valur doganali tal-merkanzija;

(c) introduzzjoni tal-oġġetti fit-territorju tal-Unjoni Doganali;

(d) id-dikjarazzjoni doganali;

(e) ir-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera;

(f) l-arranġamenti sospensivi u proċeduri doganali b'impatt ekonomiku;

(g) il-moviment tal-oġġetti;

(h) id-dejn doganali;

(i) id-dritt ta' appell.

2. It-Turkija għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex timplimenta, fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, id-dispożizzjonijiet ibbażati fuq:

(a) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3842/86 tal-1 ta' Diċembru 1986 li jistabbilixxi miżuri li jipprojbixxu r-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera ta' oġġetti ffalsifikati [2] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3077/87 tal-14 ta' Ottubru 1987 li jistabbilixxi l-miżuri implimentattivi ta' dan [3];

(b) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 918/83 tat-28 ta' Marzu 1983 li jwaqqaf sistema Komunitarja ta' eżenzjonijiet minn dazju doganali [4] u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2287/83, (KEE) Nru 2288/83, (KEE) Nru 2289/83 u (KEE) Nru 2290/83 tad-29 ta' Lulju 1983 li jistabbilixxu l-miżuri implimentattivi tagħhom [5];

(c) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 616/78 dwar il-prova ta' oriġini ta' ċerti prodotti tat-tessuti li jaqgħu fil-Kapitolu 51 jew il-Kapitoli 53 sa 62 tat-Tariffa Doganali Komuni u impurtati fil-Komunità, u dwar kondizzjonijiet għall-aċċettazzjoni ta' tali prova [6].

3. Il-Kumitat ta' Kooperazzjoni Doganali għandu jistabbilixxi l-miżuri xierqa biex jiġu implimentati l-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 29

L-assistenza reċiproka dwar kwistjonijiet doganali bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Partijiet għandha tkun irregolata mid-dispożizzjonijiet tal-Anness 7, li min-naħa tal-Komunità, ikopri dawk il-kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza Komunitarja.

[1] ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1.
[2] ĠU L 357, 18.12.1986, p. 1.
[3] ĠU L 291, 15.10.1987, p. 19.
[4] ĠU L 105, 23.4.1983, p. 105.
[5] ĠU L 220, 11.8.1983.
[6] ĠU L 84, 31.3.1978, p. 1.

Artikolu 30

Il-Kumitat ta' Kooperazzjoni Doganali għandu jelabora d-dispożizzjonijiet xierqa dwar l-assistenza reċiproka dwar l-irkupru tad-djun, qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

KAPITOLU IV

APPROSSIMAZZJONI TAL-LIĠIJIET

TAQSIMA I

Protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali

Artikolu 31

1. Il-Partijiet jikkonfermaw l-importanza li huma jagħtu sabiex jiżguraw protezzjoni adegwata u effettiva u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-Unjoni Doganali tista' taħdem kif suppost biss jekk jiġu pprovduti livelli ekwivalenti ta' protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fiż-żewġ partijiet kostitwenti tal-Unjoni Doganali. Għaldaqstant, huma jimpenjaw ruħhom biex jilħqu l-obbligi stabbiliti fl-Anness 8.

TAQSIMA II

Kompetizzjoni

A. Regoli ta' kompetizzjoni tal-Unjoni Doganali

Artikolu 32

1. Dawn li ġejjin għandhom jiġu pprojbiti bħala inkompatibbli mal-funzjonament xieraq tal-Unjoni Doganali, sa fejn dawn jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn il-Komunità u t-Turkija: il-ftehimiet kollha bejn l-impriżi, id-deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi u prattiki miftiehma li għandhom bħala għan jew effett tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, u b'mod partikolari dawk li:

(a) direttament jew indirettament jistabbilixxu l-prezzijiet tax-xiri jew bejgħ jew kwalunkwe kondizzjoni oħra ta' kummerċ;

(b) jillimitaw jew jikkontrollaw il-produzzjoni, is-swieq, l-iżvilupp tekniku jew l-investiment;

(c) jikkondividu s-swieq jew is-sorsi ta' provvista;

(d) japplikaw kondizzjonijiet differenti għal tranżazzjonijiet ekwivalenti ma' partijiet kummerċjali oħra, u b'hekk ipoġġuhom fi żvantaġġ kompetittiv;

(e) jagħmlu l-konklużjoni tal-kuntratti soġġetta għal aċċettazzjoni mill-partijiet l-oħra ta' obbligi addizzjonali li, min-natura tagħhom jew skont l-użanza kummerċjali, m'għandhom l-ebda konnessjoni mas-suġġett ta' kuntratti bħal dawn.

2. Kwalunkwe ftehim jew deċiżjoni ipprojbiti skont dan l-Artikolu għandhom ikunu nulli awtomatikament.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 jistgħu, madankollu, jiġu ddikjarati inapplikabbli fil-każ ta':

— kwalunkwe ftehim jew kategorija ta' ftehimiet bejn impriżi,

— kwalunkwe deċiżjoni jew kategorija ta' deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi,

— kwalunkwe prattika miftiehma jew kategorija ta' prattiki miftiehma

li tikkontribwixxi sabiex ittejjeb il-produzzjoni jew distribuzzjoni ta' oġġetti jew għall-promozzjoni tal-progress tekniku jew ekonomiku, li jippermetti li l-konsumaturi jkollhom sehem ġust tal-benefiċċju li jirriżulta, u li:

(a) ma jimponix restrizzjonijiet fuq l-impriżi kkonċernati li m'humiex indispensabbli għall-kisba ta' dawn l-objettivi;

(b) ma jagħtix lil tali impriżi l-possibilità li jeliminaw il-kompetizzjoni rigward parti sostanzjali tal-prodotti inkwistjoni.

Artikolu 33

1. Kwalunkwe abbuż minn impriża waħda jew iktar ta' pożizzjoni dominanti fit-territorji tal-Komunità u/jew tat-Turkija globalment jew f'parti sostanzjali minnha għandu jkun ipprojbit bħala inkompatibbli mal-funzjonament xieraq tal-Unjoni Doganali, sa fejn dan jista' jaffettwa l-kummerċ bejn il-Komunità u t-Turkija.

2. Tali abbuż jista', b'mod partikolari, jikkonsisti f':

(a) impożizzjoni diretta jew indiretta ta' prezzijiet inġusti ta' xiri jew bejgħ jew kondizzjonijiet kummerċjali inġusti oħra;

(b) il-limitazzjoni tal-produzzjoni, is-swieq jew l-iżvilupp tekniku bi preġudizzju għall-konsumaturi;

(c) l-applikazzjoni ta' kondizzjonijiet mhux simili għal tranżazzjonijiet ekwivalenti ma' partijiet kummerċjali oħra, u b'hekk jitqiegħdu fi żvantaġġ kompetittiv;

(d) li l-konklużjoni tal-kuntratti tkun soġġetta għal aċċettazzjoni mill-partijiet l-oħra ta' obbligi addizzjonali li, min-natura tagħhom jew skont l-użanza kummerċjali, m'għandhom l-ebda konnessjoni mas-suġġett ta' kuntratti bħal dawn.

Artikolu 34

1. Kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stati Membri tal-Komunità jew mit-Turkija permezz ta' riżorsi Statali fi kwalunkwe forma possibbli li tgħawweġ jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti għandha, sa fejn taffettwa l-kummerċ bejn il-Komunità u t-Turkija, tkun inkompatibbli mal-funzjonament xieraq tal-Unjoni Doganali.

2. Dawn li ġejjin għandhom ikunu kompatibbli mal-funzjonament tal-Unjoni Doganali:

(a) għajnuna li jkollha karattru soċjali, mogħtija lil konsumaturi individwali, sakemm tali għajnuna tingħata mingħajr diskriminazzjoni relatata mal-oriġini tal-prodotti kkonċernati;

(b) għajnuna biex tagħmel tajjeb il-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali;

(c) għajnuna mogħtija lill-ekonomija ta' ċerti reġjuni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja milquta mid-diviżjoni tal-Ġermanja, sa fejn dik l-għajnuna tkun meħtieġa sabiex tikkumpensa għall-iżvantaġġi ekonomiċi kkawżati minn dik id-diviżjoni;

(d) għal perjodu ta' ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, l-għajnuna biex tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku tar-reġjuni inqas żviluppati tat-Turkija, sakemm din l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ bejn il-Komunità u t-Turkija sa punt li jmur kontra l-interess komuni.

3. Dawn li ġejjin jistgħu jiġu kkunsidrati bħala kompatibbli mal-funzjonament tal-Unjoni Doganali:

(a) f'konformità mal-Artikolu 43(2) tal-Protokoll Addizzjonali, għajnuna għall-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku ta' żoni fejn il-livell ta' għajxien huwa baxx b'mod anormali jew fejn hemm nuqqas ta' impjieg serju;

(b) għajnuna għall-promozzjoni tal-eżekuzzjoni ta' proġett importanti ta' interess komuni Ewropew jew biex tirrimedja tfixkil serju fl-ekonomija ta' Stat Membru tal-Komunità jew tat-Turkija;

(c) għal perjodu ta' ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, skont l-Artikolu 43(2) tal-Protokoll Addizzjonali, għajnuniet li jimmiraw li jiksbu aġġustament strutturali meħtieġ mill-istabbiliment tal-Unjoni Doganali. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jirrevedi l-applikazzjoni ta' dik il-klawżola wara l-perjodu imsemmi qabel;

(d) għajnuna biex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet ekonomiċi jew ċerti żoni ekonomiċi, fejn tali għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ bejn il-Komunità u t-Turkija sa punt li jmur kontra l-interess komuni;

(e) għajnuna biex tiġi promossa l-konservazzjoni tal-kultura u tal-wirt fejn tali għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ bejn il-Komunità u t-Turkija sa punt li jmur kontra l-interess komuni;

(f) kategoriji oħra ta' għajnuna li jistgħu jiġu speċifikati mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

Artikolu 35

Kwalunkwe prattiki li jmorru kontra l-Artikoli 32, 33 u 34 għandhom jiġu vvalutati fuq il-bażi ta' kriterji li jirriżultaw mill-applikazzjoni tar-regoli tal-Artikoli 85, 86 u 92 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-leġiżlazzjoni sekondarja tiegħu.

Artikolu 36

Il-Partijiet għandhom jagħmlu skambju ta' informazzjoni, b'kunsiderazzjoni tal-limitazzjonijiet imposti mill-ħtiġijiet ta' segretezza professjonali u kummerċjali.

Artikolu 37

1. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu, fi żmien sentejn wara d-dħul fis-seħħ tal-Unjoni Doganali, jadotta permezz ta' Deċiżjoni r-regoli meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 32, 33 u 34 u l-partijiet relatati tal-Artikolu 35. Dawn ir-regoli għandhom ikunu bbażati fuq dawk li jeżistu diġà fil-Komunità u għandhom fost l-oħrajn jispeċifikaw ir-rwol ta' kull awtorità tal-kompetizzjoni.

2. Sakemm dawn ir-regoli jiġu adottati:

(a) l-awtoritajiet tal-Komunità jew it-Turkija għandhom jiddeċiedu dwar l-ammissibbiltà tal-ftehimiet, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma u dwar abbuż ta' pożizzjoni dominanti skont l-Artikoli 32 u 33;

(b) id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tas-Sussidji GATT għandhom jiġu applikati bħala r-regoli għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 34.

Artikolu 38

1. Jekk il-Komunità jew it-Turkija jqisu li xi prattika partikolari ma tkunx kompatibbli mat-termini tal-Artikoli 32, 33 jew 34, u

— ma tiġix trattata b'mod adegwat skont ir-regoli ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 37, jew

— fin-nuqqas ta' tali regoli, u jekk tali prattika tikkawża jew thedded li tikkawża preġudizzju serju għall-interess tal-Parti l-oħra jew dannu materjali lill-industrija domestika tagħha, tista' tieħu miżuri xierqa wara konsultazzjoni fil-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali jew wara 45 jum tax-xogħol li tkun intbagħtet talba għal dik il-konsultazzjoni. Għandha tingħata prijorità lil tali miżuri li l-inqas li jfixklu l-funzjonament tal-Unjoni Doganali.

2. Fil-każ ta' prattiki inkompatibbli mal-Artikolu 34, tali miżuri xierqa jistgħu, fejn il-Ftehim Ġenerali dwar Tariffi u Kummerċ japplika għalihom, jiġu adottati biss f'konformità mal-proċeduri u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ u kwalunkwe strument rilevanti ieħor negozjat taħt l-awspiċji tiegħu li huma applikabbli bejn il-Partijiet.

B. Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni

Artikolu 39

1. Bil-għan li tikseb l-integrazzjoni ekonomika mixtieqa mill-Unjoni Doganali, it-Turkija għandha tiżgura li l-leġiżlazzjoni tagħha fil-qasam tar-regoli tal-kompetizzjoni ssir kompatibbli ma' dik tal-Komunità Ewropea, u tiġi applikata b'mod effettiv.

2. Sabiex tikkonforma mal-obbligi tal-paragrafu 1, it-Turkija għandha

(a) qabel id-dħul fis-seħħ tal-Unjoni Doganali, tadotta liġi li għandha tipprojbixxi l-imġiba ta' impriżi skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat KE. Hija għandha tiżgura wkoll li, fi żmien sena wara d-dħul fis-seħħ tal-Unjoni Doganali, il-prinċipji li jinsabu fir-Regolamenti ta' eżenzjoni ġenerali fis-seħħ fil-Komunità, kif ukoll fil-ġurisprudenza żviluppata mill-awtoritajiet tal-KE, għandhom jiġu applikati fit-Turkija. Il-Komunità għandha tinforma lit-Turkija malajr kemm jista' jkun dwar kwalunkwe proċedura relatata mal-adozzjoni, l-abolizzjoni, jew il-modifika tar-Regolamenti ta' eżenzjoni ġenerali mill-KE wara d-dħul fis-seħħ tal-Unjoni Doganali. Wara li tkun ingħatat din l-informazzjoni, it-Turkija għandu jkollha sena biex tadatta l-leġiżlazzjoni tagħha, jekk meħtieġ;

(b) qabel id-dħul fis-seħħ tal-Unjoni Doganali, tistabbilixxi awtorità tal-kompetizzjoni li għandha tapplika dawn ir-regoli u l-prinċipji b'mod effettiv;

(c) qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, tadatta l-għajnuniet kollha tagħha mogħtija lis-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ skont ir-regoli stabbiliti fl-oqfsa Komunitarji u l-linji gwida rilevanti skont l-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat KE. It-Turkija għandha tinforma lill-Komunità dwar l-iskemi kollha ta' għajnuna tagħha għal dan is-settur kif adattati skont dawn l-oqfsa u l-linji gwida. Il-Komunità għandha tinforma lit-Turkija malajr kemm jista' jkun dwar kwalunkwe proċedura relatata mal-adozzjoni, l-abolizzjoni jew il-modifika ta' tali oqfsa u linji gwida mill-Komunità d-dħul fis-seħħ tal-Unjoni Doganali. Wara li tkun ingħatat din l-informazzjoni, it-Turkija għandu jkollha sena biex tadotta l-leġiżlazzjoni tagħha;

(d) fi żmien sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, tadatta l-iskemi kollha ta' għajnuna differenti minn dawk mogħtija lis-settur tat-tessuti u l-ħwejjeġ skont ir-regoli stabbiliti fl-oqfsa u l-linji gwida Komunitarji skont l-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat KE. Il-Komunità għandha tinforma lit-Turkija malajr kemm jista' jkun dwar kwalunkwe proċedura relatata mal-adozzjoni, l-abolizzjoni jew il-modifika tal-oqfsa u l-linji gwida Komunitarji. Wara li tkun ingħatat din l-informazzjoni, it-Turkija għandu jkollha sena biex tadatta l-leġiżlazzjoni tagħha;

(e) fi żmien sentejn minn wara d-dħul fis-seħħ tal-Unjoni Doganali, tinforma lill-Komunità dwar l-iskemi tal-għajnuna kollha fis-seħħ fit-Turkija kif adattati skont il-punt (d). Jekk skema ġdida jkollha tiġi adottata, it-Turkija għandha tinforma lill-Komunità malajr kemm jista' jkun dwar il-kontenut ta' tali skema;

(f) tinnotifika lill-Komunità bil-quddiem dwar kwalunkwe għajnuna individwali li għandha tingħata lil impriża jew grupp ta' impriżi li tkun notifikabbli taħt l-oqfsa jew il-linji gwida Komunitarji li kieku tkun ġiet mogħtija minn Stat Membru, jew dwar għotjiet ta' għajnuna individwali barra mill-oqfsa jew linji gwida Komunitarji ta' ammont ikbar minn ECU 12 miljun u li kieku kienu jiġu notifikati taħt il-liġi tal-KE li kieku ġew mogħtija minn Stat Membru.

Rigward għajnuniet individwali mogħtija mill-Istati Membri u soġġetti għall-analiżi mill-Kummissjoni, abbażi tal-Artikolu 93 tat-Trattat KE, it-Turkija se tkun infurmata fuq l-istess bażi bħall-Istati Membri.

3. Il-Komunità u t-Turkija għandhom jikkomunikaw lil xulxin l-emendi l-oħra kollha għal-liġijiet tagħhom rigward il-prattiki restrittivi minn impriżi. Huwa għandhom ukoll jinfurmaw lil xulxin dwar il-każijiet ta' meta dawn il-liġijiet ġew applikati.

4. Fir-rigward ta' informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 2, punti c), e) u (f), il-Komunità għandu jkollha d-dritt li tqajjem oġġezzjonijiet kontra għajnuna mogħtija mit-Turkija li kienet tqisha bħala illegali skont il-liġi tal-KE kieku ngħatat minn Stat Membru. Jekk it-Turkija ma taqbilx mal-opinjoni tal-Komunità, u jekk il-każ ma jiġix riżolt fi żmien 30 jum, il-Komunità u t-Turkija kull wieħed ikollhom id-dritt li jibgħatu l-każ għall-arbitraġġ.

5. It-Turkija għandu jkollha d-dritt li tqajjem oġġezzjonijiet u twaqqaf lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni kontra għajnuna mogħtija minn Stat Membru li jqis li tkun illegali skont il-liġi tal-KE. Jekk il-każ ma jiġix riżolt mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni fi żmien tliet xhur, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jibgħat il-każ lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 40

1. Il-Komunità għandha tinforma lit-Turkija malajr kemm jista' jkun dwar l-adozzjoni ta' kwalunkwe Deċiżjoni skont l-Artikoli 85, 86 u 92 tat-Trattat KE li tista' taffettwa l-interessi tat-Turkija.

2. It-Turkija għandha tkun intitolata li tistaqsi informazzjoni dwar kwalunkwe każ speċifiku deċiż mill-Komunità skont l-Artikoli 85, 86 u 92 tat-Trattat KE.

Artkolu 41

Rigward impriżi pubbliċi u impriżi li ġew mogħtija għalihom drittijiet speċjali jew esklussivi, it-Turkija għandha tiżgura li, sa tmiem l-ewwel sena wara d-dħul fis-seħħ tal-Unjoni Doganali, il-prinċipji tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, notevolment l-Artikolu 90, kif ukoll il-prinċipji li jinsabu fil-leġiżlazzjoni sekondarja u l-ġurisprudenza żviluppata abbażi ta' dan, jiġu appoġġjati.

Artikolu 42

It-Turkija għandha taġġusta progressivament, skont il-kundizzjonijiet u l-iskeda ta' żmien stabbilita mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni kwalunkwe monopolju Statali ta' natura kummerċjali sabiex tiżgura li, sa l-aħħar tat-tieni sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, ma teżisti ebda diskriminazzjoni rigward il-kundizzjonijiet li fihom jiġu akkwistati u kkumerċjalizzati l-oġġetti bejn ċittadini tal-Istati Membri u tat-Turkija.

Artikolu 43

1. Jekk il-Komunità jew it-Turkija jemmnu li attivitajiet antikompetittivi mwettqa fit-territorju tal-Parti l-oħra qegħdin jaffettwaw b'mod negattiv l-interessi tagħha jew l-interessi tal-impriżi tagħha, l-ewwel Parti tista' tinnotifika lill-Parti l-oħra u tista' titlob li l-awtorità tal-kompetizzjoni tal-Parti l-oħra tibda azzjoni xierqa ta' infurzar. In-notifika għandha tkun speċifika kemm jista' jkun rigward in-natura tal-attivitajiet antikompetittivi u l-effetti tagħhom fuq l-interessi tal-Parti li tinnotifika, u għandha tinkludi offerta għal aktar informazzjoni bħal din u kooperazzjoni oħra skont kemm tkun kapaċi tipprovdi l-Parti li tinnotifika.

2. Mal-wasla tan-notifika skont il-paragrafu 1 u wara kwalunkwe diskussjoni oħra bejn il-Partijiet skont kif ikun xieraq u utli fiċ-ċirkostanzi, l-awtorità tal-kompetizzjoni tal-Parti notifikata se tikkunsidra jekk għandhiex tibda azzjoni ta' infurzar jew le, fir-rigward tal-attivitajiet antikompetittivi identifikati fin-notifika. Il-Parti notifikata se tinforma lill-Parti li tinnotifika dwar id-deċiżjoni tagħha. Jekk tinbeda azzjoni ta' infurzar, il-Parti notifikata se tinforma lill-Parti li tinnotifika dwar dan ir-riżultat u, sa fejn ikun possibbli, bl-iżviluppi interim sinifikanti.

3. M'hemm xejn f'dan l-Artikolu li jillimita d-diskrezzjoni tal-Parti notifikata skont il-liġijiet tal-kompetizzjoni u l-politiki ta' infurzar dwar jekk twettqitx jew le azzjoni ta' infurzar rigward l-awtoritajiet notifikati antikompetittivi, jew jipprekludi lill-Parti li tinnotifika milli twettaq azzjoni ta' infurzar rigward tali attivitajiet antikompetittivi.

TAQSIMA III

Strumenti ta' difiża tal-kummerċ

Artikolu 44

1. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni, fuq talba ta' waħda mill-Partijiet għandu jirrevedi l-prinċipju ta' applikazzjoni ta' strumenti ta' difiża tal-kummerċ għajr ta' salvagwardja minn Parti waħda fir-relazzjonijiet tagħha mal-oħra. Matul tali reviżjoni, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jissospendi l-applikazzjoni ta' dawn l-istrumenti sakemm it-Turkija tkun implimentat il-kompetizzjoni, il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat u partijiet rilevanti oħra tal-*acquis communautaire* li jkunu relatati mas-suq intern u żgurat l-infurzar effettiv tagħhom, biex b'hekk tipprovdi garanzija kontra l-kompetizzjoni inġusta paragunabbli ma' dik eżistenti fis-suq intern.

2. Il-modalitajiet tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' antidumping stabbiliti fl-Artikolu 47 tal-Protokoll Addizzjonali jibqgħu fis-seħħ.

Artikolu 45

Permezz ta' deroga mid-dispożizzjonijiet tat-Taqsima II tal-Kapitolu V, il-proċeduri tal-konsultazzjoni u tat-teħid ta' deċiżjonijiet imsemmija f'dik it-taqsima m'għandhomx japplikaw għall-miżuri tad-difiża tal-kummerċ imwettqa minn kwalunkwe Parti.

Fil-qafas tal-applikazzjoni ta' miżuri ta' politika tal-kummerċ lejn pajjiżi terzi, il-Partijiet għandhom jagħmlu ħilithom, permezz ta' skambju ta' informazzjoni u konsultazzjoni, biex ifittxu possibilitajiet għall-koordinazzjoni tal-azzjoni tagħhom meta ċ-ċirkostanzi u l-obbligi internazzjonali taż-żewġ Partijiet jippermettu dan.

Artikolu 46

Permezz ta' deroga mill-prinċipju tal-moviment liberu tal-merkanzija stabbilit fil-Kapitolu I fejn Parti waħda tkun ħadet jew qed tieħu miżuri tal-antidumping jew miżuri oħra skont l-istrumenti tal-politika tal-kummerċ kif imsemmi fl-Artikolu 44 fir-relazzjonijiet tagħha mal-Parti l-oħra jew ma' pajjiżi terzi, dik il-Parti tista' timporta l-prodotti kkonċernati mit-territorju tal-Parti l-oħra soġġetta għall-applikazzjoni ta' dawk il-miżuri. F'każijiet bħal dawn, hija għandha tinforma lill-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali skont dan.

Artikolu 47

Meta jitlestew il-formalitajiet involuti fl-importazzjoni ta' prodotti ta' tip kopert mill-miżuri politiċi kummerċjali, previsti fl-Artikoli preċedenti, l-awtoritajiet tal-Istat importatur għandhom jitolbu lill-importatur biex jindika l-oriġini tal-prodotti kkonċernati fid-dikjarazzjoni doganali.

Prova addizzjonali ta' sostenn tista' tintalab meta jkun assolutament neċessarju minħabba dubji serji u fundati sew sabiex tiġi vverifikata l-oriġini vera tal-prodott inkwistjoni.

TAQSIMA IV

Akkwist tal-Gvern

Artikolu 48

Mill-aktar fis possibbli wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni se jistabbilixxi data għall-bidu tan-negozjati mmirati lejn il-ftuħ reċiproku tas-swieq rispettivi tal-akkwist tal-gvern tal-Partijiet.

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni se jirrevedi l-progress f'dan il-qasam kull sena.

TAQSIMA V

Tassazzjoni diretta

Artikolu 49

L-ebda dispożizzjoni ta' din id-Deċiżjoni ma għandu jkollha l-effett:

— ta' estensjoni tal-vantaġġi fiskali mogħtija minn kwalunkwe Parti fi kwalunkwe ftehim jew arranġament internazzjonali li tkun marbuta bih,

— ta' prevenzjoni tal-adozzjoni jew applikazzjoni minn kwalunkwe Parti ta' kwalunkwe miżura mmirata lejn il-prevenzjoni tal-evażjoni tat-taxxi,

— ta' pożizzjoni tad-dritt ta' kwalunkwe Parti biex tapplika d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni fiskali tagħha għall-persuna taxxabbli li l-pożizzjoni tagħhom rigward il-post ta' residenza ma tkunx identika.

Tassazzjoni indiretta

Artikolu 50

1. L-ebda Parti ma għandha, direttament jew indirettament, timponi fuq il-prodotti tal-Parti l-oħra xi tassazzjoni interna ta' kwalunkwe tip ogħla minn dik imposta direttament jew indirettament fuq prodotti domestiċi simili.

L-ebda Parti ma għandha timponi fuq il-prodotti tal-Parti l-oħra xi tassazzjoni interna ta' tali natura li tagħti protezzjoni indiretta lil prodotti oħra.

2. Prodotti esportati fit-territorju ta' waħda mill-partijiet ma għandhomx jikkwalifikaw għal rifużjonijiet tat-taxxa interna indiretta li jaqbżu t-tassazzjoni indiretta imposta direttament jew indirettament fuq dawk il-prodotti.

3. Il-Partijiet għandhom jirrevokaw kwalunkwe dispożizzjonijiet eżistenti fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni li jkunu f'kunflitt mar-regoli ta' hawn fuq.

Artikolu 51

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jirrakkomanda lill-Partijiet biex jieħdu miżuri biex japprossimaw il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward ta' oqsma li mhumiex koperti b'din id-Deċiżjoni iżda għandhom effett dirett fuq il-funzjonament tal-Assoċjazzjoni, u ta' oqsma koperti minn din id-Deċiżjoni iżda ma hi stabbilita l-ebda proċedura speċifika għalihom hawnhekk.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI

TAQSIMA I

Il-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali KE-Turkija

Artikolu 52

1. Skont l-Artikolu 24 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali KE-Turkija huwa stabbilit hawnhekk. Il-Kumitat għandu jwettaq skambju ta' fehmiet u informazzjoni, jifformula rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni u jagħti opinjonijiet bil-għan li jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tal-Unjoni Doganali.

2. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw fil-Kumitat dwar kwalunkwe punt relatat mal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni li jagħti lok għal diffikultà għal kwalunkwe wieħed minnhom.

3. Il-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

Artikolu 53

1. Il-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali għandu jikkonsisti minn rappreżentanti tal-Partijiet.

2. L-uffiċċju tal-President tal-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali għandu jinżamm b'mod alternat, għal perjodu ta' sitt xhur, mir-rappreżentant tal-Komunità, jiġifieri l-Kummissjoni Ewropea, u r-rappreżentant tat-Turkija.

3. Sabiex iwettaq id-dmirijiet tiegħu, il-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali għandu jiltaqa', bħala regola ġenerali, mill-inqas darba fix-xahar. Għandu jiltaqa' wkoll fuq inizjattiva tal-President tiegħu jew fuq talba ta' waħda mill-Partijiet skont ir-regoli ta' proċedura tiegħu.

4. Il-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali jista' jiddeċiedi li jistabbilixxi kwalunkwe sottokumitat jew grupp ta' ħidma biex jgħinuh fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu. Il-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali għandu jistabbilixxi l-kompożizzjoni u r-regoli ta' operazzjoni ta' tali sottokumitati jew gruppi ta' ħidma fir-regoli ta' proċedura tiegħu. Id-dmirijiet tagħhom għandhom jiġu determinati mill-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali f'kull każ individwali.

TAQSIMA II

Proċeduri ta' konsultazzjoni u ta' deċiżjoni

Artikolu 54

1. F'oqsma ta' rilevanza diretta għall-operazzjonijiet tal-Unjoni Doganali, u mingħajr preġudizzju għall-obbligi l-oħra li jirriżultaw mill-Kapitoli I sa IV il-leġiżlazzjoni Torka għandha kemm jista' jkun tkun armonizzata mal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

2. Oqsma ta' rilevanza diretta għall-operazzjoni tal-Unjoni Doganali għandhom ikunu l-politika kummerċjali u l-ftehimiet ma' pajjiżi terzi li jinkludu dimensjoni kummerċjali għall-prodotti industrijali, leġiżlazzjoni dwar l-abolizzjoni ta' ostakoli tekniċi għall-kummerċ fil-liġi tal-prodotti industrijali, il-kompetizzjoni u il-proprjetà intellettwali u l-leġiżlazzjoni doganali.

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li jestendi l-lista ta' oqsma fejn għandha tinkiseb l-armonizzazzjoni fid-dawl tal-progress tal-Assoċjazzjoni.

3. Ir-regoli proċedurali stabbiliti fl-Artikoli 55 sa 60 għandhom japplikaw għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 55

1. Kull meta tiġi mfassla leġiżlazzjoni ġdida mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej f'qasam ta' rilevanza diretta għall-operazzjoni tal-Unjoni Doganali u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tikkonsulta esperti mill-Istati Membri tal-Komunità, hija għandha tikkonsulta wkoll b'mod informali lil esperti Torok.

2. Meta tittrażmetti l-proposta tagħha lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tibgħat kopji tagħha lit-Turkija.

3. Matul il-fażi ta' qabel id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-Partijiet għandhom, fuq talba ta' kwalunkwe waħda minnhom, jikkonsultaw ma' xulxin mill-ġdid fi ħdan il-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali.

4. Meta t-Turkija tadotta leġiżlazzjoni f'qasam ta' rilevanza diretta għall-funzjonament tal-Unjoni Doganali, hija għandha tinforma minnufih lill-Komunità fil-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali.

Artikolu 56

1. Meta tadotta leġiżlazzjoni f'qasam ta' rilevanza diretta għall-funzjonament tal-Unjoni Doganali kif definit fl-Artikolu 54(2), il-Komunità għandha tinforma minnufih lit-Turkija dwar dan fil-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali sabiex tippermetti lit-Turkija tadotta leġiżlazzjoni korrispondenti li se tiżgura l-funzjonament tajjeb tal-Unjoni Doganali.

2. Fejn ikun hemm problema għat-Turkija biex tadotta l-leġiżlazzjoni korrispondenti, il-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali għandu jagħmel kull sforz biex isib soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku li żżomm il-funzjonament tajjeb tal-Unjoni Doganali.

Artikolu 57

1. Il-prinċipju ta' armonizzazzjoni definit fl-Artikolu 54 m'għandux jaffettwa d-dritt tat-Turkija, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tagħha li ġejjin mill-Kapitoli I sa IV biex temenda l-leġiżlazzjoni f'oqsma ta' rilevanza diretta għall-funzjonament tal-Unjoni Doganali sakemm il-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali jkun ikkonkluda li l-leġiżlazzjoni emendata ma taffettwax il-funzjonament tajjeb tal-Unjoni Doganali jew li l-proċeduri msemmija fil-paragrafi 2 sa 4 ta' dan l-Artikolu jkunu twettqu.

2. Meta t-Turkija tkun qed tikkontempla leġiżlazzjoni ġdida f'qasam ta' rilevanza diretta għall-funzjonament tal-Unjoni Doganali, din għandha b'mod informali tfittex il-fehmiet tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar il-leġiżlazzjoni proposta inkwistjoni sabiex il-leġiżlatur Tork ikun jista' jieħu deċiżjoni tiegħu b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi għall-funzjonament tal-Unjoni Doganali.

Il-Partijiet għandhom jikkooperaw in bona fede sabiex jiffaċilitaw, fl-aħħar tal-proċess, l-aktar deċiżjoni xierqa għall-funzjonament tajjeb tal-Unjoni Doganali.

3. Ladarba l-leġiżlazzjoni proposta tkun laħqet stadju avvanzat biżżejjed ta' abbozzar, għandhom isiru konsultazzjonijiet fil-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali.

4. Il-Partijiet għandhom jikkoperaw in bona fede matul il-fażi ta' informazzjoni u konsultazzjoni bil-għan li jiffaċilitaw, fl-aħħar tal-proċess, id-deċiżjoni l-aktar xierqa għall-funzjonament tajjeb tal-Unjoni Doganali.

Jekk l-adozzjoni tat-Turkija ta' tali leġiżlazzjoni x'aktarx li tfixkel il-funzjonament tajjeb tal-Unjoni Doganali, il-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali għandu jagħmel ħiltu biex isib soluzzjoni aċċettabbli.

Artikolu 58

1. Jekk, fl-aħħar tal-konsultazzjonijiet imwettqa skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 56(2) jew l-Artikolu 57(4), ma tkunx tista' tinstab soluzzjoni aċċettabbli b'mod reċiproku mill-Kumitat Konġunt għall-Unjoni Doganali u waħda mill-Partijiet tqis li d-diskrepanzi fil-leġiżlazzjoni inkwistjoni jistgħu jaffettwaw il-moviment liberu tal-oġġetti, jgħawġu l-kummerċ jew joħolqu problemi ekonomiċi fit-territorju tagħha, hija tista' tirreferi l-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali li, jekk ikun meħtieġ, għandu jirrakkomanda metodi xierqa ta' kif tiġi evitata kwalunkwe ħsara li tista' tirriżulta.

L-istess proċedura se tiġi segwita jekk id-differenzi fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet f'qasam ta' rilevanza diretta għall-funzjonament tal-Unjoni Doganali, jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw ħsara għall-moviment liberu tal-oġġetti, tgħawwiġ tal-kummerċ jew problemi ekonomiċi.

2. Jekk id-diskrepanzi bejn il-Komunità u l-leġiżlazzjoni Torka jew differenzi fl-implimentazzjoni tagħhom f'qasam ta' rilevanza diretta għall-funzjonament tal-Unjoni Doganali, jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw ħsara għall-moviment liberu ta' oġġetti jew tgħawwiġ tal-kummerċ u l-Parti affettwata tikkunsidra li azzjoni immedjata hija meħtieġa, hija tista' tieħu l-miżuri meħtieġa hi stess u tinnotifika lill-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali dwar dan; dan tal-aħħar jista' jiddeċiedi jekk jemendax jew iħassarx dawn il-miżuri. Għandha tingħata prijorità lil miżuri li l-inqas ifixklu l-funzjonament tal-Unjoni Doganali.

Artikolu 59

F'oqsma ta' rilevanza diretta għall-funzjonament xieraq tal-Unjoni Doganali, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tiżgura li l-esperti Torok ikunu involuti kemm jista' jkun fit-tħejjija ta' abbozz ta' miżuri li għandhom jintbagħtu lill-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fl-eżerċizzju tas-setgħat eżekuttivi tagħha. F'dan ir-rigward, meta tabbozza l-proposti, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tikkonsulta esperti mit-Turkija fuq l-istess bażi bħal kif tikkonsulta esperti mill-Istati Membri tal-Komunità. Meta l-kwistjoni mibgħuta lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tkun konformi mal-proċedura li tapplika għat-tip ta' kumitat ikkonċernat, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandha tittrażmetti lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea l-fehmiet tal-esperti Torok.

Artikolu 60

L-esperti Torok għandhom ikunu involuti fil-ħidma ta' numru ta' kumitati tekniċi li jgħinu lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fl-eżerċizzju tas-setgħat eżekuttivi tagħha f'oqsma ta' rilevanza diretta għall-funzjonament tal-Unjoni Doganali fejn dan ikun meħtieġ sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tal-Unjoni Doganali. Il-proċedura għal tali parteċipazzjoni għandha tiġi deċiża mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni qabel ma tidħol fis-seħħ din id-Deċiżjoni. Il-lista tal-Kumitati tinsab fl-Anness 9. Jekk il-Partijiet jidhrilhom li tali involviment għandu jiġi estiż għal Kumitati oħra, il-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali jista' jindirizza r-rakkomandazzjonijiet meħtieġa lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għal deċiżjonijiet.

TAQSIMA III

Soluzzjoni tat-tilwim

Artikolu 61

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 3 tal-Artikolu 25 tal-Ftehim ta' Ankara, jekk il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ma jirnexxielux isolvi tilwim dwar il-kamp ta' applikazzjoni jew id-durata ta' miżuri ta' protezzjoni li ttieħdu skont l-Artikolu 58(2), miżuri ta' salvagwardja mwettqa skont l-Artikolu 63 jew miżuri għall-ibbilanċjar mill-ġdid imwettqa skont l-Artikolu 64, fi żmien sitt xhur mid-data li fiha din il-proċedura tkun ġiet mibdija, kwalunkwe Parti tista' tirreferi t-tilwim għall-arbitraġġ skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 62. Id-deċiżjoni bl-arbitraġġ għandha tkun vinkolanti fuq il-Partijiet fit-tilwima.

Artikolu 62

1. Jekk tilwima tkun intbagħtet għall-arbitraġġ għandu jkun hemm tliet arbitri.

2. Iż-żewġ partijiet fit-tilwima għandhom jaħtru arbitru kull wieħed fi żmien 30 jum.

3. Iż-żewġ arbitri maħtura hekk għandhom jinnominaw bi ftehim komuni deċiżur wieħed li m'għandux ikun ċittadin ta' xi Parti. Jekk ma jkunux jistgħu jiftehmu fi żmien xahrejn mill-ħatra tagħhom, id-deċiżur għandu jintgħażel minnhom minn seba' persuni fuq lista stabbilita mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu jistabbilixxi u jirrevedi din il-lista skont ir-regoli ta' proċedura tiegħu.

4. It-tribunal ta' arbitraġġ għandu jiltaqa' fi Brussell. Sakemm il-Partijiet ma jiddeċidux mod ieħor, huwa għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu. Huwa għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza.

TAQSIMA IV

Miżuri ta' salvagwardja

Artikolu 63

Il-Partijiet jikkonfermaw li l-mekkaniżmu u l-modalitajiet tal-miżuri ta' salvagwardja stabbiliti fl-Artikolu 60 tal-Protokoll Addizzjonali jibqgħu validi.

Artikolu 64

1. Jekk miżura ta' salvagwardja jew ta' protezzjoni mwettqa minn Parti toħloq żbilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi skont din id-Deċiżjoni, il-Parti l-oħra tista' tieħu miżuri għall-ibbilanċjar mill-ġdid fir-rigward ta' dik il-Parti. Għandha tingħata prijorità lil tali miżuri li l-inqas ifixklu l-funzjonament tal-Unjoni Doganali.

2. Il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 63 għandhom japplikaw.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Dħul fis-seħħ

Artikolu 65

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 1995.

2. Matul is-sena 1995, il-progress fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandu jiġi eżaminat regolarment fi ħdan il-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, li se jirrapporta lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

3. Qabel it-tmiem ta' Ottubru 1995 iż-żewġ Partijiet għandhom jikkunsidraw fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jekk id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni għall-funzjonament tajjeb tal-Unjoni Doganali humiex sodisfatti.

4. Fuq il-bażi tar-rapport (i) tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni, jekk it-Turkija minn naħa waħda jew il-Komunità u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra jqisu li d-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3 ma jkunux ġew sodisfatti, din il-Parti tista' tinnotifika lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar id-deċiżjoni tagħha li titlob posponiment tad-data msemmija fil-paragrafu 1. F'każ bħal dan, din id-data tiġi diferita għall-1 ta' Lulju 1996.

5. F'dan il-każ il-paragrafi 2 sa 4 għandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

6. Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jieħu deċiżjonijiet xierqa oħra.

Interpretazzjoni

Artikolu 66

Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni, sa fejn huma identiċi fis-sustanza għad-dispożizzjonijiet korrispondenti tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għandhom jiġu interpretati għall-finijiet tal-implimentazzjoni tagħhom u l-applikazzjoni għall-prodotti koperti mill-Unjoni Doganali, f'konformità mad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Diċembru 1995.

Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni

KE-Turkija

L. ATIENZA SERNA

Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mit-Turkija fuq l-Artikolu 3(4):

It-Turkija tintrabat li tiżgura li d-dazji doganali jew imposti li jkollhom effett ekwivalenti intaxxat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(4) ma jiġux allokati għal xi skop speċifiku iżda jakkumulaw fil-baġit nazzjonali tagħha bl-istess mod bħala dħul doganali ieħor.

Dikjarazzjoni mill-Komunità fuq l-Artikolu 3(3):

"Il-Komunità tfakkar l-istatus speċjali mogħti lil Mount Athos skont id-dikjarazzjoni konġunta annessa mal-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ellenika fil-Komunitajiet Ewropej."

Dikjarazzjoni mit-Turkija fuq l-Artikolu 5:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni, it-Turkija għandha l-intenzjoni li żżomm id-dispożizzjonijiet tad-digriet tar-reġim tagħha ta' importazzjoni (Ġurnal Uffiċjali Tork Nru 22158a, 31.12.1994) fuq vetturi bil-mutur użati u bihom tagħmel l-importazzjoni ta' prodotti bħal dawn soġġetta għal permess minn qabel; għal ċertu perjodu wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni."

Dikjarazzjoni mill-Komunità fuq it-tessuti u l-ħwejjeġ fl-Artikolu 6:

"1. L-arranġamenti għal kummerċ fit-tessuti u l-ħwejjeġ se jiskadu malli jiġi stabbilit li t-Turkija tkun implimentat b'mod effettiv il-miżuri li għalihom hija meħtieġa adozzjoni skont din id-deċiżjoni, rigward il-proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali (l-Artikoli 2, 3, 4 u 5 tal-Anness 8), il-kompetizzjoni, inklużi l-miżuri dwar l-għajnuna pubblika (Kapitolu IV, Taqsima II, Artikolu 39(1) u (2)(a), (b) u (c)), u li t-Turkija daħħlet fis-seħħ, skont ir-regoli multilaterali attwalment fis-seħħ, il-miżuri meħtieġa għall-allinjament tal-politika kummerċjali tagħha ma' dik tal-Komunità fis-settur tat-tessuti, b'mod partikolari l-arranġamenti u l-ftehimiet imsemmija fit-Taqsima III tal-Artikolu 12(2).

2. Il-Komunità se tapplika l-miżuri ta' salvagwardja stabbiliti fl-Artikolu 60 tal-Protokoll Addizzjonali jekk, għalkemm it-Turkija ma tissodisfax il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-arranġamenti attwali għall-kummerċ fi prodotti ta' tessuti u ħwejjeġ ma jiġux estiżi.

3. Il-Komunità tinsisti fuq ir-reċiproċità effettiva fl-aċċess tas-suq f'dak is-settur."

Dikjarazzjoni mit-Turkija fuq tessuti u ħwejjeġ fl-Artikolu 6:

"1. Jekk minkejja t-twettiq mit-Turkija tal-miżuri msemmija fl-ewwel paragrafu tad-Dikjarazzjoni tal-Komunità fuq l-iskadenza ta' arranġamenti għall-kummerċ fi prodotti ta' tessuti u ħwejjeġ, tali arranġamenti ma jkunux spiċċaw, it-Turkija se tieħu miżuri xierqa ta' bbilanċjar mill-ġdid.

2. B'referenza għall-paragrafu 1 tad-Dikjarazzjoni tal-Komunità dwar tessuti u ħwejjeġ fl-Artikolu 6, it-Turkija tifhem li l-miżuri relatati mal-konklużjoni mit-Turkija ta' ftehimiet jew arranġamenti ma' pajjiżi terzi fis-settur tat-tessuti jfisser li t-Turkija ħadet il-passi meħtieġa msemmija fl-Artikolu 12(2) għal tali konklużjoni, u li, sadanittant, il-miżuri msemmija fl-Artikolu 12(3) jibqgħu applikabbli.

3. It-Turkija tinsisti dwar l-aċċess sħiħ tas-suq f'dak is-settur."

Dikjarazzjoni mit-Turkija fuq l-Artikolu 6:

"It-Turkija tqis li huwa meħtieġ li tiġi assoċjata mal-ħidma tal-Kumitat tat-Tessuti."

Dikjarazzjoni mit-Turkija fuq l-Artikolu 8:

"It-Turkija tqis li huwa meħtieġ li tiġi assoċjata mal-ħidma tal-Kumitat tal-Istandards u r-Regolamenti Tekniċi bil-għan li tiżgura livell ta' kooperazzjoni proporzjonat mal-għan ta' armonizzazzjoni."

Dikjarazzjoni mit-Turkija fuq l-Artikolu 8:

"It-Turkija tixtieq tenfasizza l-importanza ta' valutazzjoni komprensiva, ta' malajr u kemm jista' jkun mingħajr ebda piżijiet tal-istrumenti, proċeduri u infrastrutturi li jikkonċernaw it-twettiq mit-Turkija tal-ħtiġijiet previsti fl-istrumenti inklużi fil-lista msemmija fl-Artikolu 8(2).

It-Turkija tenfasizza wkoll il-ħtieġa li l-Komunità tipproċedi għall-adattamenti tekniċi meħtieġa minħabba li t-Turkija tkun wettqet ir-rekwiżiti msemmija hawn fuq."

Dikjarazzjoni konġunta fuq l-Artikolu 11:

"Il-Partijiet jaqblu li jidħlu immedjatament f'diskussjonijiet fil-livell ta' esperti dwar it-traspożizzjoni mit-Turkija tal-*acquis communautaire* dwar it-tneħħija ta' ostakoli tekniċi għall-kummerċ."

Dikjarazzjoni mit-Turkija fuq l-Artikolu 16:

"It-Turkija tista' tfittex konsultazzjoni fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni rigward l-obbligi li jistgħu jinqalgħu għaliha bħala r-riżultat tas-sħubija tagħha fl-Organizzazzjoni ta' Kooperazzjoni Ekonomika (ECO)."

Dikjarazzjoni mit-Turkija fuq l-Artikolu 16:

"B'rabta mal-Artikolu 16, it-Turkija tiddikjara li se tingħata prijorità lill-ftehimiet preferenzjali li ġejjin: il-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja, ir-Repubblika Ċeka, l-Iżrael, l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja, il-Marokk, it-Tuneżija, l-Eġittu."

Dikjarazzjoni mill-Komunità fuq l-Anness 8:

"Għall-implimentazzjoni u l-applikazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet imsemmija f'dan l-Anness, il-Komunità hija lesta li tipprovdi assistenza teknika adegwata lit-Turkija kemm qabel kif ukoll wara d-dħul fis-seħħ tal-Unjoni Doganali."

Dikjarazzjoni mit-Turkija fuq l-Anness 8, l-Artikolu 1:

"Dan l-impenn ma jippreġudikax l-istatus tat-Turkija bħala pajjiż li qed jiżviluppa fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ."

Dikjarazzjoni mill-Komunità fuq l-Artikolu 44:

"B'rabta mal-Artikolu 44(2), il-Komunità tiddikjara li l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet tagħha għall-miżuri tal-antidumping u ta' salvagwardja, se toffri informazzjoni lit-Turkija qabel il-bidu tal-proċedimenti. Għal dan il-għan, modalitajiet xierqa tal-applikazzjoni tal-Artikolu 49 se jiġu stabbiliti b'mod konġunt qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Barra minn hekk il-Komunità, skont kull każ, fejn xieraq, se tagħti preferenza ċara għall-impenji fir-rigward tal-prezzijiet pjuttost milli dmirijiet sabiex tagħlaq każijiet ta' antidumping f'każijiet fejn tinsab il-ħsara."

Dikjarazzjoni mit-Turkija fuq l-Artikolu 48:

"It-Turkija tiddikjara l-intenzjoni tagħha li tidħol f'negozjati bil-għan li taderixxi mal-Ftehim tal-Akkwist tal-Gvern tal-GATT."

Dikjarazzjoni mit-Turkija fuq l-Artikolu 60:

"Matul is-sena 1995, u meta t-Turkija tarmonizza l-leġiżlazzjoni tagħha ma' dik tal-Komunità, hija se tfittex mill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni deċiżjoni biex testendi l-involviment tagħha għal kumitati oħra."

Dikjarazzjoni konġunta fuq l-Artikolu 65:

"1. Kwalunkwe deċiżjoni konġunta mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha li titlob li d-dħul fis-seħħ tal-Unjoni Doganali jiġi pospost skont l-Artikolu 65(4) ta' din id-Deċiżjoni għandha tittieħed fuq il-bażi ta' proposta mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u permezz tal-istess proċedura ta' teħid ta' deċiżjonijiet bħal dik għall-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. Barra minn hekk, il-posponiment tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni m'għandux jaffettwa l-obbligi kuntrattwali tal-partijiet skont it-termini tal-Protokoll Addizzjonali."

ANNESSI

Anness Nru 1	Lista ta' oġġetti msemmija fl-Artikolu 17
Anness Nru 2	imsemmi fl-Artikolu 19(2) (a)
Anness Nru 3	imsemmi fl-Artikolu 19(2) (b)
Anness Nru 4	imsemmi fl-Artikolu 19(2) (c)
Anness Nru 5	imsemmi fl-Artikolu 19 (3)
Anness Nru 6	Tabella 1 u Tabella 2 imsemmija fl-Artikolu 21
Anness Nru 7	dwar l-assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi fi kwistjonijiet doganali
Anness Nru 8	dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali
Anness Nru 9	Lista ta' kumitati msemmija fl-Artikolu 60
Anness Nru 10	dwar ir-reġimi awtonomi u l-ftehimiet preferenzjali msemmija fl-Artikolu 16

ANNESS 1

Kodiċi NM	Deskrizzjoni
(1)	(2)
ex 0403	Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib u krema oħrajn iffermentati jew li saru aċidużi, kemm jekk konċentrati kif ukoll le jew li fihom zokkor miżjud jew materjal ieħor li jagħmel ħelu jew imħawrin jew miżjudin bil-frott, bil-ġewż jew bil-kawkaw;
0403 10 51 sa 0403 10 99	– Jogurt, imħawwar jew miżjud bil-frott jew bil-kawkaw
0403 90 71 sa 0403 90 99	– Oħrajn, imħawrin jew miżjudin bil-frott jew bil-ġewż
0710 40 00	Qamħ ħelu (mhux imsajjar jew imsajjar bil-fwar jew fl-ilma jagħli), iffriżat
0711 90 30	Qamħ ħelu, ippreservat provviżorjament (pereżempju bil-gass tad-dijossidu tal-kubrit, fis-salmura, fl-ilma tal-kubrit jew f'soluzzjonijiet oħra li jippreservaw), iżda mhux tajjeb għall-konsum immedjat f'dak l-istat;
ex 1517	Marġerina; taħlitiet jew tħejjijiet għall-ikel ta' xaħmijiet jew żjut tal-annimali jew veġetali jew ta' biċċiet ta' xaħmijiet jew żjut differenti ta' dan il-Kapitolu, minbarra xaħmijiet jew żjut għall-ikel jew il-biċċiet tagħhom tal-intestatura Nru 1516;
1517 10 10	– Marġerina, ħlief marġerina likwida, li fiha aktar minn 10 % iżda inqas minn 15 % tal-piż xaħmijiet tal-ħalib
1517 90 10	– Oħrajn, li fihom iktar minn 10 % iżda inqas minn 15 % tal-piż xaħmijiet tal-ħalib
1702 50 00	Fruttożju kimikament pur
ex 1704	Ħelu taz-zokkor (inkluża ċikkulata bajda), mingħajr kawkaw; minbarra l-estratt tas-sugu li fih aktar minn 10 % tal-piż sukrożju iżda li ma jkunx fih sustanzi oħrajn miżjudin, li jaqa' fi ħdan il-kodiċi NM 1704 90 10
1806	Ċikkulata u preparazzjonijiet oħrajn tal-ikel li jkun fihom il-kawkaw
1901	Estratt tax-xgħir; preparazzjonijiet tal-ikel tad-dqiq, pasta, lamtu jew estratt tax-xgħir, li ma jkunx fihom trab tal-kawkaw jew li jkun fihom trab tal-kawkaw fi proporzjon skont il-piż ta' inqas minn 50 %, li ma jkunux speċifikati jew inklużi band'oħra; preparazzjonijiet tal-ikel ta' oġġetti tal-intestaturi Nri 0401 sa 0404, li ma jkunx fihom kawkaw jew li jkun fihom trab tal-kawkaw fi proporzjon skont il-piż ta' inqas minn 10 %, li ma jkunux speċifikati jew inklużi band'oħra
ex 1902	Għaġin, minbarra għaġin mimli li jaqa' fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM 1902 20 10 u 1902 20 30; kuskus, kemm jekk ippreparat u kemm jekk le
1903	Tapjoka u sostituti tagħha ppreparati mil-lamtu, f'forma ta' biċċiet, frak żgħar ibsin, perli, mgħoddija mill-passatur jew forom simili
1904	Ikel ippreparat miksub mill-infiħ jew mix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (pereżempju, korn-flejks); ċereali, ħlief qamħirrun (qamħ), f'forma ta' frak żgħar ibsin, imsajrin minn qabel jew ippreparati mod ieħor
1905	Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u oġġetti oħrajn tal-furnara, kemm jekk fihom il-kawkaw u kemm jekk le; ostji tat-tqarbin, cachets vojta ta' kwalità li huma tajbin għal użu farmaċewtiku, karti tas-siġill (sealing wafers), karti tal-ostji u prodotti simili
2001 90 30	Qamħ ħelu *(Zea mays var. saccbarata)*, ippreparat jew ippreżervat bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku
2001 90 40	Jammijiet, patata ħelwa u partijiet simili ta' pjanti tajbin għall-ikel li jkun fihom 5 % jew aktar bħala piż tal-lamtu, ippreparati jew ippreżervati bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku
2004 10 91	Patata f'forma ta' dqiq, pasta jew biċċiet, ippreparata jew ippreżervata mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, iffriżata
2004 90 10	Qamħ ħelu (*Zea mays var. saccharata*) ippreparat jew ippreżervat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, iffriżat

(1)	(2)
2005 20 10	Patata f'forma ta' dqiq, pasta jew biċċiet, ippreparata jew ippreżervata mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżata
2005 80 00	Qamħ ħelu (*Zea mays var. saccharata*), ippreparat jew ippreżervat mod ieħor milli bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżat
2008 92 45	Preparazzjoni tat-tip muesli bbażat fuq biċċiet taċ-ċereali mhux mixwijin
2008 99 85	Qamħirrun (qamħ), ħlief qamħ ħelu (*Zea mays var. saccharata*) ippreparat jew ippreżervat mod ieħor, li ma fihx spiritu miżjud jew zokkor miżjud
2008 99 91	Jammijiet, patata ħelwa u partijiet simili ta' pjanti tajbin għall-ikel, li fihom 5 % jew aktar tal-piż tal-lamtu, ippreparati jew ippreżervati mod ieħor, li ma fihomx spirtu miżjud jew zokkor miżjud
2101 10 99	Preparazzjonijiet b'bażi ta' estratti ,essenzi jew konċentrati tal-kafé, jew b'bażi ta' kafé, minbarra dawk tal-kodiċi NM 2101 10 91
2101 20 90	Estratti, essenzi u konċentrati tat-té jew maté u preparazzjonijiet b'bażi ta'dawn l-estratti, jew b'bażi ta' té jew maté, minbarra dawk tal-kodiċi NM 2101 20 10
2101 30 19	Sostituti tal-kafè nkaljati minbarra ċ-ċikwejra inkaljata
2101 30 99	Estratti, essenzi jew konċentrati tas-sostituti tal-kafè inkaljati minbarra dawk taċ-ċikwejra inkaljata
2102 10 31 2102 10 39	Ħmira tal-furnara
2105	Ġelati u silġ ieħor tajjeb għall-ikel, kemm jekk fihom il-kawkaw jew le
ex 2106	Preparazzjonijiet tal-ikel li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra, minbarra dawk li jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet tan-NM 2106 10 10 u 2106 90 91 u minbarra l-ġuleppijiet taz-zokkor imħawrin jew ikkuluriti
2202 90 91 2202 90 95 2202 90 99	Xorb mhux alkoħoliku, mhux meraq tal-frott jew tal-ħxejjex tal-Kodiċi NM 2009, li fih prodotti tal-kodiċi NM 0401 sa 0404 jew xaham miksub mill-prodotti tal-intestaturi NM Nri 0401 sa 0404
2905 43 00	Mannitol
2905 44	D-Gluċitol (sorbitol)
ex 3501	Kaseini, kaseinati u derivattivi oħra tal-kaseina
ex 3505 10	Destrini u lamti oħrajn immodifikati, minbarra l-lamti esterifikati jew eterifikati tal-kodiċi NM 3505 10 50
3505 20	Kolol ibbażati fuq lamti, jew fuq destrini jew lamti oħrajn immodifikati
3809 10	Aġenti għall-irfinar, katalisti (carriers) taż-żebgħa biex iħaffu ż-żbigħ jew l-iffissar ta' sustanzi taż-żbigħ u prodotti oħrajn u preparazzjonijiet (pereżempju, taħwir u murdenti), ta' tip użati fl-industriji tal-karta, tal-ġilda jew industriji simili, b'bażi ta' sustanzi amilaċeużi, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra
3823 60	Sorbitol ħlief dak tal-Kodiċi NM 2905 44

ANNESS 2

Lista ta' prodotti bażiċi

qamħ komuni li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1001 90 99

qamħ durum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1001 10

segala li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1002 00 00

xgħir li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1003 00 90

qamħirrun li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1005 90 00

ross bla ħliefa li jaqa' taħt il-kodiċiNM 1006 20

zokkor abjad li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701 99 10

isoglukożju li jaqa' taħt il-kodiċiNM ex 1702 40 10

għasel iswed li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1703

ħalib xkumat tat-trab (PG2) li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 0402 10 19

ħalib sħiħ tat-trab (PG3) li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0402 21 19

butir (PG6) li jaqa' taħt il-kodiċi NM ex 0405 00

ANNESS 3

(għal kull 100 kg ta' oġġetti)

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Qamħ komuni	Qamħ durum	Segala	Xgħir	Qamħirrum	Ross	Zokkor abjad	Għasel iswed	Ħalib xkumat tat-trab, (PG 2)	Ħalib xkumat shiħ (PG 3)	Butir (PG6)
		kg	kg	kg	kg	kg	kg	kg	kg	kg	kg	kg
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
0403	Xorrox tal-butir, baqta u krema, jogurt, kefir u ħalib ieħor iffermentati jew aċidifikati u krema, sew jekk konċentrati jew fihom zokkor miżjud jew materjal ieħor ta' ħlewwa jew imħawrin jew miżjudin bil-frott, ġewż jew kawkaw:											
0403 10	– Jogurt:											
	– – imħawwar jew bil-frott miżjud jew bil-kawkaw:											
	– – – Fi trab, granijiet jew forom solidi oħrajn, b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib bil-piż:											
51	– – – – Ta'mhux aktar minn 1,5 %									100		
53	– – – – Aktar minn 1.5 % iżda mhux aktar minn 27 %										100	
59	– – – – Ta'aktar minn 27 %									42		68
	– – – Oħrajn, b'kontenut tax-xaħam tal-ħalib bil-piż:											
91	– – – – Ta' mhux aktar minn 3 %									12,5		2
93	– – – – Ta' aktar minn 3 % iżda mhux aktar minn 6 %									12,5		5
99	– – – – Ta' aktar minn 6 %									12,5		10
0403 90	– Oħrajn:											
	– – Imħawrin jew bil-frott miżjud jew bil-kawkaw:											

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
	– – – – Fi trab, granijiet jew forom solidi oħrajn, b'kontenut tax-xaħam tal-ħalib, bil-piż:											
71	– – – – Ta' mhux aktar minn 1.5 %									100		
73	– – – – Ta' aktar minn 1.5 % iżda mhux aktar minn 27 %										100	
79	– – – – Ta' aktar minn 27 %									42		68
	– – Oħrajn, b'kontenut tax-xaħam tal-ħalib bil-piż:											
91	– – – Ta' mhux aktar minn 3 %									12,5		2
93	– – – Ta' aktar minn 3 % iżda mhux aktar minn 6 %									12,5		5
99	– – – Ta' aktar minn 6 %									12,5		10
0710	Ħxejjex (mhux imsajra jew imsajra bil-fwar jew mgħollija fl-ilma), iffriżati:											
0710 40	– Qamħ ħelu					100 ([a])						
0711	Ħxejjex ippreservati provviżorjament (pereżempju, bil-gass tas-diossidu tal-kubrit, fl-ilma mielaħ, fl-ilma tal-kubrit, jew f'taħlitiet oħrajn li jippreservaw), iżda mhux xieraq għall-konsum immedjat f'dak l-istat:											
0711 90	– Ħxejjex oħrajn; taħlitiet ta' ħxejjex:											
30	– – Qamħ ħelu					100 ([a])						
1517	Marġerina; taħlitiet jew preparazzjonijiet oħrajn ta' xaħmijiet tal-annimali jew tal-ħaxix, jew ta' żjut jew biċċiet mit-taħlitiet ta' xaħmijiet jew żjut differenti ta' dan il-Kapitolu, minbarra xaħmijiet jew żjut li jistgħu jittieklu jew il-biċċiet tagħhom tal-intestatura Nru 1516:											
1517 10	– Marġerina, minbarra l-marġerina likwida:											

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
10	– – Li jkun fiha aktar minn 10 % iżda mhux aktar minn 15 % tal-piż xaħmijiet tal-ħalib											15
1517 90	– Oħrajn:											
10	– – Li jkun fihom aktar minn 10 % iżda mhux aktar minn 15 % tal-piż xaħamijiet tal-ħalib											15
1702 50	Fruttożju kimikament pur							([b])				
1704	Ħlewwiet taz-zokkor (inkluża ċ-ċikkulata bajda), mingħajr kawkaw:											
1704 10	– Chewing gum, kemm jekk miksi biz-zokkor kif ukoll jekk le:											
	– – Li jkollu inqas minn 60 % tal-piż sukrożju (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrożju):											
11	– – – Gum fi strippi					30		58				
19	– – – Oħrajn					30		58				
	– – Li jkollhom 60 % jew aktar tal-piż sukrożju (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrożju):											
91	– – – Gum fi strippi					16		70				
99	– – – Oħrajn					16		70				
1704 90	– Oħrajn:											
30	– – Ċikkulata bajda							45			20	
1704 90 31								70				
1704 90 71								47				
1704 90 72								47				
1704 90 73	Lokum					17		85				

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
1704 90 73							10	85				5
1704 90 81								97				
	– Oħrajn:											
51 sa 99		Ara l-Anness 4										
1806	Ċikkulata u preparazzjonijiet oħrajn tal-ikel li jkun fihom il-kawkaw:											
1806 10	– Trab tal-kawkaw, li jkun fih zokkor miżjud jew sustanza oħra li ta' ħlewwa:											
10	– – Mingħajr sukrożju jew b'anqas minn 65 % bħala piż ta' sukrożju (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrożju) u/jew isoglukożju espress bħala sukrożju							60 ([c])				
30	– – Li jkun fihom 65 % jew aktar iżda inqas minn 80 % tal-piż sukrożju (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrożju) jew isoglukożju espress bħala sukrożju							75				
90	– – Li jkun fihom 80 % jew aktar tal-piż sukrożju (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrożju) jew isoglukożju espress bħala sukrożju							100				
1806 20	– Preparazzjonijiet oħra fi blokok jew biċċiet rettangolari li jiżnu aktar minn 2 kg jew f'forma likwida, pejst, trab, granulat jew xi forma oħra fil-kwantità f'kontenituri jew ippakkjati għall-konsum, b'kontenut ta' aktar minn 2 kg:	Ara l-Anness 4										
	– – Oħrajn, fi blokok, biċċiet rettangolari jew biċċiet:											
1806 31	– – – Mimlijin	Ara l-Anness 4										
ex 1806 31								44		10		

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
1806 32	– – – Mhux mimlijin:											
10	– – – – Miżjudin biċ-ċereali, frott jew ġewż	Ara l-Anness 4										
ex 1806 32 10							10	45				
90	– – – Oħrajn:											
	– – – – Li jkun fihom 3 % jew aktar iżda inqas minn 6 % tal-piż xaħmijiet tal-ħalib Oħrajn							50			20	
	– – – – Oħrajn	Ara l-Anness 4										
1806 90	– Oħrajn											
1806 90 40								50		11		
11 sa 90		Ara l-Anness 4										
1901	Estratt tax-xgħir; preparazzjonijiet tal-ikel tad-dqiq, pasta, lamtu jew estratt tax-xgħir, li ma jkunx fihom trab tal-kawkaw jew li jkun fihom trab tal-kawkaw, fi proporzjon skont il-piż ta' inqas minn 50 %, li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; preparazzjonijiet tal-ikel ta' oġġetti tal-intestaturi Nri 0401 sa 0404, li ma jkunx fihom trab tal-kawkaw jew li jkun fihom trab tal-kawkaw fi proporzjon skont il-piż ta' inqas minn 10 % li ma jkunux speċifikati jew inklużi band'oħra:											
1901 10	– Preparazzjonijiet għall-użu mit-trabi, offruti għall-bejgħ bl-imnut	Ara l-Anness 4										
1901 20	– Taħlitiet u għaġina għall-preparazzjoni tal-prodotti tal-furnara tal-intestatura Nru 1905											
1901 90	– Oħrajn:											
	– – Estratt tax-xgħir:											
11	– – – Li jkun fih kontenut ta' estratt niexef ta' 90 % jew aktar tal-piż				195							
19	– – – Oħrajn				159							

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
90	-- Oħrajn	Ara l-Anness 4										
1902	Għaġin, kemm jekk imsajjar u kemm jekk le jew mimli (bil-laħam jew xi sustanzi oħra) jew ippreparat mod ieħor, bħal spagetti, imqarrun, talja-telli, lażanja, injokki, ravjul, kannel-loni; kuskus kemm jekk ippreparat u kemm jekk le:											
	- Għaġin mhux imsajjar, mhux mimli jew imħejji mod ieħor:											
1902 11	-- Li jkun fih il-bajd		167									
1902 19	-- Oħrajn:											
	--- qamħ durum, pasta, li ma jkunx fihom mhux aktar minn 3 % ta' ċereali oħra bħala piż		167									
	--- oħrajn	67	100									
1902 20	- Għaġin mimli, imsajjar jew mhux imsajjar jew ippreparat b'xi mod ieħor:											
	-- Oħrajn:											
91	--- Imsajjar		41									
99	--- Oħrajn		116									
1902 30	- Għaġin ieħor:											
10	-- Imnixxef		167									
90	-- Oħrajn		66									
1902 40	- Kuskus:											
10	-- Mhux ippreparat		167									
90	-- Oħrajn		66									
1903	Tapjoka u sostituti għaliha ppreparati mil-lamtu, fil-forma ta' trofof, biċċiet żgħar iebsa, perli u bċejjeċ li donnhom ħarġu minn passatur (sif-tings) jew forom simili					161						
1904	Ikel ippreparat miksub bl-infiħ jew ix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (pereżempju, kornflejks);ċere-ali, ħlief qamħirrum (qamħ), fil-forma ta' biċċiet żgħar iebsa, imsajra minn qabel, jew ippreparati b'mod ieħor:											

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
1904 10	– Ikel ippreparat miksub bl-infiħ jew bix-xiwi taċ-ċereali jew prodotti taċ-ċereali:											
10	– – Miksuba mill-qamħirrun					213						
30	– – Miksuba mir-ross						174					
90	– – Oħrajn		53		53	53	53					
1904 90	– Oħrajn:											
10	– – Ross						174					
90	– – Oħrajn		174									
1905	Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u oġġetti oħrajn tal-furnara, fihom il-kawkaw jew le; ostji tat-tqarbin, cachets vojta ta' kwalità li huma tajbin għal użu farmaċewtiku, karti tas-siġill (sealing wafers), karta tar-ross u prodotti simili:											
1905 10	– Ħobż iqarmeċ (crispbread)			140								
1905 20	– Kejk tal-ġinger (gingerbread) u prodotti simili:											
10	– – Li jkun fihom inqas minn 30 % tal-piż sukrożju (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrożju)	44		40				25				
30	– – Li jkun fihom 30 % tal-piż sukrożju jew aktar iżda inqas minn 50 % (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrożju)	33		30				45				
90	– – Li jkun fihom 50% tal-piż sukrożju (inkluż zokkor invertit espress bħala sukrożju)	22		20				65				
1905 30 11 sa 99	– Gallettini ħelwin: waffles u wejfers	Ara l-Anness 4										
1905 40	– Biskuttelli, ħobż mixwi u prodotti mixwija simili	Ara l-Anness 4										
1905 90	– Oħrajn:											

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
10	-- Matzos	168										
20	-- Ostji tat-tqarbin, reċipjenti żgħar tat-tip adegwati għall-użu farmaċewtiku, karti tas-siġill (sealing wafers), karti tal-ostji u prodotti simili					644						
30 sa 90	-- Oħrajn	Ara l-Anness 4										
2001	Ħxejjex, frott, ġewż, u partijiet oħrajn tal-pjanti li jistgħu jittieklu, ippreparati jew ippreservati bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku:											
2001 90	- Oħrajn:											
30	-- Qamħ ħelu (*Zea mays var. saccharata*)					100 (a)						
40	-- Jammijiet, patata ħelwa u partijiet simili li jittieklu tal-pjanti li jkun fihom 5 % jew aktar tal-piż lamtu					40 (a)						
2004	Ħxejjex oħrajn ippreparati jew ippreservati b'mod għajr bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku; iffriżat:											
2004 10	- Patata											
91	-- Fl-għamla ta' dqiq, pasta jew biċċiet	Ara l-Anness 4										
2004 90	- Ħxejjex oħrajn u taħlitiet ta' ħxejjex:											
10	-- Qamħ ħelu (*Zea mays var. saccharata)*					100 (a)						
2005	Ħxejjex oħrajn ippreparati jew ippreservati b'mod ieħor għajr bil-ħall jew bl-aċidu aċetiku, mhux iffriżat:											
2005 20	- Patata											
10	-- Fl-għamla ta' dqiq, pasta jew biċċiet	Ara l-Anness 4										
2005 80	-- Qamħ ħelu (*Zea mays var. saccharata)*					100 (a)						

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
2008	Frott, ġewż u partijiet oħrajn tal-pjanti li jistgħu jittieklu, ippreparati jew ippreservati b'mod ieħor, kemm jekk fihom zokkor miżjud jew sustanza oħra li tagħti l-ħlewwa jew alkoħol, u kemm jekk le, mhux speċifikati jew inklużi band'oħra:											
2008 92 45	– Preparazzjonijiet tat-tip muesli b'bażi ta' frak taċ-ċereali mhux mixwijin	Ara l-Anness 4										
2008 99	– Oħrajn											
85	– – Qamħirrun (qamħ) minbarra qamħ ħelu *(Zea mays var. saccharata)*					100 ([a])						
91	– – Jammijiet, patata ħelwa u partijiet simili li jittieklu tal-pjanti li jkun fihom 5 % jew aktar, tal-piż lamtu					40 ([a])						
2101	Estratti, essenzi u konċentrati ta' kafé, te jew maté u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn il-prodotti jew b'bażi ta' kafè, te jew maté; ċikwejra inkaljata u sostituti oħra mixwija tal-kafè u estratti, essenzi u konċentrati tagħhom:											
2101 10	– Estratti, essenzi u konċentrati tal-kafè, u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi jew konċentrati jew b'bażi ta' kafé :											
	– – Estratti, essenzi jew konċentrati:											
	– – Preparazzjonijiet:											
99	– – – Oħrajn	Ara l-Anness 4										
2101 20	Estratti, essenzi u konċentrati tat-te jew maté, u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi jew konċentrati, jew bil-bażi tat-te jew maté											
90	– – Oħrajn	Ara l-Anness 4										
2101 30	– Ċikwejra mixwija u sostituti oħrajn tal-kafè, u estratti, essenzi u konċentrati tagħhom:											
	– – Ċikwejra mixwija u sostituti oħra mixwija tal-kafè:											

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
19	– – – Oħrajn				137							
	– – Estratti, essenzi u konċentrati tat-te jew maté, u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi jew konċentrati, jew bil-bażi tat-te jew maté											
99	– – – Oħrajn				245							
2102	Ħmira (attiva jew mhux attiva); mikro-organiżmi oħra b'ċellula waħda, mejtin (iżda li ma jinkludux vaċċini tal-intestatura Nru 3002); trabijiet tal-ħami ppreparati:											
2102 10	– Ħmira attiva:											
	– – Ħmira tal-furnara:											
31	– – – Imnixxfa								425			
39	– – – Oħrajn								125			
2105 00	Ġelat u silġ ieħor li jista' jittiekel, kemm jekk fih il-kawkaw u kemm jekk le:											
10	– Li ma jkunx fihom xaħam tal-ħalib jew li jkun fihom anqas minn 3 %, bħala piż, ta' tali xaħmijiet							25		10		
	– Li jkun fihom, bħala piż ta' xaħam tal-ħalib:											
91	– – 3 % jew aktar iżda inqas minn 7 %							20			23	
99	– – 7 % jew iktar							20			35	
2106	Preparazzjonijiet tal-ikel li mhumiex speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor											
2106 10	– Konċentrati tal-proteini u sustanzi strutturati tal-proteini:											
90	– – Oħrajn	Ara l-Anness 4										
2106 90	– Oħrajn											
10	– – Fondues tal-ġobon										60	
99	– – Oħrajn	Ara l-Anness 4										
2202	Ilmijiet, inklużi ilmijiet minerali u ilmijiet effervexxenti, li jkun fihom iz-zokkor miżjud jew sustanza oħra li tagħti l-ħlewwa jew b'togħma miżjuda, u xorb ieħor mhux alkoħoliku, li ma jinkludix meraq tal-frott jew tal-ħaxix tal-intestatura Nru 2009:											

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
2202 90	– Oħrajn:											
	– – Oħrajn, li jkun fihom bħala piż ta’ xaħam miksuba mill-prodotti tal-intestatura Nri 0401 sa 0404:											
91	– – – Inqas minn 0,2%							10		8		
95	– – – 0,2 % jew aktar iżda inqas minn 2 %							10			6	
99	– – – 2 % jew aktar							10			13	
	II. ALKOĦOLS U D-DERIVATI ALOĠENATI, SULFONATI, NITRATI JEW NITROSATI TAGĦHOM											
2905	Alkoħols aċikliċi u d-derivati aloġenati, sulfonati, nitrati jew nitrosati tagħhom:											
	– Alkoħols polidriċi oħrajn											
2905 43	– – Mannitol							300				
2905 44	– – D-Gluċitol (sorbitol):											
	– – – F’soluzzjoni tal-ilma											
11	– – – – Li jkun fihom 2 % jewinqas-bħala il-piż ta’ mannitol, ikkalkolat fuq il-kontenut ta’ D-gluċitol					172						
19	– – – – Oħrajn							90				
	– – – Oħrajn:											
91	– – – – Li fihom 2 % jew inqas bħala piż ta’ mannitol, ikkalkolat fuq il-kontenut ta’ D-Gluċitol					245						
99	– – – – Oħrajn							128				
3505	Destrini u lamti oħra mmodifikati (pereżempju, lamti preġelatinizzati jew esterifikati): kolla bbażata fuq il-lamtu, jew fuq id-destrini jew lamtu ieħor modifikat:											
3505 10	– Destrini u lamti oħrajn modifikati:											

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
10	-- Destrini:					189						
	-- Lamti oħrajn modifikati:											
90	--- Oħrajn					189						
3505 20	- Kolol:											
10	-- Li fihom anqas minn 25 % tal-piż lamti jew destrini jew lamti oħra modifikati					48						
30	-- Li fihom 25 % lamti jew aktar iżda anqas minn 55 % tal-piż lamti jew destrini jew lamti oħra					95						
50	-- Li fihom 55 % jew aktar imma anqas minn 80 % tal-piż lamti jew destrini jew lamti oħra modifikati					151						
90	-- Li fihom 80 % jew aktar tal-piż lamti jew destrini jew lamti oħra modifikati					189						
3809	Aġenti għall-irfinar, katalisti (carriers) biex iħaffu ż-żbigħ jew l-iffissar ta' sustanzi taż-żbigħ u prodotti oħrajn u preparazzjonijiet (pereżempju, taħwir u murdenti), tat- tip użati fl-industriji tat-tessuti, tal-karta, tal-ġilda jew industriji simili, li ma jkunux speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor:											
3809 10	- B'bażi ta' sustanzi amilaċewżi:											
10	-- Li fihom anqas minn 55 % ta' sustanzi bħal dawn, bħala piż					95						
30	-- Li fihom 55 % jew aktar minn dawn is-sustanzi bħala piż, iżda anqas minn 70 %					132						
50	-- li fihom minn 70 % jew aktar minn dawn is-sustanzi bħala piż, iżda anqas minn 83 %					161						

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)	(7)	(8)	(9)	(10)	(11)	(12)	(13)
90	-- Li fihom 83 % jew aktar minn sustanzi bħal dawn, bħala piż					189						
3824	Oġġetti li jgħaqqdu, ippreparati għal forom jew ċentri tal-funderija; prodotti u preparazzjonijiet kimiċi tal-industriji kimiċi jew industriji li għandhom x'jaqsmu magħhom (inklużi dawk li jikkonsistu f'taħlitiet ta' prodotti naturali), mhux speċifikati jew inklużi f'post ieħor: prodotti residwali tal-industriji kimiċi jew li għandhom x'jaqsmu magħhom, mhux speċifikati jew inklużi f'post ieħor:											
3824 60	- Sorbitol ħlief dak tas-subintestatura 2905 44:											
	-- F'soluzzjoni tal-ilma:											
11	--- Li fihom 2 % jew inqas bħala piż ta' mannitol, ikkalkolat abbażi tal-kontenut ta' D-gluċitol					172						
19	--- Oħrajn							90				
	-- Oħrajn:											
91	--- Li fihom 2 % jew inqas bħala piż ta' mannitol, ikkalkolat abbażi tal-kontenut ta' D-gluċitol					245						
99	--- Oħrajn							128				

([a]) Għal kull 100 kilogramma ta' patata ħelwa mingħajr ilma eċċ. jew qamħirrun.
([b]) Ara l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1294/94.
([c]) Il-komponent agrikolu ma jkunx dovut fuq l-importazzjoni ta' prodotti li ma jkunx fihom jew li jkun fihom inqas minn 5 % tal-piż sukrożju (inkluż zokkor invertit ikkalkolat bħala sukrożju) u/jew ta' isoglukożju, ikkalkolat bħala sukrożju.

ANNESS 4

Kontenut tax-xaham tal-ħalib	Kontenut tal-proteina tal-ħalib	Lamtu/glukożju (% skont il-piż) (*)																		
		≥0<5					≥ 5 < 25					≥ 25 < 50				≥ 50< 75			≥ 75	
		Sukrożju/zokkor invertit/iżoglukożju (% skont il-piż) (**)																		
(piż %) (***)		≥ 0 <5	≥5 < 30	≥ 30 <50	≥ 50 < 70	≥ 70	≥0 <5	≥ 5 < 30	≥ 30 <50	≥ 50 < 70	≥ 70	≥0 < 5	≥ 5 < 30	≥ 30 <50	≥ 50	≥0 <5	≥5 < 30	≥ 30	≥0 < 5	≥5
≥ 0 < 1,5	≥ 0 < 2.5	0,00	8,80	16,51	23,84	34,11	2,28	11,08	18,78	26,12	36,39	4,86	13,67	21,37	28,71	7,66	16,46	24,17	10,45	19,26
	≥ 2.5 < 6	19,73	28,53	36,23	43,57	53,84	22,00	30,81	38,51	45,85	56,12	24,59	33,39	41,10	48,43	27,39	36,19	43,89	30,18	38,98
	≥ 6 < 18	59,18	67,98	75,68	83,02	93,29	61,46	70,26	77,96	85,30	95,57	64,04	72,85	80,55	87,88	66,84	75,64	83,34	69,63	78,43
	≥ 18 < 30	105,68	114,48	122,18	129,52	139,79	107,95	116,76	124,46	131,79	142,06	110,54	119,34	127,05	134,38	113,33	122,14	129,84	116,13	124,93
	≥ 30 < 60	205,71	214,52	222,22	229,56	293,83	207,99	216,79	224,50	231,83	xxx	210,58	219,38	227,08	xxx	213,37	222,18	xxx	xxx	xxx
	≥ 60	293,07	301,88	309,58	xxx	xxx	295,35	304,15	311,86	xxx	xxx	297,94	306,74	xxx	xxx	xxx	xxx	xxx	xxx	xxx
≥ 1,5 < 3	≥ 0 < 2.5	5,17	13,97	21,67	29,01	39,28	7,44	16,25	23,95	31,28	41,55	10,03	18,83	26,54	33,87	12,82	21,63	29,33	15,62	24,42
	≥ 2.5 < 6	24,89	33,69	41,40	48,73	59,00	27,17	35,97	43,67	51,01	61,28	29,76	38,56	46,26	53,60	32,55	41,35	49,06	35,34	44,15
	≥ 6 < 18	64,34	73,15	80,85	88,19	98,46	66,62	75,42	83,13	90,46	100,73	69,21	78,01	85,71	93,05	72,00	80,81	88,51	74,80	83,60
	≥ 18 < 30	110,84	119,64	127,35	134,68	144,95	113,12	121,92	129,62	136,96	147,23	115,70	124,51	132,21	139,55	118,50	127,30	135,01	121,29	130,10
	≥ 30 < 60	210,88	219,68	227,39	234,72	244,99	213,16	221,96	229,66	237,00	xxx	215,74	224,55	232,25	Xxx	218,54	227,34	xxx	xxx	xxx
	≥ 60	298,24	307,04	314,74	xxx	xxx	300,51	309,32	317,02	xxx	xxx	303,10	311,90	xxx	xxx	xxx	xxx	xxx	xxx	xxx
≥ 3 < 6	≥ 0 < 2.5	10,33	19,13	26,84	34,17	44,44	12,61	21,41	29,11	36,45	46,72	15,19	24,00	31,70	39,04	17,99	26,79	34,50	20,78	29,59
	≥ 2.5 < 12	45,37	54,17	61,88	69,21	79,48	47,65	56,45	64,15	71,49	81,76	50,23	59,04	66,74	74,08	53,03	61,83	69,54	55,82	64,63
	≥ 12	110,37	119,17	126,88	134,21	144,48	112,65	121,45	129,15	136,49	146,76	115,23	124,04	131,74	139,08	118,03	126,83	xxx	120,82	xxx
≥ 6 < 9	≥ 0 < 4	17,22	26,02	33,72	41,06	51,33	19,49	28,30	36,00	43,34	53,61	22,08	30,88	38,59	45,92	24,88	33,68	41,38	27,67	36,47
	≥ 4 < 15	59,63	68,43	76,14	83,47	93,74	61,91	70,71	78,41	85,75	96,02	64,49	73,30	81,00	88,34	67,29	76,09	83,79	70,08	78,89
	≥ 15	117,26	126,06	133,76	141,10	151,37	119,53	128,34	136,04	143,38	153,65	122,12	130,92	138,63	145,96	124,92	133,72	xxx	127,71	xxx

Kontenut tax-xaħam tal-ħalib	Kontenut tal-proteina tal-ħalib	Lamtu/glukożju (% skont il-piż) (*)																		
		≥0<5					≥ 5 < 25					≥ 25 < 50				≥ 50< 75			≥ 75	
		Sukrożju/zokkor invertit/iżoglukożju (% skont il-piż) (**)																		
(piż %) (***)		≥ 0 <5	≥5 < 30	≥ 30 <50	≥ 50 < 70	≥ 70	≥0 <5	≥ 5 < 30	≥ 30 <50	≥ 50 < 70	≥ 70	≥0 < 5	≥ 5 < 30	≥ 30 <50	≥ 50	≥0 <5	≥5 < 30	≥ 30	≥0 < 5	≥5
≥ 9 < 12	≥ 0 < 6	24,10	32,91	40,61	47,95	58,22	26,38	35,18	42,89	50,22	60,49	28,97	37,77	45,47	52,81	31,76	40,57	48,27	34,56	43,36
	≥ 6 < 18	73,87	82,68	90,38	97,72	107,99	76,15	84,95	92,66	99,99	110,26	78,74	87,54	95,24	102,58	81,53	90,34	98,04	84,33	93,13
	≥ 18	122,73	131,54	139,24	146,58	156,85	125,01	133,81	141,52	148,85	xxx	127,60	136,40	144,10	xxx	130,39	139,20	xxx	xxx	xxx
≥ 12 < 18	≥ 0 < 6	34,43	43,24	50,94	58,28	68,55	36,71	45,51	53,22	60,55	70,82	39,30	48,10	55,80	63,14	42,09	50,90	58,60	44,89	53,69
	≥ 6 < 18	83,14	91,94	99,64	106,98	117,25	85,41	94,22	101,92	109,26	119,53	88,00	96,80	104,51	111,84	90,80	99,60	107,30	93,59	102,39
	≥ 18	126,02	134,82	142,53	149,86	160,13	128,30	137,10	144,80	152,14	xxx	130,88	139,69	147,39	xxx	133,68	142,48	xxx	xxx	xxx
≥ 18 < 26	≥ 0 < 6	49,93	58,73	66,44	73,77	84,04	52,21	61,01	68,71	76,05	86,32	54,79	63,60	71,30	78,64	57,59	66,39	74,09	60,38	69,19
	≥ 6	120,38	129,18	136,89	144,22	154,49	122,66	131,46	139,16	146,50	156,77	125,24	134,05	141,75	149,09	128,04	136,84	xxx	130,83	xxx
≥ 26 < 40	≥ 0 < 6	77,48	86,28	93,98	101,32	111,59	79,75	88,56	96,26	103,60	xxx	82,34	91,14	98,85	xxx	85,14	93,94	xxx	xxx	xxx
	≥ 6	131,02	139,82	147,52	154,86	xxx	133,30	142,10	149,80	157,14	xxx	135,88	144,69	152,39	xxx	138,68	147,48	xxx	xxx	xxx
≥≥ 40 < 55		108,47	117,27	124,97	132,31	XXX	110,174	119,55	127,25	134,59	XXX	113,33	122,13	129,84	XXX	116,13	124,93	XXX	XXX	XXX
≥ 55 < 70		139,46	148,26	155,96	XXX	XXX	141,73	150,54	158,24	XXX	XXX	144,32	153,13	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX
≥ 70 < 85		170,45	179,25	186,95	XXX	XXX	172,73	181,53	XXX	XXX	XXX	175,31	184,12	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX
≥ 85		201,44	210,24	XXX	XXX	XXX	203,72	212,52	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX	XXX

(*) Lamtu/glukożju
Il-kontenut tal-oġġetti (kif ippreżentati) fil-lamtu, il-prodotti ta' degradazzjoni tiegħu, jiġifieri l-polimeri kollha tal-glukożju, u l-glukożju, determinati bħala glukożju u espressi bħala lamtu (fuq bażi ta' materja niexfa, 100% purità, fattur għall-konverżjoni mill-glukożju għal-lamtu: 0.9).
Madankollu, meta taħlita ta' glukożju u fruttożju tiġi ddikjarata (fi kwalunkwe forma) u/jew tinstab li tkun preżenti fl-oġġetti, l-ammont ta' glukożju li għandu jiġi inkluż fil-kalkolu ta' hawn fuq huwa dak li jaqbeż il-kontenut tal-fruttożju tal-oġġetti.

(**) Sukrożju/zokkor invertit/iżoglukożju
Il-kontenut tal-oġġetti (kif ippreżentati), fis-sukrożju, flimkien mas-sukrożju li jirriżulta mill-espressjoni bħala sukrożju ta' kwalunkwe taħlita ta' glukożju (is-somma aritmetika tal-ammonti ta' dawn iż-żewġ tipi ta' zokkor immultiplikata b' 0.95) li fil-forma dikjarata (fi kwalunkwe forma) u/jew ikunu preżenti fl-oġġetti.

(***) Proteini tal-ħalib
Kaseini u/jew kaseinati li jiffurmaw parti mill-oġġetti m'għandhomx jitqiesu bħala proteini tal-ħalib jekk il-merkanzija ma jkollha l-ebda kostitwent ieħor ta' oriġini lattiku. Ix-xaħam tal-ħalib li jinsab fl-oġġetti f'inqas minn 1%, u l-lattożju f'inqas minn 1 %, bħala piż, ma jitqisux bħala kostitwenti oħrajn ta' oriġini lattika. Meta l-formalitajiet doganali jitlestew, il-persuna kkonċernata trid tinkludi fid-dikjarazzjoni adatta: 'l-uniku ingredjent tal-ħalib: kaseina/kaseinat', jekk dan ikun il-każ.

ANNESS 5

Ammonti bażiċi tal-prodotti agrikoli bażiċi (ECU/100 kg) applikabbli fl-1996 mit-Turkija għall-importazzjonijiet li joriġinaw minn pajjiżi terzi barra mill-KE

Prodotti bażiċi

qamħ komuni	7,44
qamħ durum	6,39
segala	2,33
xgħir	2,95
qamħirrun	2,91
zokkor abjad	36,68
trab tal-ħalib xkumat	140,90
trab tal-ħalib sħiħ	142,31
għasel iswed	15,14
butir	172,17
ross	25,41
isoglukożju	23,51

ANNESS 6

TABELLA 1

Il-lista tal-oġġetti li għalihom se jinkiseb il-komponent agrikolu fil-mira fl-1 ta' Jannar 1999

Kodiċi NM	Kodiċi HS	1 ta' Jannar 1996	1 ta' Jannar 1997	1 ta' Jannar 1998	1 ta' Jannar 1999
		Komp. agri.	Komp. agri.	Komp. agri.	Komp. agri.
		ECU/100 kg	ECU/100 kg	ECU/100 kg	ECU/100 kg
1704 10 11	1704 10 11	72,74	52,50	37,32	22,14
1704 10 19	1704 10 19	94,30	65,44	43,79	22,14
1704 10 91	1704 10 21	79,81	58,34	42,23	26,13
1704 10 99	1704 10 29	72,99	54,25	40,19	26,13
1704 10 99	1704 90 71	65,51	46,20	31,71	17,23
	1704 90 72	65,51	46,20	31,71	17,23
	1704 90 73 (**)	79,94	60,63	46,14	31,66
	1704 90 73 (***)	88,35	69,04	54,55	40,07
1902 20 91	1902 20 31	50,89	31,58	17,09	2,61
1902 20 99	1902 20 39	48,89	32,30	19,85	7,41
1902 30 10	1902 30 10	40,27	28,43	19,55	10,67
1902 30 90	1902 30 90	39,01	25,09	14,65	4,21
1902 40 90	1902 40 90	30,21	19,81	12,01	4,21
1903 00 00	1903 00 00	18,88	13,20	8,94	4,68
1904 10 10	1904 10 11	55,63	35,85	21,02	6,19
	1904 10 19	55,63	35,85	21,02	6,19
1904 10 90	1904 10 31	62,62	45,55	32,74	19,94
	1904 10 39	62,62	45,55	32,74	19,94
1904 90 10	1904 90 11	59,00	53,08	48,65	44,21
	1904 90 19	53,90	50,02	47,12	44,21
1904 90 90	1904 90 21	22,33	17,84	14,48	11,11
	1904 90 29	22,33	17,84	14,48	11,11

Kodiċi NM	Kodiċi HS	1 ta' Jannar 1996	1 ta' Jannar 1997	1 ta' Jannar 1998	1 ta' Jannar 1999
		Komp. agri.	Komp. agri.	Komp. agri.	Komp. agri.
		ECU/100 kg	ECU/100 kg	ECU/100 kg	ECU/100 kg
1905 10 00	1905 10 00	37,91	24,05	13,66	3,26
1905 20 10	1905 20 10	85,45	56,62	34,99	13,37
1905 20 30	1905 20 20	79,82	55,75	37,69	19,64
1905 20 90	1905 20 30	93,89	66,69	46,29	25,89
1905 30 11	1905 30 11 (*)	61,51 (*)	46,28 (*)	34,85 (*)	23,43 (*)
1905 30 19	1905 30 19 (*)	61,51 (*)	46,28 (*)	34,85 (*)	23,43 (*)
1905 30 30	1905 30 21 (*)	61,51 (*)	46,28 (*)	34,85 (*)	23,43 (*)
1905 30 51	1905 30 31 (*)	61,51 (*)	46,28 (*)	34,85 (*)	23,43 (*)
1905 30 59	1905 30 39 (*)	61,51 (*)	46,28 (*)	34,85 (*)	23,43 (*)
1905 30 91	1905 30 41 (*)	61,51 (*)	46,28 (*)	34,85 (*)	23,43 (*)
1905 30 99	1905 30 49 (*)	61,51 (*)	46,28 (*)	34,85 (*)	23,43 (*)
1905 40 10	1905 40 10 (*)	48,34 (*)	32,28 (*)	20,23 (*)	8,18 (*)
1905 40 90	1905 40 90 (*)	48,34 (*)	32,28 (*)	20,23 (*)	8,18 (*)
1905 90 10	1905 90 10	62,17	42,30	27,39	12,49
1905 90 20	1905 90 21	49,10	36,96	27,85	18,74
	1905 90 22	49,10	36,96	27,85	18,74
	1905 90 23	49,10	36,96	27,85	18,74
	1905 90 24	49,10	36,96	27,85	18,74
	1905 90 29	49,10	36,96	27,85	18,74
1905 90 30	1905 90 31 (*)	26,54 (*)	19,37 (*)	14,00 (*)	8,62 (*)
1905 90 40	1905 90 32 (*)	63,87 (*)	41,77 (*)	25,20 (*)	8,62 (*)
1905 90 45	1905 90 33 (*)	63,87 (*)	41,77 (*)	25,20 (*)	8,62 (*)
1905 90 55	1905 90 34 (*)	55,54 (*)	36,77 (*)	22,70 (*)	8,62 (*)
1905 90 60	1905 90 41 (*)	44,15 (*)	29,94 (*)	19,28 (*)	8,62 (*)
	1905 90 42 (*)	44,15 (*)	29,94 (*)	19,28 (*)	8,62 (*)
	1905 90 43 (*)	44,15 (*)	29,94 (*)	19,28 (*)	8,62 (*)
1905 90 90	1905 90 44 (*)	44,15 (*)	29,94 (*)	19,28 (*)	8,62 (*)
	1905 90 49 (*)	44,15 (*)	29,94 (*)	19,28 (*)	8,62 (*)
	1905 90 51 (*)	41,26 (*)	28,20 (*)	18,41 (*)	8,62 (*)
	1905 90 59 (*)	41,26 (*)	28,20 (*)	18,41 (*)	8,62 (*)

Kodiċi NM	Kodiċi HS	1 ta' Jannar 1996	1 ta' Jannar 1997	1 ta' Jannar 1998	1 ta' Jannar 1999
		Komp. agri.	Komp. agri.	Komp. agri.	Komp. agri.
		ECU/100 kg	ECU/100 kg	ECU/100 kg	ECU/100 kg
2001 90 30	2001 90 30	28,43	18,22	10,57	2,91
2001 90 40	2001 90 40	16,46	10,34	5,75	1,16
2004 10 91	2004 10 21 (*)	25,71 (*)	18,64 (*)	13,34 (*)	8,04 (*)
	2004 10 29 (*)	25,71 (*)	18,64 (*)	13,34 (*)	8,04 (*)
2004 90 10	2004 90 10	24,69	15,98	9,44	2,91
2005 20 10	2005 20 11 (*)	30,65 (*)	21,61 (*)	14,82 (*)	8,04 (*)
	2005 20 21 (*)	30,65 (*)	21,61 (*)	14,82 (*)	8,04 (*)
	2005 20 29 (*)	30,65 (*)	21,61 (*)	14,82 (*)	8,04 (*)
2005 80 00	2005 80 00	22,90	14,90	8,91	2,91
2008 92 45	2008 92 31 (*)	48,86 (*)	33,51 (*)	21,99 (*)	10,48 (*)
2008 99 85	2008 99 81	49,77	30,03	16,97	2,91
2008 99 91	2008 99 82	37,37	22,89	12,02	1,16
2101 30 19	2101 30 19	108,32	66,61	35,32	4,04
2101 30 99	2101 30 29	92,50	58,39	32,80	7,22
2105 00 10	2105 00 11	64,30	47,88	35,57	23,26
	2105 00 19	64,30	47,88	35,57	23,26
2105 00 91	2105 00 21	90,46	70,30	55,18	40,06
	2105 00 29	90,46	70,30	55,18	40,06
2202 90 91	2202 90 21	51,23	36,49	25,44	14,39
2202 90 95	2202 90 22	40,79	29,35	20,77	12,19
2202 90 99	2202 90 23	47,68	37,47	29,82	22,16

(*) Għal dawk l-oġġetti, li ssir referenza għalihom fl-Anness 3 sal-Anness 4, il-komponent agrikolu għandu jiġi kkalkolat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19. Il-komponenti agrikoli attwali se jiġu kkalkolati f'erba' tabelli differenti. It-tabella finali (l-Anness 4 li għandu jintuża mill-1 ta' Jannar 1999) tikkalkola l-komponent agrikolu fil-mira. L-ewwel tabella (li għandha tintuża mill-1 ta' Jannar 1996 sal-31 ta' Diċembru 1996), it-tieni tabella (biex tiġi li għandha tintuża mill-1 ta' Jannar 1997 sal-31 ta' Diċembru, 1997) u t-tabella 3 (li għandha tintuża mill-1 ta' Jannar 1998 sal-31 ta' Diċembru 1998) huma stabbiliti bħala żieda fil-komponent agrikolu b'17 %, 10 % u 5 % rispettivament.

(**) Lakumja (Turkish delight) f'forma solida.

(***) Lakumja (Turkish delight) bil-krema.

TABELLA 2

Il-lista tal-oġġetti li għalihom se jinkiseb il-komponent agrikolu fil-mira fl-1 ta' Jannar 1997

Kód KN	Kód HS	1 ta' Lulju 1995	1 ta' Jannar 1996	1 ta' Lulju 1996	1 ta' Jannar 1997
		Zeměděl. složka	Zeměděl. složka	Zeměděl. složka	Komp. agri. fil-mira.
		ECU/100 kg	ECU/100 kg	ECU/100 kg	ECU/100 kg
1704 90 30	1704 90 20	89,67	71,79	58,38	44,96
1704 90 51	1704 90 31	73,95	54,64	40,16	25,67 (*)
1704 90 55	1704 90 32	89,96	63,44	54,55	23,66 (*)
1704 90 61	1704 90 34	71,94	52,63	38,15	23,66 (*)
1704 90 61	1704 90 39	71,94	52,63	38,15	23,66 (*)
1704 90 65	1704 90 41	71,94	52,63	38,15	23,66 (*)
1704 90 65	1704 90 42	71,94	52,63	38,15	23,66 (*)
1704 90 65	1704 90 49	71,94	52,63	38,15	23,66 (*)
1704 90 71	1704 90 51	71,94	52,63	38,15	23,66 (*)
1704 90 75	1704 90 52	71,94	52,63	38,15	23,66 (*)
1704 90 81	1704 90 61	71,94	52,63	38,15	23,66 (*)
1704 90 99	1704 90 81	83,85	64,54	50,06	35,57 (*)
1704 90 99	1704 90 82	71,94	52,63	38,15	23,66 (*)
1704 90 99	1704 90 89	71,94	52,63	38,15	23,66 (*)
1806 10 20	1806 10 10	68,40	49,84	35,92	22,00
1806 10 30	1806 10 20	71,71	54,03	40,77	27,51
1806 10 90	1806 10 30	106,68	78,68	57,68	36,68
1806 20 10	1806 20 10	66,80	53,63	43,75	33,86 (*)
1806 20 30	1806 20 20	66,80	53,63	43,75	33,86 (*)
1806 20 50	1806 20 31	66,80	53,60	43,75	33,86 (*)
1806 20 70	1806 20 32	53,90	45,94	39,93	33,86 (*)
1806 20 80	1806 20 33	66,80	53,63	43,75	33,86 (*)
1806 20 95	1806 20 39	66,80	53,63	43,75	33,86 (*)
1806 31 00	1806 31 10	101,36	74,36	54,11	33,86 (*)

Kód KN	Kód HS	1 ta' Lulju 1995	1 ta' Jannar 1996	1 ta' Lulju 1996	1 ta' Jannar 1997
		Zeměděl. složka	Zeměděl. složka	Zeměděl. složka	Komp. agri. fil-mira.
		ECU/100 kg	ECU/100 kg	ECU/100 kg	ECU/100 kg
1806 31 00	1806 31 90	97,72	70,72	50,48	30,22 (*)
1806 32 10	1806 32 10	92,54	69,07	51,47	33,86 (*)
1806 32 90	1806 32 90	82,81	57,83	39,09	20,35 (*)
1806 90 11	1806 90 11	113,24	81,49	57,68	33,86 (*)
1806 90 19	1806 90 19	113,24	81,49	57,68	33,86
1806 90 31	1806 90 21	113,24	81,49	57,68	33,86 (*)
1806 90 39	1806 90 22	113,24	81,49	57,68	33,86 (*)
1806 90 50	1806 90 30	113,24	81,49	57,69	33,86 (*)
1806 90 60	1806 90 40	113,21	81,49	57,68	33,86 (*)
1806 90 70	1806 90 50	113,24	81,49	57,68	33,86 (*)
1806 90 90	1806 90 90	113,24	81,49	57,68	33,86 (*)
1901 10 00	1901 10 19	139,12	108,50	85,53	62,55 (*)
1901 10 00	1901 10 20	139,12	108,50	85,53	62,55 (*)
1901 10 00	1901 10 90	139,12	108,50	85,53	62,55
1901 20 00	1901 20 10	37,85	26,76	18,44	10,11 (*)
1901 20 00	1901 20 20	37,85	26,76	18,44	10,11 (*)
1901 20 00	1901 20 90	37,85	26,76	18,44	10,11 (*)
1901 90 11	1901 90 11	35,45	23,57	14,66	5,75
1901 90 19	1901 90 19	21,85	14,99	9,85	4,69
2106 90 98	2106 90 51	117,74	84,49	59,55	34,61 (*)
2106 90 98	2106 90 52	117,74	84,49	59,55	34,61 (*)
2106 90 98	2106 90 53	117,74	84,49	59,55	34,61 (*)
2106 90 98	2106 90 54	117,74	84,49	59,55	34,61 (*)
2106 90 98	2106 90 55	117,74	84,49	59,55	34,61 (*)
2106 90 98	2106 90 56	117,74	84,49	59,55	34,61 (*)
2106 90 98	2106 90 59	113,24	81,49	57,68	33,86 (*)

(*) Dan il-komponent agrikolu huwa bbażat fuq il-kompożizzjoni medja tal-oġġetti. Għal dawk l-oġġetti, mill-1 ta' Jannar 1997, mingħajr ebda proċedura ta' allinjament, il-komponent agrikolu se jiġi kkalkolat permezz tal-Anness 4.

ANNESS 7

dwar assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi fi kwistjonijiet doganali

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan l-Anness:

(a) "leġiżlazzjonijiet doganali" għandha tfisser id-dispożizzjonijiet adottati mill-Komunità Ewropea u t-Turkija li jirregolaw l-importazzjoni, l-esportazzjoni, it-transitu tal-oġġetti u t-tqegħid tagħhom fi kwalunkwe proċedura doganali, inklużi miżuri ta' projbizzjoni, restrizzjoni u kontroll;

(b) "dazji doganali" għandha tfisser id-dazji, taxxi, miżati jew ħlasijiet oħra kollha li huma imposti u miġbura fit-territorji tal-Partijiet, bl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni doganali, imma mingħajr ma jinkludu miżati u ħlasijiet li huma limitati fl-ammont għall-ispejjeż approssimattivi tas-servizzi mwettqa;

(c) "awtorità li tagħmel it-talba" għandha tfisser awtorità amministrattiva kompetenti li ġiet maħtura minn Parti għal dan il-għan u li tagħmel talba għall-għajnuna fi kwistjonijiet doganali;

(d) "awtorità li tirċievi t-talba" għandha tfisser awtorità amministrattiva kompetenti li ġiet maħtura minn Parti għal dan il-għan u li tirċievi talba għall-assistenza fi kwistjonijiet doganali;

(e) "dejta personali" għandha tfisser l-informazzjoni kollha relatata ma' individwu identifikat jew identifikabbli.

Artikolu 2

Kamp ta' applikazzjoni

1. Il-Partijiet għandhom jgħinu lil xulxin, fi ħdan il-kompetenza tagħhom, bil-mod u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness, biex jiżguraw li l-leġiżlazzjoni doganali tiġi applikata b'mod korrett, b'mod partikolari bil-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni ta' operazzjonijiet li jiksru dik il-leġiżlazzjoni.

2. L-assistenza fi kwistjonijiet doganali, kif previst f'dan l-Anness, għandha tapplika għal kwalunkwe awtorità amministrattiva tal-Partijiet li tkun kompetenti għall-applikazzjoni ta' dan l-Anness. Din ma għandhiex tippreġudika r-regoli li jirregolaw l-assistenza reċiproka fi kwistjonijiet kriminali. Lanqas ma għandha tkopri informazzjoni miksuba taħt setgħat eżerċitati fuq talba tal-awtoritajiet ġudizzjarji sakemm dawk l-awtoritajiet ma jiftiehmux hekk.

Artikolu 3

Assistenza fuq talba

1. Fuq talba tal-awtorità li tagħmel it-talba, l-awtorità li tirċievi t-talba għandha tagħtiha kwalunkwe informazzjoni li tista' tippermetti li din tiżgura li l-leġiżlazzjoni doganali tiġi applikata b'mod korrett, inkluża informazzjoni li tirrigwarda l-operazzjonijiet innutati jew ippjanati li huma jew jistgħu jiksru l-leġiżlazzjoni.

2. Fuq talba tal-awtorità li tagħmel it-talba, l-awtorità li tirċievi t-talba għandha tinformaha jekk oġġetti esportati mit-territorji ta' waħda mill-Partijiet tkunx ġiet importata kif suppost fit-territorju tal-Parti l-oħra, u tispeċifika, fejn xieraq, il-proċedura doganali applikata għall-oġġetti.

3. Fuq talba tal-awtorità li tagħmel it-talba, l-awtorità li tirċievi t-talba għandha tinfurmaha jekk l-oġġetti importati fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet kinux esportati kif suppost mit-territorju tal-Parti l-oħra, u tispeċifika, fejn xieraq, il-proċedura doganali applikata għall-oġġetti.

4. Fuq talba tal-awtorità li tagħmel it-talba, l-awtorità li tirċievi t-talba għandha tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li tinżamm għassa speċjali fuq:

(a) persuni naturali jew ġuridiċi li jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jaħseb li qed jiksru jew kisru l-leġiżlazzjoni doganali;

(b) postijiet fejn l-oġġetti jinħażnu b'tali illi jagħti lok għal suspetti li dawn ikunu maħsuba għall-forniment ta' operazzjonijiet li jmorru kontra l-leġiżlazzjoni doganali;

(c) il-movimenti ta' oġġetti notifikati bħala li jistgħu jwasslu għal ksur tal-leġislazzjoni doganali;

(d) il-mezzi ta' trasport li jkun hemm bażi raġonevoli biex wieħed jemmen li kienu, huma jew jistgħu jintużaw f'operazzjonijiet li jiksru l-leġiżlazzjoni doganali.

Artikolu 4

Assistenza spontanja

Il-Partijiet għandhom jipprovdu lil xulxin, skont il-liġijiet tagħhom, regoli u strumenti legali oħra tagħhom, b'assistenza jekk jaħsbu li tkun neċessarja għall-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni doganali, partikolarment meta jiksbu informazzjoni rigward:

— operazzjonijiet li jikkostitwixxu, jew jidhrilhom li jikkostitwixxu, ksur ta' tali leġiżlazzjoni u li jistgħu jkunu ta' interess għall-Parti l-oħra,

— mezzi jew metodi ġodda użati sabiex jitwettqu dawn l-operazzjonijiet,

— oġġetti magħrufa li jkunu soġġetti għal ksur tal-leġiżlazzjoni doganali.

Artikolu 5

Kunsinna/notifika

Fuq talba tal-awtorità li tagħmel it-talba, l-awtorità li tirċievi t-talba għandha, skont il-leġislazzjoni tagħha, tieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex:

— tibgħat id-dokumenti kollha,

— tinnotifika d-deċiżjonijiet kollha

li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-Anness lil destinatarju residenti jew stabbilit fit-territorju tagħha. F'każ bħal dan, l-Artikolu 6(3) għandu japplika.

Article 6

Forma u sustanza tat-talbiet għall-assistenza

1. Talbiet skont dan l-Anness għandhom isiru bil-miktub. Dokumenti neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' dawn it-talbiet għandhom jakkumpanjaw it-talba. Meta jkun meħtieġ minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, talbiet li jsiru oralment jistgħu jiġu aċċettati, iżda għandhom jiġu kkonfermati bil-miktub immedjatament.

2. It-talbiet magħmulin skont il-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-awtorità li tkun qed tagħmel it-talba;

(b) il-miżura mitluba;

(c) l-għan u r-raġuni għat-talba;

(d) il-liġijiet, ir-regoli u l-elementi legali oħrajn involuti;

(e) indikazzjonijiet preċiżi u komprensivi kemm jista' jkun dwar il-persuni naturali jew ġuridiċi li jkunu fil-mira tal-investigazzjonijiet;

(f) sommarju tal-fatti rilevanti u l-inkjesti mwettqa diġà, ħlief fil-każijiet previsti fl-Artikolu 5.

3. It-talbiet għandhom jiġu ssottomessi bil-lingwa uffiċjali tal-awtorità mitluba jew b'lingwa aċċettabbli għal tali awtorità.

4. Jekk talba ma tkunx tissodisfa l-ħtiġijiet formali, tista' tintalab il-korrezzjoni jew tlestija tagħha; madankollu, tista' ssir ordni għal miżuri ta' prekawzjoni.

Artikolu 7

Eżekuzzjoni tat-talbiet

1. Sabiex tikkonforma ma' talba għall-assistenza, l-awtorità li tirċievi t-talba jew, meta din tal-aħħar ma tkunx tista' taġixxi waħedha, id-dipartiment amministrattiv li lilu tkun indirizzata t-talba minn din l-awtorità, għandha tipproċedi, skont il-kompetenza tagħha u r-riżorsi disponibbli, daqs li kieku qed taġixxi f'isimha stess jew fuq talba tal-awtoritajiet l-oħra tal-istess Parti, billi tipprovdi informazzjoni diġà fil-pussess tagħha, billi twettaq inkjesti xierqa jew billi tirranġa biex dawn jitwettqu..

2. It-talbiet għall-assistenza għandhom jsiru skont il-liġi, ir-regoli u l-istrumenti legali oħrajn tal-Parti li tirċievi t-talba.

3. L-uffiċjali awtorizzati debitament ta' Parti jistgħu, bi qbil mal-Parti l-oħra involuta u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti minn din tal-aħħar, jiksbu mill-uffiċċji tal-awtorità li tirċievi t-talba jew awtorità oħra li l-awtorità li tirċievi t-talba tkun responsabbli għaliha, informazzjoni relatata mal-ksur tal-leġiżlazzjoni doganali li l-awtorità li tagħmel it-talba tkun teħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Anness.

4. L-Uffiċjali ta' Parti jistgħu, bi ftehim mal-Parti l-oħra involuta u skont il-kundizzjonijiet stabbiliti minn din tal-aħħar, ikunu preżenti għal inkjesti mwettqa fit-territorju ta' din tal-aħħar.

Artikolu 8

Il-forma li fiha għandha tiġi kkomunikata l-informazzjoni

1. L-awtorità li tirċievi t-talba għandha tikkomunika r-riżultati tal-inkjesti lill-awtorità li tagħmel it-talba fil-forma ta' dokumenti, kopji ċċertifikati ta' dokumenti, rapporti u dokumenti simili.

2. Id-dokumenti pprovduti fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu sostitwiti b'informazzjoni kompjuterizzata prodotta fi kwalunkwe forma għall-istess għan.

Artikolu 9

Eċċezzjonijiet għall-obbligu li tingħata assistenza

1. Il-Partijiet jistgħu jirrifjutaw li jagħtu assistenza kif stabbilit f'dan l-Anness, meta jekk jagħmlu dan:

(a) x'aktarx li tiġi ppreġudikata s-sovranità tat-Turkija jew ta' Stat Membru tal-Komunità li jkun intalab assistenza skont dan l-Anness; jew

(b) x'aktarx li tiġi ppreġudikata l-politika pubblika, is-sigurtà jew interessi essenzjali oħra, jew

(c) ikunu involuti regolamenti tal-munita jew tat-taxxa minbarra regolamenti li jikkonċernaw dazji doganali; jew

(d) jinkiser sigriet industrijali, kummerċjali jew professjonali.

2. Meta l-awtorità li tagħmel it-talba titlob assistenza li hi nnifisha ma tkunx tista' tipprovdi jekk tiġi mitluba hekk, hija għandha tiġbed l-attenzjoni lejn dak il-fatt fit-talba tagħha. Imbagħad huwa f'idejn l-awtorità li tirċievi t-talba biex tiddeċiedi kif twieġeb talba bħal din.

3. Jekk l-assistenza tiġi miżmuma jew miċħuda, id-deċiżjoni u r-raġunijiet għal dan għandhom jiġu notifikati lill-awtorità li tagħmel it-talba mingħajr dewmien.

Artikolu 10

Obbligu li tiġi mħarsa l-kunfidenzjalità

1. Kwalunkwe informazzjoni kkomunikata fi kwalunkwe forma skont dan l-Anness għandha tkun ta' natura kunfidenzjali. Hija għandha tkun koperta bl-obbligu tas-segretezza uffiċjali u għandha tgawdi l-protezzjoni estiża għal informazzjoni simili skont il-liġijiet rilevanti tal-Parti li tirċeviha u d-dispożizzjonijiet korrispondenti li japplikaw għall-awtoritajiet Komunitarji.

2. Id-dejta personali tista' tiġi trażmessa biss jekk il-livell ta' protezzjoni personali mogħtija mil-leġiżlazzjonijiet tal-Partijiet ikun ekwivalenti. Il-Partijiet għandhom jiżguraw mill-inqas livell ta' protezzjoni bbażat fuq il-prinċipji tal-Konvenzjoni dwar il-Kunsill tal-Ewropa Nru 108 tat-28 ta' Jannar 1981 għall-Protezzjoni tal-Individwi f'dak li jirrigwarda l-Ipproċessar Awtomatiku ta' Dejta Personali.

Artikolu 11

L-Użu tal-informazzjoni

1. L-informazzjoni miksuba għandha tintuża biss għall-finijiet ta' dan l-Anness u tista' tintuża fi ħdan kull Parti għal finijiet oħra biss bil-kunsens minn qabel bil-miktub tal-awtorità amministrattiva li tkun provdiet l-informazzjoni u għandha tkun soġġetta għal kwalunkwe restrizzjoni stipulata minn dik l-awtorità.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux jimpedixxi l-użu ta' informazzjoni fi kwalunkwe proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi sussegwentement mibdija għal nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni doganali.

L-awtorità kompetenti li tkun provdiet dik l-informazzjoni għandha tkun innotifikata minnufih dwar dan l-użu.

3. Il-Partijiet jistgħu, fir-rekords tagħhom ta' evidenza, rapporti u xhieda u fi proċedimenti u akkużi mressqa quddiem il-qrati, jużaw bħala evidenza informazzjoni miksuba u dokumenti kkonsultati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

Artikolu 12

Esperti u xhieda

Uffiċjal ta' awtorità li tirċievi t-talba jista' jkun awtorizzat sabiex jidher, fil-limitazzjonijiet tal-awtorizzazzjoni mogħtija, bħala espert jew xhud fi proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi rigward il-kwistjonijiet koperti b'dan l-Anness fil-ġurisdizzjoni ta' Parti oħra, u jressaq tali oġġetti, dokumenti jew kopji awtentikati tagħhom li jistgħu jkunu meħtieġa għall-proċeduri. It-talba għal dehra għandha tindika speċifikament fuq liema kwistjonijiet u bis-saħħa ta' liema titolu jew kwalifika ta' uffiċjal għandha ssir l-interrogazzjoni.

Artikolu 13

Spejjeż ta' assistenza

Il-Partijiet għandhom jirrinunzjaw it-talbiet kollha kontra xulxin għar-rimborż tal-ispejjeż imġarrba skont dan l-Anness, ħlief, kif xieraq, għal spejjeż għall-esperti u xhieda u għal interpreti u tradutturi li ma jkunux impjegati tas-servizz pubbliku.

Artikolu 14

Implimentazzjoni

1. L-applikazzjoni ta' dan l-Anness għandha tiġi fdata lill-awtoritajiet doganali ċentrali tat-Turkija minn naħa waħda u lis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej u, fejn xieraq, lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri tal-KE min-naħa l-oħra.

Huma għandhom jiddeċiedu dwar il-miżuri u l-arranġamenti prattiċi kollha meħtieġa għall-applikazzjoni tiegħu, b'kunsiderazzjoni tar-regoli fil-qasam tal-protezzjoni tad-dejta.

2. Il-Partijiet għandhom jikkonsultaw lil xulxin u sussegwentement iżommu lil xulxin infurmati dwar ir-regoli dettaljati ta' implimentazzjoni li huma adottati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.

Artikolu 15

Komplementarjetà

1. Dan l-Anness għandu jikkomplementa u mhux ifixkel l-applikazzjoni ta' kwalunkwe ftehim dwar għajnuna reċiproka li jkun ġie konkluż bejn Stat Membru wieħed jew aktar tal-Komunità Ewropea u t-Turkija. Lanqas ma għandu jipprekludi aktar assistenza reċiproka estensiva garantita skont ftehimiet bħal dawn.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11, dawn il-ftehimiet ma jippreġudikawx id-dispożizzjonijiet Komunitarji li jirregolaw il-komunikazzjoni bejn is-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri ta' kwalunkwe informazzjoni miksuba fi kwistjonijiet doganali li jistgħu jkunu ta' interess Komunitarju.

ANNESS 8

dwar il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali

Artikolu 1

1. Il-Partijiet jikkonfermaw l-importanza li huma jagħtu lill-obbligi li jirriżultaw minn aspetti relatati mal-Ftehim dwar aspetti tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali relatati mal-Kummerċ konkluż fin-negozjati kummerċjali multilaterali fiċ-ċiklu tal-Urugwaj.

F'dak ir-rigward, it-Turkija timpenja ruħha li timplimenta l-Ftehim TRIPS mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

2. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, il-livell ta' protezzjoni u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali bejn iż-żewġ Partijiet, id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim TRIPS se japplikaw wara d-dħul fis-seħħ tiegħu għaż-żewġ Partijiet sa fejn ma jkunx hemm regoli stabbiliti f'din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

It-Turkija għandha tkompli ttejjeb il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali sabiex jiġi żgurat livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak eżistenti fil-Komunità Ewropea u għandha tieħu miżuri xierqa biex tiżgura li dawn id-drittijiet jiġu rispettati. Għal dan il-għan għandhom japplikaw l-Artikoli li ġejjin.

Artikolu 3

Qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni, it-Turkija għandha tissieħeb fil-Konvenzjonijiet multilaterali li ġejjin dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali:

— l-Att ta' Pariġi (1971) tal-Konvenzjoni ta' Bern għall-protezzjoni ta' xogħlijiet letterarji u artistiċi,

— il-Konvenzjoni ta' Ruma (1961) għall-protezzjoni tal-artisti, il-produtturi tal-fonogrammi u l-organizzazzjonijiet tax-xandir,

— l-Att ta' Stokkolma (1967) tal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-protezzjoni tal-proprjetà industrijali (kif emendat fl-1979),

— il-Ftehim ta' Nizza dwar il-Klassifikazzjoni Internazzjonali ta' Merkanzija u Servizzi għall-finijiet tar-Reġistrazzjoni ta' Marki (l-Att ta' Ġinevra, 1977, kif emendat fl-1979), u

— it-Trattat ta' Kooperazzjoni dwar il-Privattivi (PCT, 1970, kif emendat fl-1979 u modifikat fl-1984).

Artikolu 4

Qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, it-Turkija għandha tadotta leġiżlazzjoni domestika fl-oqsma li ġejjin li tkun ekwivalenti għal-leġiżlazzjoni adottata fil-Komunità jew fl-Istati Membri tagħha:

1. Il-leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet simili li tipprovdi:

   — għat-termini ta' protezzjoni f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 93/98/KEE (ĠU L 290 tal-24 ta' Novembru 1993),

   — għall-protezzjoni tad-drittijiet simili skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/100/KEE (ĠU L 346 tas-27 ta' Novembru 1992),

   — għad-drittijiet ta' kera u ta' self skont id-Direttiva tal-Kunsill 92/100/KEE (ĠU L 346 tas-27 ta' Novembru 1992),

   — għall-protezzjoni ta' programmi tal-kompjuter bħala xogħlijiet letterarji skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/250/KEE (ĠU L 122 tas-17 ta' Mejju 1991).

2. Il-leġiżlazzjoni dwar il-privattivi li b'mod partikolari tipprovdi għal:

   — regoli dwar il-liċenzjar obbligatorju li jissodisfa mill-inqas l-istandards TRIPS,

— privattivibbiltà tal-invenzjonijiet kollha, minbarra prodotti farmaċewtiċi u proċessi għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali iżda inklużi l-prodotti u l-proċessi agrokimiċi ([1]),

— terminu tal-privattivi ta' 20 sena mid-data tal-preżentazzjoni.

3. Leġiżlazzjoni dwar il-marki kummerċjali u tas-servizzi skont id-Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE (ĠU L 40 tal-11 ta' Frar 1989).

4. Leġiżlazzjonijiet tad-disinji industrijali, notevolment inkluża l-protezzjoni tad-disinji fi prodotti ta' tessuti ([2]).

5. Protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, inklużi denominazzjonijiet tal-oriġini f'konformità mal-leġiżlazzjoni KE ([3]).

6. Leġiżlazzjoni dwar l-infurzar fuq il-fruntieri kontra ksur tal-IPR (inklużi mill-inqas marki kummerċjali, drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati u drittijiet tad-disinn) f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3842/86 (ĠU L 357 tat-18 ta' Diċembru 1986) ([4]).

Artikolu 5

Minkejja t-tieni inċiż tal-Artikolu 1(1), għall-amministrazzjoni effettiva u l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, it-Turkija tieħu l-impenn li qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni tieħu l-miżuri kollha neċessarji għat-twettiq tal-obbligi tagħha taħt il-Parti III tal-Ftehim TRIPS.

Minkejja t-tieni inċiż tal-Artikolu 1(1), it-Turkija qed timpenja ruħha wkoll qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-deċiżjoni biex tieħu l-miżuri kollha neċessarji għat-twettiq tal-obbligi tagħha taħt il-Parti II, Taqsima 4 (l-Artikoli 25 u 26) tal-Ftehim TRIPS.

Artikolu 6

Mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni, it-Turkija se tadotta leġiżlazzjoni, jew tirrevedi dik eżistenti, sabiex tiżgura qabel l-1 ta' Jannar 1999 il-privattivibbiltà tal-prodotti u l-proċessi farmaċewtiċi.

Artikolu 7

Mhux aktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni it-Turkija għandha:

1. taderixxi mal-konvenzjonijiet li ġejjin dwar il-proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali, sakemm il-KE jew l-Istati Membri kollha tagħha jkunu Partijiet fihom:

— il-Protokoll għall-Ftehim ta' Madrid dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali ta' marki (1989),

— it-Trattat ta' Budapest dwar ir-rikonoxximent internazzjonali tad-depożitu ta' mikro-organiżmi għall-finijiet tal-proċeduri ta' privattivi (1977, u emendat fl-1980), u

— il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti (UPOV, Att ta' Ġinevra 1991);

2. tadotta leġiżlazzjoni domestika fl-oqsma li ġejjin, sabiex tikseb l-allinjament mal-leġiżlazzjoni fil-KE:

— Fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet simili:

  — leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet simili applikabbli għal xogħlijiet trażmessi bil-kejbil jew bis-satellita skont id-Direttiva tal-Kunsill 93/83/KEE (ĠU L L 248 tas-6 ta' Ottubru 1993),

  — il-protezzjoni ta' bażijiet tad-dejta ([5]),

— Fil-qasam tal-proprjetà industrijali:

  — il-protezzjoni ta' topografiji ta' semikondutturi skont id-Direttiva tal-Kunsill 87/54/KEE (ĠU L 24 tas-27 ta' Jannar 1987),

  — il-protezzjoni ta' għarfien u leġiżlazzjoni dwar sigrieti kummerċjali konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri,

  — il-protezzjoni għal drittijiet tal-varjetajiet tal-pjanti ([6]).

([1]) Għar-rekord ukoll: il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' invenzjonijiet bijoteknoloġiċi (ĠU Nru C 44, 16.2.1993).
([2]) Għar-rekord: il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar id-disinn Komunitarju
([3]) Il-lista ta' Regolamenti inkwistjoni għandha tintbagħat mill-Kummissjoni.
([4]) Għar-rekord: il-proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament imsemmi hawn fuq (ĠU Nru C 238, 29.9.1993)
([5]) Ara l-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar il-protezzjoni legali ta' bażijiet tad-dejta (ĠU Nru C 156, 23.6.1992).
([6]) Ara l-proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill (KEE) dwar id-drittijiet Komunitarji dwar il-varjetà tal-pjanti (ĠU C 113, 23.4.1993).

Artikolu 8

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jiddeċiedi li l-Artikoli 3 sa 7 jistgħu japplikaw ukoll għal konvenzjonijiet multilaterali oħrajn jew oqsma ta' leġiżlazzjoni dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

Artikolu 9

Il-Kumitat Konġunt tal-Unjoni Doganali għandu jissorvelja l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-IPR ta' din id-Deċiżjoni u jwettaq kompiti oħra li l-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jista' jassenjalu. Il-Kumitat għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni li jista' jinkludi l-istabbiliment ta' sottokumitat dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.

Artikolu 10

1. Il-Partijiet jaqblu li għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, il-proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali tinkludi b'mod partikolari d-drittijiet tal-awtur, inklużi d-drittijiet tal-awtur fi programmi tal-kompjuter, u drittijiet relatati, disinji industrijali, indikazzjonijiet ġeografiċi inklużi denominazzjonijiet ta' oriġini, marki kummerċjali u marki tas-servizzi, topografiji ta' ċirkuwiti integrati kif ukoll protezzjoni kontra kompetizzjoni inġusta kif imsemmi fl-Artikolu 10a tal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-protezzjoni tal-proprjetà industrijali u l-protezzjoni ta' informazzjoni sigrieta dwar l-għarfien.

2. Din id-deċiżjoni ma timplikax biss eżawriment tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali applikati fir-relazzjonijiet kummerċjali bejn iż-żewġ Partijiet taħt din id-Deċiżjoni.

ANNESS 9

Lista ta' kumitati msemmija fl-Artikolu 60

Il-Kumitat dwar in-Nomenklatura

Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali

Il-Kumitat għall-Istatistika tal-Kummerċ Barrani

ANNESS 10

dwar ir-reġimi awtonomi u ftehimiet preferenzali msemmija fl-Artikolu 16

1. Ir-reġimi awtonomi msemmija fl-Artikolu 16 huma:

— is-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi,

— ir-reġim għal oġġetti li joriġinaw fit-Territorji Okkupati,

— ir-reġim għal oġġetti li joriġinaw f'Ceuta jew f'Melilla,

— ir-reġim għal oġġetti li joriġinaw fir-Repubbliki tal-Bosnja-Ħerżegovina, il-Kroazja u s-Slovenja u t-territorju ta' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja.

2. Il-ftehimiet preferenzjali li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 16 huma:

— il-Ftehimiet tal-Ewropa mal-Bulgarija, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u r-Repubblika Ċeka,

— il-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles mal-Gżejjer Faeroe,

— il-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni ma' Ċipru u Malta,

— il-Ftehimiet dwar il-Kummerċ Ħieles mal-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja,

— il-Ftehim ma' Iżrael,

— il-Ftehimiet mal-Alġerija, il-Marokk u t-Tuneżija,

— Il-Ftehim mal-Eġittu, il-Ġordan, il-Libanu u s-Sirja,

— il-Konvenzjoni mal-Istati AKP,

— il-Ftehim dwar il-Kummerċ Ħieles mal-Isvizzera u l-Liechtenstein,

— il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea.

EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT